**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1702/2003**

**ta' l-24 ta' Settembru 2003**

**li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 381/2005 tas-7 ta' Marzu 2005 | L 338M | 189 | 17.12.2008 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 706/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 | L 330M | 391 | 28.11.2006 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 335/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 | L 56M | 215 | 29.2.2008 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 375/2007 tat-30 ta' Marzu 2007 | L 312M | 316 | 22.11.2008 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1057/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 | L 283 | 30 | 28.10.2008 |
| ►M6 | Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1194/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 | L 321 | 5 | 8.12.2009 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 76M, 24.3.2009, p. 101 (381/2005)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 58, 9.3.2010, p. 23 (1194/2009)

►C3 Emendi, Ġ.U. L 169, 3.7.2010, p. 35 (1702/2003)

▼B

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1702/2003

## ta' l-24 ta' Settembru 2003

## li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (EC) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni [1] (hawn aktar "l quddiem imsejjaħ" ir-Regolament bażiku, kif adattat bir-Regolament (KE) Nru 1701/2003 [2], u b'mod partikulari l-Artikoli 5 u 6 fih imsemmija,

Billi:

(1) Ir-regolament bażiku jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni essenzjali biex jipprovdi għal livell uniformi għoli ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili u protezzjoni ta' l-ambjent; huwa jitlob lill-Kummissjoni biex biex tadotta r-regoli meħtieġa biex jimplimentawh sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom; huwa jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (hawn aktar 'l quddiem imsejjħa "l-Aġenzija") biex tassisti l-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' l-imsemmija regoli ta' implimentazzjoni.

(2) Ir-rekwiżiti eżistenti ta' l-avjazzjoni fil-qasam ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 [3] kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2871/2000 [4], ser jitħassar b'effett mit-28 ta' Settembru 2003.

(3) Huwa meħtieġ li jiġu addottati rekwiżiti tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi biex jiżguraw l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-kompatibilità ambjentali tal-prodotti, bċejjeċ u apparati aeronawtiċi, suġġett għar-Regolament bażiku; dawn ir-rekwiżiti u proċeduri għandhom jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għall-ħruġ, manteniment, tibdil, sospensjoni jew revoka taċ-ċertifikati relattivi.

(4) L-organizzazzjonijiet involuti fid-disinn u produzzjoni tal-prodotti, bċejjeċ u apparat għandhom jintalbu biex ikunu konformi ma' ċerti rekwiżiti tekniċi sabiex juru l-kapaċità u l-mezzi tagħhom biex jaqdu dmirijiethom u l-privileġġi magħhom assoċjati; il-Kummissjoni hija mitluba taddotta miżuri u tistabbilixxi kondizzjonijiet għall-ħruġ, mantniment, tibdil, sospensjoni jew revoka taċ-ċertifikati li jagħtu xhieda ta' dik il-konformità.

---

(1) ĠU L 240, tas-7.9.2002, p. 1.
(2) ĠU L 243, tas-27.9.2003, p. 5.
(3) ĠU L 373, tal-31.12.1991, p. 4.
(4) ĠU L 333, tat-23.12.2000, p. 47.

▼B

(5) Fl-addozzjoni ta' miżuri għall-implimentazzjoni ta' kriterji essenzjali komuni fil-qasam ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, l-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb li dawn ikunu jirriflettu l-istat ta' l-arti u l-aqwa prattiċi, meta jkunu konsidrati l-esperjenza ta' l-avjazzjoni fid-dinja u l-progress xjentifiku u tekniku, filwaqt li tippermetti li jkun hemm reazzjoni immedjata għal kawżi stabbiliti ta' inċidenti serji.

(6) Il-bżonn li biex tkun żgurata l-uniformità fl-applikazzjoni ta' kriterji komuni dwar l-adegwità ambjentali u ta' l-avjazzjoni għall-prodotti, partijiet u tagħmir aeronawtiku jeħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jsegwu proċeduri komuni u, fejn ikun japplika, l-Aġenzija trid teżamina l-konformità ma' dawn il-kriterji; l-Aġenzija għandha tiżviluppa speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, kif ukoll materjal ta' gwida biex jiffaċilita l-uniformità regolatorja meħtieġa.

(7) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li jkun hemm transizzjoni bla xkiel għall-qafas regolatorju ġdid ta' l-Aġenzija li għandu jiżgura li jkun hemm livell għoli u uniformi ta' sigurtà fl-avjazzjoni ċivili fil-Komunità; huwa meħtieġ li jkun hemm żmien biżżejjed għall-industrija ta' l-avjazzjoni u għall-amministrazzjonijiet ta' l-Istati Membri biex dawn jikkonformaw ruħhom ma' dan il-qafas ġdid u li jagħrfu l-issoktar tal-validità taċ-ċertifikati maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, f'konformità ma' l-Artikolu 57 tar-Regolament bażiku.

(8) Il-miżuri li hemm f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni li tat l-Aġenzija [1] f'konformità ma' l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament bażiku.

(9) Il-miżuri li hemm f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni (AESA) stabbilita bl-Artikolu 54(3) tar-Regolament bażiku,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi, f'konformità ma' l-Artikolu 5(4) u 6(3) tar-Regolament bażiku, kriterji tekniċi komuni u proċeduri amministrattivi biex tkun ċertifikata l-adegwità għall-ajru u dik ambjentali ta' prodotti, partijiet u tagħmir. Dawn għandhom jispeċifikaw:

(a) il-ħruġ ta' ċertifikati tat-tip, ċertifikati ristretti tat-tip, ċertifikati supplementari tat-tip u tibdiliet għal dawk iċ-ċertifikati;

(b) il-ħruġ ta' ċertifikati ta' l-adegwità għall-ajru, ċertifikati ristretti ta' l-adegwità għall-ajru, permessi tat-titjir u ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat;

(ċ) il-ħruġ ta' approvazzjonijiet ta' disinji ta' tiswija;

(d) it-turija tal-konformità mal-kriterji tal-protezzjoni ta' l-ambjent;

(e) il-ħruġ ta' ċertifikati tal-ħoss;

(f) l-identifikazzjoni ta' prodotti, partijiet u tagħmir;

(g) iċ-ċertifikazzjoni ta' ċerti partijiet u tagħmir;

---

[1] 1.9.2003.

▼B

(h) iċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-disinn u l-produzzjoni;

(i) il-ħruġ ta' direttivi ta' l-adegwità għall-ajru.

2. Għall-għan ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu japplikaw:

(a) "JAA" - tfisser "Awtoritajiet ta' l-Avjazzjoni Konġunti".

(b) "JAR" - tfisser "Rekwiżiti ta' l-Avjazzjoni Konġunti".

(c) Il-"Parti 21" tfisser il-kriterji u proċeduri li jwasslu għaċ-ċertifikazzjoni ta' ajruplani u prodotti, partijiet u tagħmir relatat, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-disinn u l-produzzjoni annessi ma' dan ir-Regolament.

(d) Il-"Parti M" tfisser il-kriterji applikabbli ta' l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, addottati f'konformità mar-Regolament bażiku.

▼M6

(e) "post prinċipali tan-negozju" tfisser l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat tal-impriża li fiha jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv tal-attivitajiet imsemmija f'dan ir-Regolament.

(f) "oġġett" tfisser kwalunkwe parti u tagħmir li se jintuża fuq inġenji tal-ajru ċivili.

(g) "ETSO" tfisser Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew (*European Technical Standard Order*). L-Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew hija speċifikazzjoni dettaljata ta' ajrunavigabbiltà maħruġa mill-Aġenzija biex tiżgura li ż-żamma tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tkun standard ta' prestazzjoni minima għal oġġetti speċifiċi.

(h) "EPA" tfisser Approvazzjoni Ewropea tal-Parti (*European Part Approval*). L-Approvazzjoni Ewropea tal-Parti tfisser li l-oġġett ikun ġie prodott f'konformità mad-dejta tad-disinn approvata li ma tkunx tappartjeni għad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip tal-prodott relatat, ħlief għall-oġġetti tal-ETSO.

▼M4

*Artikolu 2*

**Ċertifikazzjoni ta' prodotti, partijiet u tagħmir**

1. Il-prodotti, partijiet u tagħmir għandu jinħarġilhom ċertifikat kif hemm speċifikat fil-Parti 21.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, inġenji ta' l-ajru, inklużi kull prodott, parti jew tagħmir installat, li ma jkunux reġistrati fi Stat Membru għandhom ikunu eżentati mid-dispożizzjonijiet tas-Subpartijiet H u I tal-Parti 21. Dawn għandhom ikunu eżentati wkoll mid-dispożizzjonijiet tas-Subparti P tal-Parti 21 minbarra meta l-marki ta' identifikazzjoni ta' l-ajruplani jkunu preskritti minn Stat Membru.

▼M4

3. Fejn hemm referenza fl-Anness (il-Parti 21) biex jiġu applikati u/jew osservati d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness I (il-Parti M) mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 u xi Stat Membru jkun eleġġa, f'konformità ma' l-Artikolu 7(3)(a) u (b) ta' dak ir-Regolament, li ma japplikax dik il-Parti sat-28 ta' Settembru 2008, minflok għandhom japplikaw ir-regoli nazzjonali rilevanti sa dik id-data.

*Artikolu 2a*

**Validità kontinwa ta' ċertifikati tat-tip u ċertifikati ta' l-adegwatezza għall-ajru relatati**

1. Rigward prodotti li kellhom ċertifikat tat-tip, jew dokument li kien jippermetti l-ħruġ ta' ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru, maħruġ qabel it-28 ta' Settembru 2003 minn Stat Membru, għandhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-prodott għandu jitqies li jkollu ċertifikat tat-tip maħruġ skond dan ir-Regolament meta:

(i) il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tiegħu tkun:

— il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tal-JAA, għal prodotti li jkunu ġew iċċertifikati skond il-proċeduri tal-JAA, kif iddefinita fl-iskeda informattiva tal-JAA tagħhom, jew

— għal prodotti oħrajn, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip kif iddefinita fl-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip ta' l-Istat tad-disinn, jekk dak l-Istat tad-disinn kien:

— Stat Membru, sakemm l-Aġenzija ma tiddeterminax, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kodiċijiet ta' l-adegwatezza għall-ajru applikati u l-esperjenza fis-servizz, li din il-bażi ta' ċertifikazzjoni tat-tip ma tipprevedix livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak meħtieġ mir-Regolament Bażi u dan ir-Regolament, jew

— Stat li miegħu Stat Membru kien ikkonkluda ftehim bilaterali dwar l-adegwatezza għall-ajru jew arranġament simili li taħtu dawn il-prodotti jkunu ġew iċċertifikati fuq il-bażi tal-kodiċijiet ta' l-adegwatezza għall-ajru ta' dak l-Istat tad-disinn, sakemm l-Aġenzija ma tiddeterminax li dawn il-kodiċijiet ta' l-adegwatezza għall-ajru jew l-esperjenza fis-servizz jew is-sistema ta' sigurtà ta' dak l-Istat tad-disinn ma jipprevedux livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u dan ir-Regolament.

L-Aġenzija għandha tagħmel l-ewwel evalwazzjoni ta' l-implikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tieni inċiż bil-ħsieb li tgħaddi opinjoni lill-Kummissjoni inklużi emendi possibbli ta' dan ir-Regolament;

(ii) ir-rekwiżiti għall-protezzjoni ambjentali kienu dawk stipulati fl-Anness 16 għal-Konvenzjoni ta' Chicago, applikabbli għall-prodott;

(iii) id-direttivi applikabbli dwar l-adegwatezza għall-ajru kienu dawk ta' l-Istat tad-disinn.

▼M4

(b) Id-disinn ta' inġenji ta' l-ajru individwali, li kien fir-reġistru ta' Stat Membru qabel it-28 ta' Settembru 2003, għandu jitqies li kien approvat skond dan ir-Regolament meta:

(i) id-disinn bażiku tat-tip tiegħu kien parti miċ-ċertifikat tat-tip imsemmi fil-punt (a);

(ii) kull bdil f'dan id-disinn tat-tip bażiku, li ma kienx fir-responsabbiltà ta' sid iċ-ċertifikat tat-tip, kien ġie approvat; u

(iii) id-direttivi dwar l-adegwatezza għall-ajru maħruġa jew adottati mill-Istat Membru tar-reġistru qabel it-28 ta' Settembru 2003 kienu qed jiġu osservati, inklużi kwalunkwe varjazzjonijiet fid-direttivi dwar l-adegwatezza għall-ajru ta' l-Istat tad-disinn maqbula ma' l-Istat Membru tar-reġistru.

(c) L-Aġenzija għandha tiddetermina ċ-ċertifikat tat-tip tal-prodotti li ma kinux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt (a) qabel it-28 ta' Marzu 2007.

(d) L-Aġenzija għandha tiddetermina l-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip għall-ħoss għall-prodotti kollha koperti bil-punt (a) qabel it-28 ta' Marzu 2007. Sa ma ssir din id-determinazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jkomplu joħorġu ċertifikati tal-ħoss skond ir-Regolamenti nazzjonali applikabbli.

2. Rigward prodotti li għalihom kien għaddej proċess ta' ċertifikazzjoni tat-tip mill-JAA jew Stat Membru fit-28 ta' Settembru 2003, għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk prodott ikun taħt ċertifikazzjoni minn diversi Stati Membri, il-proġett l-aktar avvanzat għandu jintuża bħala referenza;

(b) 21A.15(a), (b) u (c) tal-Parti 21 m'għandhomx japplikaw;

(c) permezz ta' deroga minn 21A.17(a) tal-Parti 21, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għandha tkun dik stabbilita mill-JAA jew, fejn ikun applikabbli, l-Istat Membru fid-data ta' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni;

(d) konstatazzjonijiet ta' konformità li jkunu saru skond il-proċeduri tal-JAA jew l-Istat Membru għandhom jitqiesu li tkun għamlithom l-Aġenzija għall-iskop ta' konformità ma' 21A.20(a) u (b) tal-Parti 21.

3. Rigward prodotti li jkollhom ċertifikat nazzjonali tat-tip, jew l-ekwivalenti tiegħu, u li għalih il-proċess ta' approvazzjoni ta' bidla li tkun saret minn Stat Membru jkun baqa' ma ġiex iffinalizzat fiż-żmien meta ċ-ċertifikat tat-tip kellu jkun skond dan ir-Regolament, għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk jkun qed jiġi eżegwit proċess ta' approvazzjoni minn diversi Stati Membri, il-proġett l-aktar avvanzat għandu jintuża bħala referenza;

(b) 21A.93 tal-Parti 21 m'għandux japplika;

(c) il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli għandha tkun dik stabbilita mill-JAA jew, fejn ikun applikabbli, mill-Istat Membru fid-data ta' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-bidla;

(d) konstatazzjonijiet ta' konformità li jkunu saru skond il-proċeduri tal-JAA jew l-Istat Membru għandhom jitqiesu li tkun għamlithom l-Aġenzija għall-iskop ta' osservanza ta' 21A.103(a)(2) u (b) tal-Parti 21.

▼M4

4. Rigward prodotti li kellhom ċertifikat nazzjonali tat-tip, jew l-ekwivalenti tiegħu, u li għalih il-proċess ta' approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri li tkun saret minn Stat Membru jkun baqa' ma ġiex iffinalizzat fiż-żmien meta ċ-ċertifikat tat-tip kellu jkun iddeterminat skond dan ir-Regolament, konstatazzjonijiet ta' konformità li jkunu saru skond il-proċeduri tal-JAA jew l-Istat Membru għandhom jitqiesu li tkun għamlithom l-Aġenzija għall-iskop ta' osservanza tal-21A.433(a) tal-Parti 21.

5. Ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru maħruġ minn Stat Membru li jkun jafferma l-konformità maċ-ċertifikat tat-tip determinat skond il-paragrafu 1 għandu jitqies bħala konformi ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2b*

**Validità kontinwa ta' ċertifikati supplimentari tat-tip**

1. Rigward ċertifikati supplimentari tat-tip maħruġa minn Stat Membru skond il-proċeduri tal-JAA jew proċeduri nazzjonali applikabbli u rigward tibdil fil-prodotti propost minn persuni oħrajn barra sid iċ-ċertifikat tat-tip tal-prodott, li kienu ġew approvati minn Stat Membru skond il-proċeduri nazzjonali applikabbli, jekk iċ-ċertifikat supplimentari tat-tip, jew tal-bidla, kien validu fit-28 ta' Settembru 2003, iċ-ċertifikat supplimentari tat-tip, jew tal-bidla għandu jitqies li jkun inħareġ skond dan ir-Regolament.

2. Rigward ċertifikati supplimentari tat-tip li għalihom kien hemm għaddej proċess ta' ċertifikazzjoni minn Stat Membru fit-28 ta' Settembru 2003 skond il-proċeduri tal-JAA applikabbli għal ċertifikat supplimentari tat-tip u rigward bdil maġġuri fil-prodotti, propost minn persuni oħrajn barra sid iċ-ċertifikat tat-tip tal-prodott, li għalih kien hemm għaddej proċess ta' ċertifikazzjoni minn Stat Membru fit-28 ta' Settembru 2003 skond il-proċeduri nazzjonali applikabbli, għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk kien qed jiġi eżegwit proċess ta' ċertifikazzjoni minn diversi Stati Membri, il-proġett l-aktar avvanzat għandu jintuża bħala referenza;

(b) il-21A.113 (a) u (b) tal-Parti 21 m'għandhomx japplikaw;

(c) il-bażi taċ-ċertifikazzjoni applikabbli għandha tkun dik stabbilita mill-JAA jew, fejn ikun applikabbli, l-Istat Membru fid-data ta' l-applikazzjoni għal ċertifikat supplimentari tat-tip jew approvazzjoni għal bidla maġġuri;

(d) konstatazzjonijiet ta' konformità li jkunu saru skond il-proċeduri tal-JAA jew l-Istat Membru għandhom jitqiesu li tkun għamlithom l-Aġenzija għall-iskop ta' osservanza tal-21A.115(a) tal-Parti 21.

▼M4

*Artikolu 2c*

**Tħaddim kontinwu ta' ċerti inġenji ta' l-ajru rreġistrati minn Stati Membri**

1. Rigward ajruplan li ma jistax jitqies li jkollu ċertifikat tat-tip maħruġ skond l-Artikolu 2a (1)(a) ta' dan ir-Regolament, li jkun inħariġlu ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru minn Stat Membru qabel ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 kien daħal fis-seħħ f'dak l-Istat Membru ([1]), u li kienu fir-reġistru tiegħu f'dik id-data, u li kienu għadu fir-reġistru ta' Stat Membru fit-28 ta' Marzu 2007, il-kumbinazzjoni ta' dan li ġej għandha titqies li tikkostitwixxi l-ispeċifikazzjonijiet partikolari ta' l-adegwatezza għall-ajru maħruġa skond dan ir-Regolament:

(a) l-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip u l-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip għall-ħoss, jew dokumenti ekwivalenti, ta' l-Istat tad-disinn, bil-kundizzjoni li l-Istat tad-disinn ikun daħal fi ftehim ta' ħidma xieraq ma' l-Aġenzija skond l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 li jkun ikopri adegwatezza għall-ajru kontinwa tad-disinn ta' dawn l-ajruplan;

(b) ir-rekwiżiti għall-protezzjoni ambjentali stipulati fl-Anness 16 mal-Konvenzjoni ta' Chicago, skond kif ikunu japplikaw għal dawk l-inġenji ta' l-ajru; u

(c) l-informazzjoni kontinwa mandatorja dwar l-adegwatezza għall-ajru ta' l-Istat tad-disinn.

2. L-ispeċifikazzjonijiet partikolari ta' l-adegwatezza għall-ajru għandhom jippermettu l-kontinwazzjoni tat-tip ta' operazzjonijiet li l-inġenji ta' l-ajru kkonċernati kienu intitolati li jeżerċitaw fit-28 ta' Marzu 2007 u għandhom jibqgħu validi sat-28 ta' Marzu 2008, jekk dawn l-ispeċifikazzjonijiet ma jiġux issostitwiti qabel dik id-data b'approvazzjoni ambjentali u tad-disinn maħruġa mill-Aġenzija skond dan ir-Regolament. Ċertifikati ristretti ta' l-adegwatezza għall-ajru għall-inġenji ta' l-ajru kkonċernati għandhom jinħarġu mill-Istati Membri b'konformità mal-Parti 21 Subparti H meta tkun attestata l-konformità ma' dawn l-ispeċifikazzjonijiet.

3. Il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu ta' validità msemmi fil-paragrafu 2 sa massimu ta' 18-il xahar għal inġenji ta' l-ajru ta' ċertu tip, bil-kundizzjoni li jkun ingħata bidu għall-proċess ta' ċertifikazzjoni mill-Aġenzija għal dak it-tip ta' inġenji ta' l-ajru qabel it-28 ta' Marzu 2008 u li l-Aġenzija tiddetermina jekk dan il-proċess ikunx jista' jiġi fi tmiemu fil-perjodu addizzjonali ta' validità. F'dan il-każ l-Aġenzija għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bid-determinazzjoni tagħha.

*Artikolu 2d*

**Validità kontinwa ta' ċertifikati ta' partijiet u tagħmir**

1. Approvazzjonijiet ta' partijiet u tagħmir maħruġa minn Stat Membru u li kienu validi sat-28 ta' Settembru 2003 għandhom jitqiesu li nħarġu skond dan ir-Regolament.

2. Rigward partijiet u tagħmir li għalihom kien hemm għaddej proċess ta' awtorizzazzjoni minn Stat Membru fit-28 ta' Settembru 2003, għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk kien hemm għaddej proċess ta' awtorizzazzjoni minn diversi Stati Membri, il-proġett l-aktar avvanzat għandu jintuża bħala referenza;

([1]) Għall-EUR 15: 28 ta' Settembru 2003; għall-EUR 10: 1 ta' Mejju 2004 u għall-EUR 2: 1.1.2007.

▼M4

(b) il-21A.603 tal-Parti 21 m'għandux japplika;

(c) ir-rekwiżiti applikabbli għad-data skond 21A.605 tal-Parti 21 għandhom ikunu dawk stabbiliti mill-Istat Membru fid-data ta' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni jew awtorizzazzjoni;

(d) konstatazzjonijiet ta' konformità li jkunu saru skond il-proċeduri ta' l-Istat Membru għandhom jitqiesu li tkun għamlithom l-Aġenzija għall-iskop ta' osservanza tal-21A.606(b) tal-Parti 21.

*Artikolu 2e*

**Permess għat-titjir**

Il-kundizzjonijiet determinati qabel it-28 ta' Marzu 2007 mill-Istati Membri għall-permessi għat-titjir jew ċertifikat ieħor ta' l-adegwatezza għall-ajru maħruġ għal inġenji ta' l-ajru li ma kellhomx ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru jew ċertifikat ristrett ta' l-adegwatezza għall-ajru maħruġ skond dan ir-Regolament, jitqiesu li ġew determinati skond dan ir-Regolament, jekk l-Aġenzija ma tiddeċidix qabel it-28 ta' Marzu 2008 li dawn il-kundizzjonijiet ma jipprevedux livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 jew dan ir-Regolament.

Permess għat-titjir jew ċertifikat ieħor ta' l-adegwatezza għall-ajru maħruġ mill-Istati Membri qabel it-28 ta' Marzu 2007 għal inġenji ta' l-ajru li ma kellhomx ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru jew ċertifikat ristrett ta' l-adegwatezza għall-ajru maħruġ skond dan ir-Regolament, jitqies bħala permess għat-titjir maħruġ skond dan ir-Regolament sat-28 ta' Marzu 2008.

▼B

*Artikolu 3*

**Organizzazzjonijiet tad-Disinn**

1. Organizzazzjoni responsabbli mid-disinn ta' prodotti, partijiet u tagħmir, jew mit-tibdil jew tiswijiet ta' dawn, għandha turi l-kapaċità tagħha f'konformità mal-Parti 21.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, organizzazzjoni li l-post ewlieni tagħha tan-negozju ma jkunx fi Stat Membru, tista' turi l-kapaċità tagħha billi jkollha ċertifikat maħruġ mill-Istat għall-prodotti, partijiet u tagħmir li għalihom din tkun qed tapplika, sakemm:

(a) l-Istat ikun l-Istat tad-disinn; u

(b) l-Aġenzija tkun stabbiliet li s-sistema ta' dak l-Istat tkun tinkludi l-istess livell indipendenti ta' verifika ta' konformità kif kontemplat minn dan ir-Regolament, jew permezz ta' sistema ekwivalenti ta' approvazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet, jew permezz ta' l-involviment dirett ta' l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat.

3. L-approvazzjonijiet għal organizzazzjonijiet tad-disinn maħruġa jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità mal-kriterji u l-proċeduri ta' l-JAA u validi qabel it-28 ta' Settembru 2003, għandhom jitqiesu konformi ma' dan ir-Regolament. F' dan il-każ, il-perjodu għall-għeluq tat-tisjib tat-tieni livell, li hemm imsemmi fis-Subparti J tal-Parti 21, m'għandux ikun itwal minn sena meta dak it-tisjib ikun marbut ma' differenzi fil-JAR.

4. Organizzazzjoni tad-disinn b'ċertifikat tat-tip li iżda fit-28 ta' Settembru 2003 ma jkollhiex l-approvazzjoni xierqa maħruġa taħt il-proċeduri applikabbli ta' l-JAA, għandha turi l-kapaċità tagħha taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fi 21A.14 tal-Parti 21 qabel it-28 ta' Settembru 2005.

▼B

5. ►C3 Organizzazzjoni, meta tkun l-applikant għal ċertifikat supplementari tat-tip, jew għall-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri jew għall-approvazzjoni ta' disinn ta' Unit ta' Qawwa Awżiljarja, li fit-28 ta' Settembru 2003 ma jkollhiex l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn xierqa mogħtija minn Stat Membru fil-qafas tal-proċeduri JAA fis-seħħ, għandha turi l-kapaċità tagħha qabel it-28 ta' Settembru 2005 skont il-Partijiet 21, 21A.112, 21A.432B, jew fil-każ ta' Unit ta' Qawwa Awżiljarja, 21A.602B. ◄

6. Dwar organizzazzjonijiet li dwarhom ikun għaddej proċess minn xi Stat Membru fuq l-approvazzjoni tagħhom fit-28 ta' Settembru 2003 taħt il-proċeduri applikabbli ta' l-JAA:

1. 21A.134 tal-Parti 21 ma tapplikax;

2. it-tisjib tal-konformità li jkun sar taħt il-proċeduri ta' l-JAA għandu jitqies li jkun sar mill-Aġenzija għall-għan ta' konformità ma' 21A.145 tal-Parti 21.

*Artikolu 4*

**Organizzazzjonijiet tal-Produzzjoni**

1. Organizzazzjoni responsabbli mill-manifattura ta' prodotti, partijiet u tagħmir għandha turi l-kapaċità f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Parti 21.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, manifattur li l-post ewlieni tiegħu tan-negozju m'huwiex fi Stat Membru, jista' juri l-kapaċità ta' l-organizzazzjoni billi dan ikollu ċertifikat maħruġ minn dak l-Istat għall-prodott, partijiet u tagħmir li għalih dan ikun qed japplika, sakemm:

(a) l-Istat ikun l-Istat tal-manifattura; u

(b) l-Aġenzija tkun stabbiliet li s-sistema ta' dak l-Istat tkun tinkludi l-istess l-livell indipendenti ta' verifika ta' konformità kif hemm f'dan ir-Regolament, jew permezz ta' sistema ekwivalenti ta' approvazzjonijiet ta' l-organizzazzjonijiet, jew inkella permezz ta' l-involviment dirett ta' l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat.

3. Approvazzjonijiet ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni maħruġa jew rikonoxxuti minn Stat Membru f'konformità mal-kriterji u l-proċeduri ta' l-JAA, u li kienu validi qabel it-28 ta' Settembru 2003, għandhom jitqiesu bħala konformi ma' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, il-perjodu għall-għeluq tat-tisjib tat-tieni livell, kif hemm imsemmi fis-Sotto-parti Ġ tal-Parti 21, m'għandux ikun itwal minn sena meta dak it-tisjib ikun marbut ma' differenzi mal-JAR li kienu applikabbli qabel.

4. Organizzazzjoni għandha turi l-kapaċità tagħha taħt dan ir-Regolament qabel it-28 ta' Settembru 2005.

5. Sakemm organizzazzjoni tkun uriet il-kapaċità tagħha taħt is-Sotto-partijiet F u Ġ tal-Parti 21, id-dikjarazzjonijiet tal-konformità u ċ-ċertifikati awtorizzati tar-rilaxx maħruġa minn dik l-organizzazzjoni taħt ir-regoli nazzjonali applikabbli, għandhom jitqiesu li jkunu ħarġu taħt dan ir-Regolament.

6. Dwar organizzazzjonijiet li għalihom il-proċess ta' approvazzjoni jkun għaddej minn xi Stat Membru fit-28 ta' Settembru 2003 taħt il-proċeduri applikabbli ta' l-JAA:

(a) 21A.234 tal-Parti 21 ma tapplikax;

▼B

(b) it-tisjib ta' konformità magħmul taħt il-proċeduri ta' l-JAA għandu jitqies li jkun sar mill-Aġenzija għall-għan ta' konformità ma' 21A.245 tal-Parti 21.

*Artikolu 5*

**Id-Dħul fis-Seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2003, barra 21A.804(a)(3) tal-Parti 21 li għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2004 u s-Sotto-parti H tal-Parti 21 li għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' Settembru 2004.

2. B'deroga minn 21A.159 tal-Parti 21, l-Istati Membri jistgħu joħorġu approvazzjonijiet għal perjodu limitat sat-►M2 28 ta' Settembru 2007 ◄.

3. B'deroga minn 21A.181 tal-Parti 21, l-Istati Membri jistgħu joħorġu ċertifikati għal perjodu limitat sat-28 ta' Settembru 2008.

4. Meta Stat Membru jagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3, dan għandu javża lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija.

▼M2

__________

▼M6

5. B'deroga mill-paragrafu 1, l-organizzazzjonijiet ta' produzzjoni approvati skont it-Taqsima A tas-Sottopartijiet F u G tal-Anness (Parti 21) għal dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu joħorġu Ċertifikati tar-Rilaxx Awtorizzat jew dikjarazzjonijiet ta' konformità billi jużaw il-Formola 1 tal-EASA, l-ewwel edizzjoni maħruġa, kif stabbilit fl-Appendiċi I tal-Anness (Parti 21) ta' dan ir-Regolament, sat-28 ta' Settembru 2010.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS*

**PARTI 21**

Iċ-ċertifikazzjoni ta' ajruplani u prodotti, partijiet u tagħmir relatat, kif ukoll ta' organizzazzjonijiet tad-disinn u l-produzzjoni

▼M6

*Kontenut*


21.1 Ġenerali

**TAQSIMA A — REKWIŻITI TEKNIĊI**

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

21A.1 Ambitu

21A.2 Impenn minn persuna oħra għajr l-applikant għal, jew id-detentur ta', ċertifikat

21A.3 Ħsarat, funzjonament ħażin u difetti

21A.3B Direttivi dwar l-Ajrunavigabbiltà

21A.4 Il-Koordinament bejn id-disinn u l-produzzjoni

SUBPARTI B — IĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U Ċ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

21A.11 Ambitu

21A.13 Eliġibbiltà

21A.14 Wiri tal-kapaċità

21A.15 Applikazzjoni

21A.16A Kodiċi tal-ajrunavigabbiltà

21A.16B Kundizzjonijiet speċjali

21A.17 Il-Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip

21A.18 Deżinjazzjoni ta' rekwiżiti għall-protezzjoni ambjentali u tal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli

21A.19 Tibdil li jkun jeħtieġ ċertifikat tat-tip ġdid

21A.20 Konformità mal-kriterji taċ-ċertifikat tat-tip u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali

21A.21 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip

21A.23 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip ristrett

21A.31 Disinn tat-tip

21A.33 Investigazzjonijiet u testijiet

21A.35 Testijiet tat-titjiriet

21A.41 Ċertifikat tat-tip

21A.44 Obbligi tad-detentur taċ-ċertifikat

▼M6

| | |
|---|---|
| 21A.47 | Trasferibbiltà |
| 21A.51 | Perjodu u ssoktar tal-validità |
| 21A.55 | Żamma tar-rekords |
| 21A.57 | Manwali |
| 21A.61 | Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà |

*(SUBPARTI C — MHUX APPLIKABBLI)*

SUBPARTI D — TIBDIL FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

| | |
|---|---|
| 21A.90 | Ambitu |
| 21A.91 | Klassifikazzjoni tat-tibdil fid-disinn tat-tip |
| 21A.92 | Eliġibbiltà |
| 21A.93 | Applikazzjoni |
| 21A.95 | Tibdil minuri |
| 21A.97 | Tibdil maġġuri |
| 21A.101 | Deżinjazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u tar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli |
| 21A.103 | Ħruġ tal-approvazzjoni |
| 21A.105 | Iż-Żamma tar-rekords |
| 21A.107 | Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà |
| 21A.109 | Obbligi u mmarkar tal-EPA |

SUBPARTI E — ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLEMENTARI

| | |
|---|---|
| 21A.111 | Ambitu |
| 21A.112A | Eliġibbiltà |
| 21A.112B | Wiri tal-kapaċità |
| 21A.113 | Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari |
| 21A.114 | Wiri ta' konformità |
| 21A.115 | Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip supplementari |
| 21A.116 | Trasferibbiltà |
| 21A.117 | It-Tibdil f'dik il-parti ta' prodott kopert minn ċertifikat tat-tip supplementari |
| 21A.118A | Obbligi u mmarkar tal-EPA |
| 21A.118B | Perjodu u ssoktar tal-validità |
| 21A.119 | Manwali |
| 21A.120 | Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà |

▼M6

SUBPARTI F — IL-PRODUZZJONI MINGĦAJR L-APPROVAZZJONI TA-L-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

21A.121 Ambitu

21A.122 Eliġibbiltà

21A.124 Applikazzjoni

21A.125A Ħruġ ta' ittra ta' ftehim

21A.125B Sejbiet

21A.125C Perjodu u ssoktar tal-validità

21A.126 Sistema tal-ispezzjoni tal-produzzjoni

21A.127 Testijiet: inġenji tal-ajru

21A.128 Testijiet: magni u skrejjen

21A.129 Obbligi tal-manifattur

21A.130 Dikjarazzjoni tal-konformità

SUBPARTI Ġ — L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

21A.131 Ambitu

21A.133 Eliġibbiltà

21A.134 Applikazzjoni

21A.135 Ħruġ tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni

21A.139 Sistema tal-Kwalità

21A.143 Espożizzjoni

21A.145 Rekwiżiti għall-approvazzjoni

21A.147 Tibdil fl-organizzazzjoni approvata ta' produzzjoni

21A.148 Tibdil fil-lokalità

21A.149 Trasferibbiltà

21A.151 Termini tal-approvazzjoni

21A.153 Tibdil fit-termini tal-approvazzjoni

21A.157 Investigazzjonijiet

21A.158 Sejbiet

21A.159 Perjodu u ssoktar tal-validità

21A.163 Privileġġi

21A.165 Obbligi tad-detentur taċ-ċertifikat

▼**M6**

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI


21A.171 Ambitu

21A.172 Eliġibbiltà

21A.173 Klassifikazzjoni

21A.174 Applikazzjoni

21A.175 Lingwa

21A.177 Emenda jew modifika

21A.179 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid fl-Istati Membri

21A.180 Ispezzjonijiet

21A.181 Perjodu u ssoktar tal-validità

21A.182 Identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru


SUBPARTI I — IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTORBJU


21A.201 Ambitu

21A.203 Eliġibbiltà

21A.204 Applikazzjoni

21A.207 Emenda jew modifika

21A.209 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid fl-Istati Membri

21A.210 Ispezzjonijiet

21A.211 Perjodu u ssoktar tal-validità


SUBPARTI J — L-APPROVAZZJONI TA’ ORGANIZZAZZJONI TAD-DISINN


21A.231 Ambitu

21A.233 Eliġibbiltà

21A.234 Applikazzjoni

21A.235 Ħruġ tal-approvazzjoni ta’ organizzazzjoni tad-disinn

21A.239 Sistema tal-assigurazzjoni tad-disinn

21A.243 Dejta

21A.245 Il-Kriterji għall-approvazzjoni

21A.247 Tibdil fis-sistema tal-assigurazzjoni tad-disinn

21A.249 Trasferibbiltà

21A.251 Termini tal-approvazzjoni

21A.253 Tibdil fit-termini tal-approvazzjoni

21A.257 Investigazzjonijiet

21A.258 Sejbiet

▼**M6**


| | |
|---|---|
| 21A.259 | Perjodu u ssoktar tal-validità |
| 21A.263 | Privileġġi |
| 21A.265 | Obbligi tad-detentur taċ-ċertifikat |

SUBPARTI K — KOMPONENTI U TAGĦMIR

| | |
|---|---|
| 21A.301 | Ambitu |
| 21A.303 | Konformità mar-rekwiżiti applikabbli |
| 21A.305 | Approvazzjoni ta' komponenti u tagħmir |
| 21A.307 | Rilaxx ta' komponenti u tagħmir għall-installazzjoni |

*(SUBPARTI L — MHUX APPLIKABBLI)*

SUBPARTI M — TISWIJIET

| | |
|---|---|
| 21A.431 | Ambitu |
| 21A.432A | Eliġibbiltà |
| 21A.432B | Wiri tal-kapaċità |
| 21A.433 | Disinn tat-tiswija |
| 21A.435 | Klassifikazzjoni tat-tiswijiet |
| 21A.437 | Ħruġ tal-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija |
| 21A.439 | Produzzjoni ta' komponenti għat-tiswija |
| 21A.441 | Twettiq tat-tiswija |
| 21A.443 | Limitazzjonijiet |
| 21A.445 | Ħsara mhux imsewwija |
| 21A.447 | Iż-Żamma tar-rekords |
| 21A.449 | Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà |
| 21A.451 | Obbligi u mmarkar tal-EPA |

*(SUBPARTI N — MHUX APPLIKABBLI)*

SUBPARTI O — L-AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ETSO (EUROPEAN TECHNICAL STANDARD ORDER)

| | |
|---|---|
| 21A.601 | Ambitu |
| 21A.602A | Eliġibbiltà |
| 21A.602B | Wiri tal-kapaċità |
| 21A.603 | Applikazzjoni |
| 21A.604 | Awtorizzazzjoni tal-ETSO għal Unità ta' Qawwa Awżiljarja (APU) |
| 21A.605 | Rekwiżiti tad-dejta |
| 21A.606 | Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tal-ETSO |

▼M6


21A.607 Privileġġi tal-awtorizzazzjoni tal-ETSO

21A.608 Dikjarazzjoni tad-Disinn u Rendiment (DDP)

21A.609 Obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet tal-ETSO

21A.610 Approvazzjoni għad-devjazzjoni

21A.611 Tibdil fid-disinn

21A.613 Iż-Żamma tar-rekords

21A.615 Spezzjoni mill-Aġenzija

21A.619 Perjodu u ssoktar tal-validità

21A.621 Trasferibbiltà

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

21A.701 Ambitu

21A.703 Eliġibbiltà

21A.705 Awtorità Kompetenti

21A.707 Applikazzjoni għal permess għat-titjir

21A.708 Kundizzjonijiet tat-titjir

21A.709 Applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir

21A.710 Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir

21A.711 Ħruġ ta' permess għat-titjir

21A.713 Bidliet

21A.715 Lingwa

21A.719 Trasferibbiltà

21A.721 Spezzjonijiet

21A.723 Perjodu u ssoktar tal-validità

21A.725 Tiġdid ta' permess għat-titjir

21A.727 Obbligi tad-detentur tal-permess għat-titjir

21A.729 Iż-Żamma ta' rekords

SUBPARTI Q — L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI, KOMPONENTI U TAGĦMIR

21A.801 Identifikazzjoni tal-prodotti

21A.803 Immaniġġjar tad-dejta tal-identifikazzjoni

21A.804 Identifikazzjoni tal-komponenti u t-tagħmir

21A.805 Identifikazzjoni tal-komponenti kritiċi

21A.807 Identifikazzjoni tal-oġġetti tal-ETSO

▼M6

**STAQSIMA B — IL-PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

SUBPARTI A — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI


| | |
|---|---|
| 21B.5 | Ambitu |
| 21B.20 | Obbligi tal-awtorità kompetenti |
| 21B.25 | Rekwiżiti għall-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti |
| 21B.30 | Proċeduri dokumentati |
| 21B.35 | Tibdil fl-organizzazzjoni u l-proċeduri |
| 21B.40 | Riżoluzzjoni ta' tilwim |
| 21B.45 | Rappurtar/koordinament |
| 21B.55 | Iż-Żamma tar-rekords |
| 21B.60 | Direttivi tal-ajrunavigabbiltà |


SUBPARTI B — IĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U Ċ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

*(SUBPARTI C — MHUX APPLIKABBLI)*

SUBPARTI D — TIBDIL FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

SUBPARTI E — ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLEMENTARI

SUBPARTI F — IL-PRODUZZJONI MINGĦAJR L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI


| | |
|---|---|
| 21B.120 | Investigazzjoni |
| 21B.125 | Sejbiet |
| 21B.130 | Ħruġ tal-ittra ta' ftehim |
| 21B.135 | Żamma tal-ittra ta' ftehim |
| 21B.140 | Emenda fl-ittra ta' ftehim |
| 21B.145 | Limitazzjoni, sospensjoni u revoka tal-ittra ta' ftehim |
| 21B.150 | Iż-Żamma tar-rekords |


SUBPARTI Ġ — L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI


| | |
|---|---|
| 21B.220 | Investigazzjoni |
| 21B.225 | Sejbiet |
| 21B.230 | Ħruġ taċ-ċertifikat |
| 21B.235 | Issoktar tas-sorveljanza |
| 21B.240 | Emenda fl-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni |
| 21B.245 | Sospensjoni u revoka tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni |
| 21B.260 | Iż-Żamma tar-rekords |

▼M6

SUBPARTI H — ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI

21B.320 Investigazzjoni

21B.325 Ħruġ taċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà

21B.326 Ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà

21B.327 Ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà ristretti

21B.330 Sospensjoni u revoka ta' ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà u ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà ristretti

21B.345 Iż-Żamma tar-rekords

SUBPARTI I — IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTORBJU

21B.420 Investigazzjoni

21B.425 Ħruġ ta' ċertifikati tal-istorbju

21B.430 Sospensjoni u revoka taċ-ċertifikat tal-istorbju

21B.445 Iż-Żamma tar-rekords

SUBPARTI J — L-APPROVAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONI TAD-DISINN

SUBPARTI K — KOMPONENTI U TAGĦMIR

*(SUBPARTI L — MHUX APPLIKABBLI)*

SUBPARTI M — TISWIJIET

*(SUBPARTI N — MHUX APPLIKABBLI)*

SUBPARTI O — L-AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ETSO (EUROPEAN TECHNICAL STANDARD ORDER)

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

SUBPARTI P — PERMESS GĦAT-TITJIR

21B.520 Investigazzjoni

21B.525 Revoka ta' permessi għat-titjir

21B.530 Revoka ta' permessi għat-titjir

21B.545 Żamma ta' rekords

SUBPARTI Q — L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI, KOMPONENTI U TAGĦMIR

**APPENDIĊI — FORMOLI TAL-EASA**

▼B

**21.1 Ġenerali**

Għall-għan ta' din il-Parti, 'l-Awtorità Kompetenti' għandha tkun:

(a) għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post ewlieni tan-negozju tagħhom fi Stat Membru, l-awtorità maħtura minn dak l-Istat Membru; jew l-Aġenzija jekk ikun mitlub hekk mill-Istat Membru; jew

(b) għall-organizzazzjonijiet li jkollhom il-post ewlieni tan-negozju tagħhom fi Stat li mhux membru, l-Aġenzija.

▼M6

## TAQSIMA A

REKWIŻITI TEKNIĊI

▼B

SUBPARTI A - ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

**21A.1 Ambitu**

Din it-Taqsima tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta mad-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikant għal, u ta' okkupant ta', kwalunkwe ċertifikat maħruġ jew li se jinħareġ f'konformità ma' din it-Taqsima.

**21A.2 Impenn minn persuna oħra għajr l-applikant għal, jew id-detentur ta', ċertifikat**

L-azzjonijiet u l-obbligi meħtieġa li jsiru kif suppost minn xi ħadd li għandu, jew qed japplika għal, ċertifikat għal xi prodott, partijiet jew tagħmir taħt din it-Taqsima, jistgħu jittieħdu f'ismu minn kwalunkwe persuna oħra, naturali jew legali, sakemm l-okkupant, jew l-applikant, ta' dak iċ-ċertifikat ikun jista' juri li dan ikun għamel ftehim mal-persuna l-oħra biex ikun żgurat li l-obbligi ta' min għandu ċ-ċertifikat ikunu ġew esegwiti kif suppost.

**21A.3 Ħsarat, funzjonament ħażin u difetti**

(a) Sistema ta' Ġbir, Investigazzjoni u Analiżi ta' l-Informazzjoni. L-okkupant ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat ristrett tat-tip, ta' ċertifikat supplementari tat-tip, ta' awtorizzazzjoni ta' Ordni ta' Standard Tekniku Ewropew (ETSO), ta' approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun inħarġet taħt dan ir-Regolament, għandu jkollu sistema biex jiġbor, jinvestiga u janalizza rapporti ta' informazzjoni marbuta ma' ħsarat, nuqqas ta' funzjonar, difetti jew ħsarat oħra li jikkawżaw, jew jistgħu jikkawżaw, effetti kuntrarji fuq l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodott, partijiet jew tagħmir kopert miċ-ċertifikat tat-tip, iċ-ċertifikat ristrett tat-tip, iċ-ċertifikat supplementari tat-tip, l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, l-approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija maġġuri jew kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun inħarġet taħt dan ir-Regolament. L-informazzjoni fuq din is-sistema għandha tkun disponibbli lill-operaturi magħrufa kollha tal-prodott, partijiet u tagħmir u, jekk ikun hemm talba, lil kwalunkwe persuna awtorizzata taħt Regolamenti ta' implimentazzjoni assoċjati oħra.

(b) Ir-Rappurtar lill-Aġenzija.

1. L-okkupant ta' ċertifikat tat-tip, ta' ċertifikat ristrett tat-tip, ta' ċertifikat supplementari tat-tip, ta' awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, ta' approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun inħarġet taħt dan ir-Regolament, għandu jirrapporta lill-Aġenzija dwar kwalunkwe ħsara, nuqqas ta' funzjonar, difett jew okkorrenza oħra li huwa jkun jaf li għandu x'jaqsam mal-prodott, partijiet, jew tagħmir kopert minn ċertifikat tat-tip, ċertifikat ristrett tat-tip, ċertifikat supplementari tat-tip, awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri jew minn kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun inħarġet taħt dan ir-Regolament, u li dan ikun irriżulta, jew jista' jirriżulta, f'kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà.

▼B

2. Dawn ir-rapporti għandhom isiru f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija, b'mod prattiku kemm jista' jkun, u fi kwalunkwe każ dawn għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard minn 72 siegħa wara l-identifikazzjoni tal-kondizzjoni tan-nuqqas ta' sigurtà, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi straordinarji li ma jkunux jippermettu dan.

(ċ) L-Investigazzjoni ta' Okkorrenzi Rappurtati

1. Meta okkorrenza rappurtata taħt il-paragrafu (b), jew taħt 21A.129(f)(2) jew 21A.165(f)(2) tkun ġejja minn defiċjenza fid-disinn, jew minn defiċjenza fil-manifattura, l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat ristrett tat-tip, taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, ta' l-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri, ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun ħarġet taħt dan ir-Regolament, jew inkella il-manifattur, għandu jinvestiga r-raġuni għad-defiċjenza u għandu wkoll jirrapporta lill-Aġenzija r-riżultati ta' l-investigazzjoni tiegħu u dwar kwalunkwe azzjoni dan ikun qed jieħu, jew li qed jipproponi li jieħu, biex isewwi dik id-defiċjenza.

2. Jekk l-Aġenzija ssib li azzjoni tkun meħtieġa biex tissewwa d-defiċjenza, l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat ristrett tat-tip, taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, ta' l-approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija maġġuri, ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun inħarġet taħt dan ir-Regolament, jew inkella l-manifattur, għandu jissottometti l-informazzjoni relevanti lill-Aġenzija.

**21A.3B Direttivi dwar l-Ajrunavigabbiltà**

(a) Direttiva ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tfisser dokument maħruġ jew addottat mill-Aġenzija li jagħmel b'mod mandatorju azzjonijiet li għandhom jitwettqu fuq ajruplani biex dawn jerġgħu lura għal livell aċċettabbli ta' sigurtà, meta l-evidenza kollha tkun turi li l-livell ta' sigurtà ta' dawn l-ajruplani tkun tista' tiġi aġġustata mod ieħor.

(b) l-Aġenzija għandha toħroġ direttiva ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni meta:

1. tkun ġiet stabbilita mill-Aġenzija kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà fl-ajruplan, u dan bħala riżultat ta' defiċjenza fl-ajruplan, jew fil-magna, fl-iskrejjen, fil-partijiet jew fit-tagħmir installat fuq dawn l-ajruplani; u

2. ikun jidher li dik il-kondizzjoni tkun tista' teżisti jew tiżviluppa f'ajruplani oħra.

(ċ) Meta direttiva ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jkollha tinħareġ mill-Aġenzija biex tissewwa l-kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà msemmija fil-paragrafu (b), jew biex din tagħmel talba biex issir spezzjoni, l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat ristrett tat-tip, taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, ta' l-approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija maġġuri, ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra meqjusa li tkun inħarġet taħt dan ir-Regolament, għandu:

1. Jipproponi l-azzjoni xierqa ta' korrezzjoni jew spezzjonijiet meħtieġa, jew it-tnejn, u jissottometti d-dettalji ta' dawn il-proposti lill-Aġenzija għall-approvazzjoni.

2. Wara li tkun ingħatat l-approvazzjoni mill-Aġenzija tal-proposti msemmija taħt is-subparagarfu (1), dan għandu jagħmel disponibbli lill-operaturi jew lis-sidien magħrufa kollha tal-prodott, partijiet u tagħmir u, jekk ikun hemm talba, lil kwalunkwe persuna meħtieġa li tkun konformi mad-direttiva ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, l-informazzjoni deskrittiva xierqa kif ukoll l-istruzzjonijiet ta' l-eżekuzzjoni.

(d) Direttiva ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandu jkollha minn ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

1. Identifikazzjoni tal-kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà;

2. Identifikazzjoni ta' l-ajruplan affettwat;

3. L-azzjoni(jiet) meħtieġa;

▼B

4. Iż-żmien ta' konformità għall-azzjoni(jiet) meħtieġa;

5. Id-data tad-dħul fis-seħħ.

**21A.4 Il-Koordinament bejn id-disinn u l-produzzjoni**

Kull okkupant ta' ċertifikat tat-tip, ċertifikat ristrett tat-tip, ċertifikat supplementari tat-tip, awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, approvazzjoni ta' tibdil fid-disinn tat-tip jew approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija, irid jikkollabora ma' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni kif ikun meħtieġ biex ikun żgurat:

(a) Il-ko-ordinament tajjeb tad-disinn u l-produzzjoni meħtieġa b'21A.122 jew 21A.133 jew 21A.165(ċ)(2), skond kif japplika, u

(b) l-appoġġ proprju ta' l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodott, partijiet jew tagħmir.

SUBPARTI B - IĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U Ċ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

**21A.11 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikati tat-tip għall-prodotti u ċertifikati ristretti tat-tip għall-ajruplani, kif ukoll tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikanti għal, jew l-okkupant ta', dawk iċ-ċertifikati.

**21A.13 Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali li tkun uriet, jew tinsab fil-proċess li turi, il-kapaċità tagħha f'konformità ma' 21A.14, għandha tkun eliġibbli bħala applikant għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat ristrett tat-tip taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din is-Sub-parti.

**21A.14 Wiri tal-kapaċità**

(a) Kwalunkwe organizzazzjoni li tapplika għal ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat ristrett tat-tip għandha turi l-kapaċità tagħha billi jkollha għandha approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn, maħruġa mill-Aġenzija f'konformità mas-Sub-parti H.

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), bħala proċedura alternattiva biex juri l-kapaċità tiegħu, applikant jista' jagħmel ftehim ma' l-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jistabbilixxu l-prattiċi, ir-riżorsi u s-sekwenza ta' attivitajiet ta' disinn speċifiku, meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din il-Parti, meta l-prodott ikun wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Ajruplan ħafif ħafna jew ajruplan bir-*rotors*, *glider* jew *glider* bil-mutur, ballun ta' l-ajru, *airship* li jaħdem b'arja sħuna; jew

2. Ajruplan żgħir li jilħaq dawn l-elementi kollha:

(i) Magna b'pistin wieħed, aspirata b'mod naturali, ta' mhux aktar minn 250 hp ta' Qawwa Massima ta' Tlugħ (QMT);

(ii) Konfigurazzjoni konvenzjonali;

(iii) Materjal u struttura konvenzjonali;

(iv) Titjiriet taħt VFR, barra kondizzjonijiet ta' silġ;

(v) Massimu ta' 4 siġġijiet inkluż il-pilota u massa massima ta' tlugħ limitata għal 30001b. (1 361 kg);

(vi) Kabina mhux ippressata;

(vii) Kontrolli li ma jaħdmux bil-qawwa;

(viii) Titjiriet aerobatiċi bażiċi limitati għal + 6/-3g; jew

▼B

3. Magna bil-pistin; jew

4. Magna jew skrun li jkollhom ċertifikat tat-tip taħt il-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli għal *gliders* bil-mutur; jew

▼M6

5. skrun b'pitch fiss jew aġġustabbli.

▼B

**21A.15 Applikazzjoni**

(a) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat ristrett tat-tip għandha ssir f'forma u manjiera stabbilita mill-Aġenzija.

(b) L-applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat ristrett tat-tip ta' ajruplan għandha tkun akkumpanjata minn disinn tridimensjonali ta' dak l-ajruplan, kif ukoll minn informazzjoni bażika preliminari, inklużi l-karatteristiċi u l-limitazzjonijiet tat-tħaddim.

(ċ) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip ta' magna jew skrun għandha tkun akkumpanjata minn disinn ta' arranġament ġenerali, minn deskrizzjoni tat-tifsila tad-disinn, mill-karatteristiċi tat-tħaddim, u l-limitazzjonijiet tat-tħaddim proposti, tal-magna jew l-iskrun.

**21A.16A Kodiċi tal-ajrunavigabbiltà**

L-Aġenzija għandha toħroġ f'konformità ma' l-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku ġabra ta' kodiċi ta' adegwità ta' l-avjazzjoni bħala mezz standard biex ikun hemm konformità ta' prodotti, partijiet u tagħmir mal-kriterji essenzjali ta' l-Anness I għar-Regolament bażiku. Dawn il-kodiċi għandhom ikunu dettaljati u speċifiċi b'mod suffiċjenti biex juru lill-applikant il-kondizzjonijiet li taħthom jinħarġu ċ-ċertifikati.

**21A.16B Kundizzjonijiet speċjali**

(a) L-Aġenzija għandha tippreskrivi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati speċjali, imsejħa kondizzjonijiet speċjali, għal prodott, jekk il-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni relatat ma jkunx fih standards ta' sigurtà adegwati u xierqa għall-prodott, jew għax:

1. Il-prodott, b'rabta mal-prattiċi tad-disinn li fuqhom il-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli jkun ibbażat, ikollu karatterisitiċi ta' disinn ġodda jew mhux tas-soltu; jew

2. L-użu maħsub tal-prodott ma jkunx wieħed konvenzjonali; jew

3. L-esperjenza minn prodotti simili oħra fis-servizz jew minn prodotti li jkollhom karatterisitiċi tad-disinn simili, tkun uriet li jistgħu jiżviluppaw xi kondizzjonijiet ta' nuqqas ta' sigurtà.

(b) Il-kondizzjonijiet speċjali jkollhom dawn l-istandards ta' sigurtà peress li l-Aġenzija tara bħala meħtieġ li tistabbilixxi livell ta' sigurtà li jkun ekwivalenti għal dak stabbilit fil-kodiċi applikabbli ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni.

**21A.17 Il-Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip**

(a) Il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip li għandha tiġi mħabbra għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat ristrett tat-tip għandha tkun tikkonsisti minn dan li ġej:

1. Il-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli stabbilit mill-Aġenzija u li dan ikun effettiv fid-data ta' l-applikazzjoni għal dak iċ-ċertifikat sakemm:

(i) Ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Aġenzija; jew

(ii) Il-konformità ma' emendi li jsiru effettivi aktar tard ma jkunux ġew magħżula mill-applikant jew meħtieġa taħt il-paragrafi (ċ) u (d).

2. Kwalunkwe kondizzjoni speċjali preskritta f'konformità ma' 21A.16B(a).

▼B

(b) Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip għal ajruplani kbar u ajruplani kbar bir-*rotors* tkun effettiva għal ħames snin, waqt li applikazzjoni għal kwalunkwe ċertifikat tat-tip ieħor tkun effettiva għal tliet snin. Dan sakemm l-applikant ma jurix fiż-żmien ta' l-applikazzjoni li l-prodott tiegħu ikun jeħtieġ perjodu ta' żmien itwal għad-disinn, l-iżvilupp, u l-ittestjar, u l-Aġenzija ma tkunx approvat perjodu itwal ta' żmien.

(ċ) Fil-każ fejn ma jkunx inħareġ ċertifikat tat-tip, jew ikun ċar li ċ-ċertifikat tat-tip ma jkunx se jinħareġ, fil-limitu ta' żmien stabbilit taħt il-paragrafu (b), l-applikant jista':

1. Jagħmel applikazzjoni ġdida għaċ-ċertifikat tat-tip u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafu (a) marbuta ma' applikazzjoni oriġinali; jew

2. Japplika għal estensjoni ta' l-applikazzjoni oriġinali u jikkonforma mal-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli li kienu effettivi f'data, li għandha tingħażel mill-applikant, mhux qabel id-data li tippreċedi d-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat tat-tip bil-limitu taż-żmien stabbilit taħt il-paragrafu (b) għall-applikazzjoni oriġinali.

(d) Jekk l-applikant jagħżel li jikkonforma ma' emenda fil-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni li tkun effettiva wara l-preżentazzjoni uffiċjali ta' l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat tat-tip, huwa għandu wkoll jikkonforma ma' kwalunkwe emenda oħra li l-Aġenzija tara bħala relatata b'mod dirett.

**21A.18 Deżinjazzjoni ta' rekwiżiti għall-protezzjoni ambjentali u tal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni applikabbli**

(a) Il-kriterji tal-ħoss li huma applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip għal ajruplan huma preskritti f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitlu 1 ta' l-Anness 16, Volum I, Parti II għall-Konvenzjoni ta' Chicago u:

1. għal ajruplani ġett subsoniċi, fil-Volum I, Parti II, Kapitli 2, 3 u 4, kif japplika;

2. għal ajruplani li jaħdmu bl-iskrejjen, fil-Volum I, Parti II, il-Kapitli 3, 4, 5, 6 u 10, kif japplika;

3. għal elikotteri, fil-Volum I, Parti II, Kapitli 8 u 11, kif japplika; u

4. għal ajruplani supersoniċi, fil-Volum I, Parti II, Kapitlu 12, kif japplika.

(b) Il-kriterji ta' emissjoni li huma applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikat tat-tip għall-ajruplani u l-magni huma preskritti fl-Anness 16 għall-Konvenzjoni ta' Chicago:

1. għall-prevenzjoni ta' vventjar intenzjonali għall-*fuel*, fil-Volum II, Parti II, Kapitlu 2;

2. għall-emissjonijiet ta' magni turbo-ġett u turbofan maħsuba biss għall-propulsjoni f'veloċitajiet subsoniċi, fil-Volum II, Parti III, Kapitlu 2; u

3. għall-emissjonijiet ta' magni turbo-ġett u turbofan maħsuba biss għall-propulsjoni f'veloċitajiet supersoniċi, fil-Volum II, Parti III, Kapitlu 3.

(ċ) L-Aġenzija għandha toħroġ, f'konformità ma' l-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku, speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni li jwasslu biex ikun hemm mezzi aċċettabbli għat-turija ta' konformità mal-kriterji tal-ħoss u l-emissjoni li hemm stabbiliti fil-paragrafi (a) u (b) rispettivament.

**21A.19 Tibdil li jkun jeħtieġ ċertifikat tat-tip ġdid/P>**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali li tipproponi tibdil fil-prodott għandha tapplika għal ċertifikat tat-tip ġdid jekk l-Aġenzija ssib li t-tibdil fid-disinn, il-qawwa, l-propulsjoni, jew il-massa ikun tant estensiv, li investigazzjoni ta' konformità mal-bażi ta' ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, kompluta b'mod sostanzjali, tkun verament waħda meħtieġa.

▼B

**21A.20 Konformità mal-kriterji taċ-ċertifikat tat-tip u mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali**

(a) L-applikant għal ċertifikat tat-tip jew għal ċertifikat ristrett tat-tip għandu juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli kif ukoll mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali. Dan għandu jipprovdi lill-Aġenzija l-mezzi li permezz tagħhom tkun tista' tintwera din il-konformità.

(b) L-applikant għandu jiddikjara li huwa jkun wera konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u l-kriterji kollha tal-protezzjoni ambjentali.

(ċ) Fejn l-applikant ikollu l-approvazzjoni xierqa ta' organizzazzjoni tad-disinn, id-dikjarazzjoni tal-paragrafu (b) għandha ssir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-Sub-parti Ħ.

**21A.21 Ħruġ ta’ ċertifikat tat-tip**

L-applikant għandu jkun intitolat li jkollu ċertifikat tat-tip ta' prodott maħruġ mill-Aġenzija wara:

(a) li jkun wera l-kapaċità tiegħu f'konformità ma' 21A.14;

(b) li jkun issottometta d-dikjarazzjoni msemmija f'21A.20(b); u

(ċ) ikun wera li:

1. Il-prodott li jkun se jiġi ċertifikat ikun jilħaq il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli kif ukoll il-kriterji tal-protezzjoni ambjentali magħżulha f'konformità ma' 21A.17 u 21A.18;

2. Kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni li ma jkunx hemm konformità magħhom ikunu kompensati minn fatturi li jwasslu biex ikun hemm livell ekwivalenti ta' sigurtà;

3. L-ebda karatteristika ma tkun toħloq nuqqas ta' sigurtà għall-użu li għalihom tkun qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni; u

4. L-applikant għaċ-ċertifikat tat-tip ikun iddikjara espressament li huwa verament lest li jikkonforma ma' 21A.44.

(d) Fil-każ ta' ċertifikat tat-tip ta' ajruplan, il-magna jew l-iskrun, jew it-tnejn, jekk dawn ikunu stallati fuq l-ajruplan, għandu jkollhom ċertifikat tat-tip maħruġ jew stabbilit f'konformità ma' dan ir-Regolament.

**21A.23 Ħruġ ta’ ċertifikat tat-tip ristrett**

(a) Għal inġenji ta' l-ajru li ma jilħqux id-dispożizzjonijiet ta' 21A.21(ċ), l-applikant ikun intitolat li jkollu ċertifikat ristrett tat-tip maħruġ mill-Aġenzija wara:

1. li jkun ikkonforma mal-bażi xierqa taċ-ċertifikazzjoni tat-tip stabbilita mill-Aġenzija biex tkun żgurata s-sigurtà adegwata ta' l-użu li għalih l-ajruplan huwa maħsub, kif ukoll mal-kriterji applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;

2. li jkun stqarr espressament li huwa lest jikkonforma ma' 21A.44.

(b) Il-magna jew l-iskrun installat(a) fuq l-ajruplan, jew it-tnejn, għandhom:

1. ikollhom ċertifikat tat-tip maħruġ jew stabbilit f'konformità ma' dan ir-Regolament; jew

2. ikunu wrew konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa taċ-ċertifikazzjoni biex ikunu żgurati titjiriet mingħajr periklu.

**21A.31 Disinn tat-tip**

(a) Id-disinn tat-tip għandu jkun magħmul minn:

1. It-tpinġijiet u l-ispeċifikazzjonijiet, u l-lista ta' dawk it-tpinġijiet u speċifikazzjonijiet, meħtieġa biex ikunu definiti l-konfigurazzjoni u l-karatteristiċi tad-disinn tal-prodott li jkun juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali;

▼B

2. L-informazzjoni fuq materjali u proċessi u fuq metodi ta' manifattura u twaħħil tal-prodott; din hija meħtieġa biex tkun żgurata l-konformità mal-prodott;

3. Taqsima approvata tal-limitazzjonijiet ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni ta' l-istruzzjonjiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, kif stabbilit bil-kodiċi applikabbli ta' adegwità ta' l-avjazzjoni; u

4. Kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex tippermetti b'mod komparattiv, id-determinazzjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, il-karatteristiċi tal-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel*, u ħruġ ta' *exhaust* (fejn ikun japplika) ta' prodotti ta' l-istess tip li jkunu saru wara.

(b) Kull disinn tat-tip għandu jiġi identifikat b'mod tajjeb.

**21A.33 Investigazzjonijiet u testijiet**

(a) L-applikant għandu jwettaq l-istħarriġ u t-testijiet kollha meħtieġa biex juri konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali.

(b) Qabel ma jsir kull test meħtieġ taħt il-paragrafu (a), l-applikant għandu jkun stabbilixxa:

1. Għall-kampjun tat-test:

(i) Li l-materjali u l-proċessi jkunu jikkonformaw sew ma' l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tat-tip propost;

(ii) Li l-partijiet tal-prodott ikunu jikkonformaw sew mat-tpinġijiet tad-disinn tat-tip propost;

(iii) Li l-proċessi tal-manifattura, l-kostruzzjoni u t-twaħħil ikunu jikkonformaw tajjeb ma' dawk speċifikati fid-disinn tat-tip propost; u

2. Li t-tagħmir tat-test u t-tagħmir kollu tal-kejl li jintuża għat-testijiet ikun adegwat għat-test u jkun kalibrat tajjeb.

(ċ) L-applikant għandu jippermetti lill-Aġenzija biex din tagħmel kwalunkwe spezzjoni meħtieġa biex tivverifika l-konformità mal-paragrafu (b).

(d) L-applikant għandu jippermetti lill-Aġenzija biex tirrevedi kwalunkwe rapport, tagħmel kwalunkwe spezzjoni, u li tagħmel jew tixhed għal kwalunkwe titjira jew test fuq l-art li jkunu meħtieġa biex din tkun tista' tivverefika l-validità tad-dikjarazzjoni ta' konformità sottomessa mill-applikant taħt 21A.20(b), kif ukoll biex din tistabbilixxi li l-ebda karatteristika ma tkun qed tnaqqas is-sigurtà tal-prodott għall-użi li għalihom tkun qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.

(e) Għal testijiet li jsiru mill-Aġenzija, jew li din tixhed għalihom, taħt il-paragrafu (d):

1. L-applikant għandu jissottometti lill-Aġenzija dikjarazzjoni ta' konformità mal-paragrafu (b); u

2. B'rabta mat-test, bejn iż-żmien li fih trid tintwera konformità mal-paragrafu (b) u ż-żmien li fih prodott, parti jew tagħmir irid ikun ippreżentat lill-Aġenzija għat-test, ma jista' jsir l-ebda tibdil fil-prodott, partijiet jew tagħmir li jista' b'xi mod jaffettwa d-dikjarazzjoni ta' konformità.

**21A.35 Testijiet tat-titjiriet**

(a) L-ittestjar tat-tijiriet, għall-għan li jinkiseb ċertifikat tat-tip, għandu jsir f'konformità mal-kondizzjonijiet għal dan it-tip ta' testjar speċifikat mill-Aġenzija.

(b) L-applikant għandu jagħmel it-testijiet tat-titjiriet kollha li l-Aġenzija tkun tikkonsidra bħala meħtieġa:

1. Biex tkun stabbilita l-konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali, u

▼M6

2. Biex inġenji tal-ajru jiġu ċċertifikati taħt din it-Taqsima, għajr għal (i) blalen tal-arja sħuna, blalen tal-gass mhux marbutin mal-art, blalen tal-gass marbutin mal-art, gliders u gliders bil-magna, u (ii) ajruplani li għandhom Massa Massima ta’ Tlugħ (MTOM) ta’ 2 722 kg jew inqas, biex ikun stabbilit jekk hemmx garanzija biżżejjed li l-inġenji tal-ajru, il-komponenti u t-tagħmir tagħhom ikunu ta’ min jorbot fuqhom u li jkunu jaħdmu kif suppost.

▼B

(ċ) (Riservat)

(d) (Riservat)

(e) (Riservat)

(f) it-testijiet tat-titijira preskritti fis-sub-paragrafu (b)(2) għandhom jinkludu:

1. Għal ajruplani li jkun fihom magni tat-tip *turbine* li ma jkunux intużaw qabel f'ajruplani li għandhom iċ-ċertifikat tat-tip, minn ta' l-anqas 300 siegħa ta' tħaddim bil-kompliment kollu ta' magni li jkunu jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip; u

2. Għal kull ajruplan ieħor, minn ta' l-anqas 150 siegħa ta' tħaddim.

**21A.41 Ċertifikat tat-tip**

Iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat ristrett tat-tip huma t-tnejn konsidrati li jinkludu d-disinn tat-tip, il-limitazzjonijiet tat-tħaddim, l-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip dwar l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-emissjonijiet, il-bażi applikabbli ta' ċertifikazzjoni tat-tip u l-kriterji tal-protezzjoni ambjentali li magħhom l-Aġenzija trid tirreġistra l-konformità, u kwalunkwe kondizzjonijiet jew limitazzjonijiet oħra preskritti għall-prodott fl-ispeċifikazzjonijiet applikabbli ta' ċertifikazzjoni u l-kriterji tal-protezzjoni ambjentali. Barra minn hekk, iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat ristrett tat-tip ta' ajruplan, it-tnejn jinkludu l-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip tal-ħoss. L-iskeda informattiva taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna tinkludi r-rekord ta' konformità ta' emissjoni.

**21A.44 Obbligi tad-detentur taċ-ċertifikat**

Kull okkupant ta' ċertifikat tat-tip jew ċertifikat ristrett tat-tip għandu:

(a) jwettaq l-obbligi stabbiliti f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.55, 21A.57 u 21A.61; u, għal dan il-għan, għandu jkompli jilħaq il-kriterji ta' kwalifika għall-eliġibilità taħt 21A.14; u

(b) jispeċifika l-immarkar f'konformità mas-Sub-parti N.

**21A.47 Trasferibbiltà**

It-trasferibilità ta' ċertifikat tat-tip jew ta' ċertifikat ristrett tat-tip tista' ssir biss għal għand persuna naturali jew legali li tista' twettaq l-obbligi taħt 21A.44, u, għal dan il-għan, tkun uriet l-abilità tagħha li tikkwalifika taħt il-kriterji ta' 21A.14.

**21A.51 Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) Ċertifikat tat-tip u ċertifikat ristrett tat-tip għandhom jinħarġu għal perjodu illimitat. Dawn jibqgħu validi jekk:

1. L-okkupant taċ-ċertifikat jibqa' konformi ma' din il-Parti; u

2. Iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut jew revokat taħt il-proċeduri amministrattivi applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat tat-tip u ċ-ċertifikat ristrett tat-tip għandu jingħata lura lill-Aġenzija.

▼B

**21A.55 Żamma tar-rekords**

L-informazzjoni relevanti kollha tad-disinn, it-tpinġijiet u r-rapporti tat-test, inlużi r-rekords ta' l-isħarriġ dwar il-prodott ittestjat, għandhom jinżammu mill-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat ristrett tat-tip, u dawn għandhom ikunu disponibbli dejjem għall-Aġenzija. Dawn għandhom jinżammu biex jagħtu l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu żgurati l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-koformità mal-kriterji applikabbli tal-protezzjoni ambjentali tal-prodott.

**21A.57 Manwali**

L-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat ristrett tat-tip għandu jipproduċi, iżomm u jaġġorna l-kopji oriġinali tal-manwali kollha li huma meħtieġa mill-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mill-kriterji tal-protezzjoni ambjentali għall-prodott. Dan għandu jagħti kopji tagħhom, jekk ikun hemm ħtieġa, lill-Aġenzija.

**21A.61 Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà**

(a) L-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat ristrett tat-tip għandu jipprovdi minn ta' l-anqas sett wieħed ta' l-istruzzjonijiet kompluti biex tkun issuktata l-adegwità ta' l-avjazzjoni. Dan għandu jinkludi informazzjoni deskrittiva u struzzjonijiet ta' eżekuzzjoni mħejjija f'konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli. Dan it-tagħrif irid jingħata lil kull sid magħruf li għandu ajruplan, magna jew skrun wieħed jew aktar jew meta dawn jiġu konsenjati jew inkella meta jinħareġ l-ewwel ċertifikat ta' adegwità ta' l-avjazzjoni għall-ajruplan konċernat, liema minn dawn it-tnejn jiġi l-aħħar. Minn hemm 'il quddiem huwa għandu jagħmel dawk l-istruzzjonijiet disponibbli lil kwalunkwe persuna oħra li tkun teħtieġ konformità ma' kwalunkwe mit-termini ta' dawk l-istruzzjonijiet. Id-disponibilità ta' uħud jew ta' parti mill-istruzzjonijiet tal-manwal għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, li jikkonċernaw l-ispezzjoni jew inkella forom oħra ta' manutenzjoni maġġuri, tista' tittardja sakemm il-prodott ikun daħal fis-servizz, iżda t-tagħrif għandu jkun disponibbli qabel ma kwalunkwe mill-prodotti jkunu laħqu l-età relevanti jew is-sigħat/ċikli ta' titjiriet.

(b) Barra minn hekk, it-tibdil fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandu jkun disponibbli lill-operaturi kollha tal-prodott. Dawn l-istruzzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe persuna li tkun teħtieġ konformità ma' dawk l-istruzzjonijiet. Għandu jiġi sottomess lill-Aġenzija programm li juri kif se jitqassmu t-tibdiliet fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni.

(SUBPARTI Ċ - MHUX APPLIKABBLI)

SUB-PARTI D - TIBDIL FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

**21A.90 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' tibdil fid-disinn tat-tip u fiċ-ċertifikati tat-tip, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikanti għal, u ta' l-okkupant ta', dawk l-approvazzjonijiet. F'din is-Sub-parti, ir-referenzi għaċ-ċertifikati tat-tip jinkludu ċertifikati tat-tip kif ukoll ċertifikati ristretti tat-tip.

**21A.91 Klassifikazzjoni tat-tibdil fid-disinn tat-tip**

It-tibdil fid-disinn tat-tip huwa klassifikat bħala minuri u maġġuri. 'Tibdil minuri' huwa wieħed li ma jkollu l-ebda effett apprezzabbli fuq il-massa, il-bilanċ, is-saħħa strutturali, fuq kemm hu ta' min jorbot fuqu, l-karatteristiċi tat-tħaddim, il-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel*, il-ħruġ ta' duħħan, jew fuq kwalunkwe karatteristiċi oħra li jistgħu jaffettwaw l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodott. Mingħajr preġudizzju għal 21A.19, it-tibdil l-ieħor kollu jkun 'tibdil maġġuri' taħt din is-Sub-parti. It-tibil maġġuri u minuri għandu jkun approvat f'konformità ma' 21A.95 jew 21A.97 kif meħtieġ, u għandu jkun identifikat b'mod tajjeb.

▼B

**21A.92 Eliġibbiltà**

(a) L-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip biss jista' japplika għall-approvazzjoni ta' tibdil maġġuri fid-disinn tat-tip taħt din is-Sub-parti; l-applikanti l-oħra kollha li jkunu qed japplikaw għal xi tibdil maġġuri fid-disinn tat-tip iridu jagħmlu dan taħt is-Sub-parti E.

(b) Kwalunkwe persuna naturali jew legali tista' tapplika għall-approvazzjoni ta' tibdil minuri fid-disinn tat-tip taħt din is-Sub-parti.

**21A.93 Applikazzjoni**

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tibdil fid-disinn tat-tip għandha ssir f'forma u manjiera stabbilita mill-Aġenzija u għandha tinkludi:

(a) Deskrizzjoni tat-tibdil li tidentifika

1. Il-partijiet kollha tad-disinn tat-tip u l-manwali approvati li se jkunu affettwati bit-tibdil; u

2. L-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u l-kriterji tal-protezzjoni ambjentali li bihom it-tibdil ikun tfassal biex jikkonforma ma' 21A.101.

(b) L-identifikazzjoni ta' kwalunkwe investigazzjonijiet mill-ġdid li jkunu meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott mibdul ma' l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali.

**21A.95 Tibdil minuri**

Tibdil minuri fid-disinn tat-tip għandu jkun klassifikat u approvat jew:

(a) Mill-Aġenzija; jew

(b) Minn Organizzazzjoni tad-disinn approvata kif suppost taħt proċedura miftehma ma' l-Aġenzija.

**21A.97 Tibdil maġġuri**

(a) Applikant għall-approvazzjoni ta' tibdil maġġuri għandu:

1. Jissottometti lill-Aġenzija informazzjoni sostanzjali flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni deskrittiva meħtieġa għall-inklużjoni fid-disinn tat-tip;

2. Juri li l-prodott mibdul jikkonforma ma' l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali, kif speċifikat fi 21A.101;

3. Jiddikjara li huwa jkun wera konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali, u għandu jipprovdi lill-Aġenzija il-bażi li fuqha din id-dikjarazzjoni tkun saret; u

4. Fejn l-applikant ikollu l-approvazzjoni xierqa ta' l-organizzazzjoni tad-disinn, jagħmel id-dikjarazzjoni tas-sub-paragrafu (a)(3) f'konformità mad-dispożizzjonijiet tas-Sub-parti Ħ;

5. Jikkonforma ma' 21A.33 u, fejn applikabbli, ma' 21A.35.

(b) L-approvazzjoni ta' tibdil maġġuri f'disinn tat-tip hija limitata għal dik jew dawk il-konfigurazzjoni(jiet) speċifika/speċifiċi fid-disinn tat-tip li fuqhom ikun sar it-tibdil.

**21A.101 Deżinjazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u tar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali applikabbli**

(a) L-applikant għal tibdil fiċ-ċertifikat tat-tip għandu juri li l-prodott mibdul ikun konformi mal-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli għall-prodott mibdul, u li jkun b'effett fid-data ta' l-applikazzjoni għat-tibdil, kif ukoll mal-kriterji applikabbli tal-protezzjoni ambjentali stabbiliti f'21A.18.

▼B

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), applikant jista' juri li l-prodott mibdul ikun konformi ma' emenda li tkun saret qabel fil-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni definit fil-paragrafu (a), kif ukoll fi kwalunkwe speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni oħra li l-Aġenzija tkun sabet bħala relatata b'mod dirett. Iżda, l-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni ta' qabel ma jistax jippreċedi l-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni korrispondenti, li huwa inkorporat b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip. L-applikant jista' juri konformità ma' emenda li tkun saret qabel fil-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

1. Tibdil li l-Aġenzija ssib li mhux sinjifikanti. Waqt li tistabbilixxi jekk tibdil speċifiku ikunx wieħed meqjus, l-Aġenzija tikkonsidra t-tibdil fil-kuntest tiegħu flimkien mat-tibdil kollu li jkun sar qabel fid-disinn relevanti u fir-reviżjonijiet kollha relatati ma' l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni, li hemm inkorporati fiċ-ċertifikat tat-tip għall-prodott. It-tibdiliet li jilħqu wieħed minn dawn il-kriterji jkunu kkonsidrati awtomatikament bħala sinjifikanti:

   (i) Il-konfigurazzjoni ġenerali jew il-prinċipji ta' kostruzzjoni ma jinżammux.

   (ii) Is-suppożizzjonijiet użati għaċ-ċertifikazzjoni tal-prodott li se jinbidel ma jibqgħux validi.

2. Kull żona, sistema, parti jew tagħmir li l-Aġenzija ssib li ma jkunx affettwat bit-tibdil.

3. Kull żona, sistema, parti jew tagħmir li jkun affettwat bit-tibdil, li għalih l-Aġenzija ssib li l-konformità mal-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni deskritt fil-paragrafu (a), mhux neċessarjament ikun jikkontribwixxi materjalment għal-livell ta' sigurtà tal-prodott mibdul, jew inkella ma jkunx prattiku.

(ċ) Applikant li japplika għal tibdil f'ajruplan (għajr ajruplani li jaħdmu bir-*rotor*) ta' 2 722 (3 000 lbs) jew inqas bħala toqol massimu jew f'ajruplani li jaħdmu bir-*rotor* iżda *non-turbine* ta' 1 361 (3 000 lbs.) jew inqas bħala toqol massimu, jista' juri li l-prodott mibdul jikkonforma mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, inkorporata b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip. Iżda, jekk l-Aġenzija ssib li t-tibdil huwa sinifikanti f'xi żona, l-Aġenzija tista' tagħżel li jkun hemm konformità ma' emenda fil-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, inkorporata b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip, fis-seħħ fid-data ta' l-applikazzjoni, u ma' kwalunkwe speċifikazzjoni oħra ta' ċertifikazzjoni li l-Aġenzija ssib bħala relatata direttament. Dan sakemm l-Aġenzija ma ssibx ukoll li l-konformità ma' dik l-emenda jew speċifikazzjoni ta' ċertifikazzjoni ma tkunx neċessarjament tikkontribwixxi materjalment għal-livell ta' sigurtà tal-prodott mibdul, jew inkella ma tkunx waħda prattika.

(d) Jekk l-Aġenzija ssib li l-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni li jkun fis-seħħ fid-data ta' l-applikazzjoni għat-tibdil ma jkunx jipprovdi livelli adegwati dwar it-tibdil propost, l-applikant għandu wkoll jikkonforma ma' kwalunkwe kondizzjonijiet speċjali oħra, u ma' emendi għal dawk il-kondizzjonijiet speċjali, preskritti taħt id-dispożizzjonijiet ta' 21A.16B. Dan sabiex jipprovdi livell ta' sigurtà ekwivalenti għal dak stabbilit fil-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni fis-seħħ fid-data ta' l-applikazzjoni għat-tibdil.

(e) Applikazzjoni għal tibdil fiċ-ċertifikat tat-tip ta' ajruplani kbar u ta' inġenji ta' l-ajru kbar li jaħdmu bir-*rotors* tkun effettiva għal ħames snin, waqt li applikazzjoni għal tibdil fi kwalunkwe tip ieħor ta' ċertifikat tat-tip ikun effettiv għal tliet snin. F'każ fejn it-tibdil ma jkunx ġie approvat, jew fejn ikun ċar li dan mhux se jkun approvat taħt il-limitu ta' żmien stabbilit taħt dan is-sub-paragrafu, l-applikant jista':

1. Jitfa' applikazzjoni ġdida għat-tibdil fiċ-ċertifikat tat-tip u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafu (a) applikabbli għall-applikazzjoni oriġinali tat-tibdil; jew

2. Japplika għal estensjoni ta' l-applikazzjoni oriġinali u jikkonforma mad-dispożizzjonijiet kollha tal-paragrafu (a) għal data effettiva ta' l-applikazzjoni, li din għandha tintgħażel mill-applikant stess, mhux aktar tard mid-data li tippreċedi lil dik ta' l-approvazzjoni tat-tibdil sażżmien stabbilit taħt dan is-sub-paragrafu għall-applikazzjoni oriġinali tat-tibdil.

▼B

**21A.103 Ħruġ tal-approvazzjoni**

(a) L-applikant jista' jkollu tibdil maġġuri fid-disinn tat-tip approvat mill-Aġenzija wara li:

1. jissottometti d-dikjarazzjoni msemmija f'21A.97(a)(3); u

2. Ikun muri li:

(i) Il-prodott mibdul ikun jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni u l-kriterji tal-protezzjoni ambjentali, kif hemm spjegat f'21A.101;

(ii) Kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' adegwità ta' l-avjazzjoni li ma jkunx hemm konformità magħhom jiġu kkumpensati b'fatturi li jipprovdu livell ekwivalenti ta' sigurtà; u

(iii) L-ebda karatteristika ma tagħmel il-prodott nieqes mis-sigurtà għall-użi li għalihom tkun qed tintalab iċ-ċertifikazzjoni.

(b) Tibdil minuri f'disinn tat-tip għandu jiġi approvat biss f'konformità ma' 21A.95 jekk jintwera li l-prodott mibdul ikun tassew jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni, kif spjegat f'21A.101.

**21A.105 Iż-Żamma tar-rekords**

Għal kull tibdil, l-informazzjoni kollha tad-disinn li hija relevanti, t-tpinġijiet u r-rapporti tat-test, inklużi r-rekords ta' l-istħarriġ dwar il-prodott mibdul li jkun ġie testjat, għandhom jinżammu mill-applikant għad-dispożizzjoni ta' l-Aġenzija; dawn għandhom jinżammu biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex ikun żgurat l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-konformità mal-kriterji applikabbli tal-protezzjoni ambjentali tal-prodott mibdul.

**21A.107 Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà**

(a) L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' tibdil minuri fid-disinn tat-tip għandu jipprovdi minn ta' l-anqas sett wieħed tal-varjazzjonijiet assoċjati, jekk ikun hemm, ta' l-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodott li fuqu jkun se jsir it-tibdil minuri. Dan għandu jitħejja f'konformità mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip għal kull sid magħruf ta' ajruplan, magna jew skrun wieħed jew aktar li jkun jinkorpora t-tibdil minuri. Dan għandu jkun disponibbli jew mal-konsenja, jew meta jkun ħareġ l-ewwel ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni lill-ajruplan affettwat, liema minnhom jiġi l-aħħar. Minn hemm 'il quddiem dan għandu jagħmel dawk il-varjazzjonijiet fl-istruzzjonijiet disponibbli, jekk ikun hemm talba għalihom, lil kwalunkwe persuna oħra meħtieġa li tkun konformi ma' kwalunkwe mit-termini ta' dawk l-istruzzjonijiet.

(b) Barra minn hekk, it-tibdil f'dawk il-varjazzjonijiet ta' l-istruzzjonijiet biex tissokta l-adegwità ta' l-avjazzjoni, għandhom ikunu disponibbli lill-operaturi magħrufa kollha ta' prodott li jkun jinkorpora it-tibdil minuri, u dawn għandhom ikunu disponibbli, jekk ikun hemm talba, għal kwalunkwe persuna meħtieġa li tkun konformi ma' kwalunkwe minn dawn l-istruzzjonijiet.

**21A.109 Obbligi u mmarkar tal-EPA**

L-okkupant ta' approvazzjoni ta' tibdil minuri fid-disinn tat-tip għandu:

(a) iwettaq l-obbligi stabbiliti f'21A.4, 21A.105 u 21A.107; u

(b) jispeċifika l-immarkar, inklużi l-ittri ta' l-AEP (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Approvazzjoni Ewropea tal-Parti'), f'konformità ma' 21A.804(a).

▼B

SUBPARTI E - ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLEMENTARI

**21A.111 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' tibdil maġġuri fid-disinn tat-tip taħt il-proċeduri ta' ċertifikat supplementari tat-tip, u tistabbilixxi wkoll id-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikant għal, jew l-okkupant ta', dawk iċ-ċertifikati.

▼M6

**21A.112A Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika ("organizzazzjoni") li tkun uriet, jew hija fil-proċess li turi, il-kapaċità tagħha taħt 21A.112B tista' tkun eliġibbli bħala applikant għal ċertifikat tat-tip supplementari taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din is-Subparti.

▼B

**21A.112B Wiri tal-kapaċità**

(a) Kull organizzazzjoni li tapplika għal ċertifikat supplementari tat-tip għandha turi l-kapaċità tagħha billi jkollha approvazzjoni bħala organizzazzjoni tad-disinn, maħruġ mill-Aġenzija f'konformità mas-Sub-parti Ħ.

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), bħala proċedura alternattiva biex tintwera l-kapaċità tiegħu, l-applikant jista' jagħmel ftehim ma' l-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jistabbilixxu l-prattiċi speċifiċi tad-disinn, ir-riżorsi u s-sekwenza ta' l-attivitajiet, meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din is-Sub-parti.

**21A.113 Applikazzjoni għal ċertifikat tat-tip supplementari**

(a) Applikazzjoni għal ċertifikat supplementari tat-tip għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija.

(b) Applikazzjoni għal ċertifikat supplementari tat-tip għandha tinkludi d-deskrizzjonijiet u l-identifikazzjoni meħtieġa f'21A.93. Barra minn hekk, din l-applikazzjoni għandha tinkludi ġustifikazzjoni li l-informazzjoni li fuqha jkunu bażati dawk l-identifikazzjonijiet tkun imwettqa jew mir-riżorsi ta' l-applikant stess, jew inkella permezz ta' arranġament ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip.

**21A.114 Wiri ta' konformità**

Kull applikant li japplika għal ċertifikat supplementari tat-tip irid ikun konformi ma' 21A.97.

**21A.115 Ħruġ ta' ċertifikat tat-tip supplementari**

L-applikant huwa intitolat li jkollu ċertifikat supplementari tat-tip maħruġ mill-Aġenzija wara:

(a) li jkun ikkonforma ma' 21A.103(a);

(b) li jkun wera l-kapaċità tiegħu f'konformità ma' 21A.1 1213;

(ċ) fejn, taħt 21A.113(b), l-applikant ikun daħal fi ftehim ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip,

1. li l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip ikun ta parir li m'hemm l-ebda oġġezzjoni teknika għall-informazzjoni sottomessa taħt 21A.93; u

2. li l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip ikun ftiehem li jikkollabora ma' l-okkupant taċ-ċertifikat supplementari tat-tip biex tkun żgurata l-eżekuzzjoni ta' l-obbligi kollha għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodott mibdul permezz ta' konformità ma' 21A.44 u 21A.118A.

**21A.116 Trasferibbiltà**

Ċertifikat supplementari tat-tip jista' jkun trasferit biss lil persuna naturali jew legali li tkun kapaċi twettaq l-obbligi ta' 21A.1 18A, u għal dan il-għan tkun uriet il-kapaċità tagħha li tikkwalifika taħt il-kriterji ta' 21A.1 12B.

▼B

**21A.117 It-Tibdil f'dik il-parti ta' prodott kopert minn ċertifikat tat-tip supplementari**

(a) Tibdil minuri f'dik il-parti ta' prodott kopert minn ċertifikat supplementari tat-tip għandu jkun klassifikat u approvat f'konformità mas-Sub-parti D.

(b) Kull tibdil maġġuri f'dik il-parti ta' prodott kopert minn ċertifikat supplementari tat-tip għandu jiġi approvat bħala ċertifikat supplementari tat-tip separat f'konformità ma' din is-Sub-parti.

(ċ) B'deroga mill-paragrafu (b), tibdil maġġuri f'dik il-parti ta' prodott kopert minn ċertifikat supplementari tat-tip, sottomess mill-okkupant taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, jista' jiġi approvat bħala tibdil fiċ-ċertifikat supplementari tat-tip eżistenti.

**21A.118A Obbligi u mmarkar tal-EPA**

Kull okkupant ta' ċertifikat supplementari tat-tip għandu:

(a) iwettaq l-obbligi:

1. Stabbiliti f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.105, 21A.119 u 21A.120;

2. Li hemm impliċiti fil-kollaborazzjoni ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip taħt 21A.115(ċ)(2); u għal dan il-għan irid ikompli jilħaq il-kriterji ta' 21A.1 12B

(b) jispeċfika l-immarkar, inklużi l-ittri ta' l-AEP, f'konformità ma' 21A.804(a).

**21A.118B Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) Ċertifikat supplementari tat-tip għandu jinħareġ għal perjodu ta' żmien illimitat. Dan għandu jibqa' validu soġġett għal:

1. jekk l-okkupant taċ-ċertifikat supplementari tat-tip jibqax konformi ma' din il-Parti; u

2. jekk iċ-ċertifikat jiġix ċedut jew revokat taħt il-proċeduri amministrattivi applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija.

(b) Meta ċertifikat supplementari tat-tip jiġi ċedut jew revokat, dan għandu jintbagħat lura lill-Aġenzija.

**21A.119 Manwali**

L-okkupant ta' ċertifikat supplementari tat-tip għandu jipproduċi, jżomm, u jaġġorna l-kopji oriġinali tal-varjazzjonijiet fil-manwali, meħtieġa mill-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mill-kriterji tal-protezzjoni ambjentali għall-prodott, liema varjazzjonijiet huma meħtieġa li jkunu jkopru t-tibdil introdott taħt iċ-ċertifikat supplementari tat-tip. Dan għandu wkoll jipprovdi kopji ta' dawn il-manwali lill-Aġenzija, jekk ikun hemm talba għalihom.

**21A.120 Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà**

(a) L-okkupant ta' ċertifikat supplementari tat-tip għal ajruplan, magna, jew, skrun, għandu jipprovdi minn ta' l-anqas sett wieħed tal-varjazzjonijiet li hemm assoċjati għall-istruzzjonijiet dwar l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni. Dawn iridu jkunu mħejjija f'konformità mal-bażi applikabbli ta' ċertifikazzjoni għal kull sid magħruf ta' ajruplan, magna jew skrun wieħed jew aktar, u għandhom jinkorporaw il-karatterisitiċi taċ-ċertifikat supplementari tat-tip. Dawn għandhom jingħataw jew mal-kunsinna, jew inkella meta jinħareġ l-ewwel ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għall-ajruplan affettwat, liema minn dawn it-tnejn ikun jiġi l-aħħar. Minn hemm 'il quddiem dan għandu jagħmel dawk il-varjazzjonijiet fl-istruzzjonijiet disponibbli, jekk ikun hemm xi talba, lil kwalunkwe persuna oħra li tkun meħtieġa tikkonforma ma' kwalunkwe mit-termini ta' dawk l-istruzzjonijiet. Id-disponibilità ta' wħud jew ta' parti mill-varjazzjonijiet għall-istruzzjonijiet li hemm fil-manwali għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, li għandhom x'jaqsmu ma' l-ispezzjoni jew ma' forom oħra ta' manutenzjoni kbira, tista' tittardja sa mhux aktar tard minn meta l-prodott ikun daħal fis-servizz, iżda dawn iridu jkunu disponibbli qabel ma kwalunkwe mill-prodotti jkunu laħqu l-età relevanti jew iċ-ċikli/-sigħat ta' titjiriet.

▼B

(b) Barra minhekk, it-tibdil f'dawk il-varjazzjonijiet fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandu jkun disponibbli lill-operaturi magħrufa kollha tal-prodott, u dawn għandhom jinkorporaw iċ-ċertifikat supplementari tat-tip. Dan għandu jkun disponibbli wkoll, jekk ikun hemm talba, lil kwalunkwe persuna oħra meħtieġa li tikkonforma ma' kwalunkwe minn dawk l-istruzzjonijiet. Għandu jiġi sottomess lill-Aġenzija programm li juri kif se jitqassmu t-tibdiliet fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni.

SUBPARTI F - IL-PRODUZZJONI MINGĦAJR L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

**21A.121 Ambitu**

(a) Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għat-turija ta' konformità ma' l-informazzjoni applikabbli tad-disinn ta' prodott, parti jew tagħmir li huwa maħsub li jkun manifatturat mingħajr l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni taħt is-Sub-parti Ġ.

(b) Din is-Sub-parti tistabbilixxi r-regoli li jikkontrollaw l-obbligi tal-manifattur ta' prodott, parti, jew tagħmir li jkun qed jiġi manifatturat taħt din is-Sub-parti.

**21A.122 Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali tista' tapplika biex turi konformità ta' prodotti, partijiet jew tagħmir individwali taħt din is-Sub-parti, jekk;

(a) ikollha jew applikat għal approvazzjoni li tkun tkopri d-disinn ta' dak il-prodott, parti jew tagħmir, jew

(b) tkun żgurat ko-ordinazzjoni sodisfaċenti bejn il-produzzjoni u d-disinn, permezz ta' ftehim xieraq ma' l-applikant għal, jew l-okkupant ta', l-approvazzjoni ta' dan id-disinn.

**21A.124 L-Applikazzjoni**

(a) Kull applikazzjoni għal ftehim dwar turija ta' konformità ta' prodotti, partijiet u tagħmir individwali taħt din is-Sub-parti għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti.

(b) Din l-applikazzjoni għandu jkun fiha:

1. Provi li juru, fejn japplika, li:

   (i) il-ħruġ ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni taħt is-Sub-parti Ġ ma tkunx waħda adattata; jew

   (ii) iċ-ċertifikazzjoni jew l-approvazzjoni ta' prodott, parti jew tagħmir taħt din is-Sub-parti tkun meħtieġa sakemm idum il-ħruġ ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni taħt is-Sub-parti Ġ.

▼M6

2. il-punti ewlenin tad-dejta meħtieġa fil-punt 21A.125A(b).

**21A.125A Ħruġ ta’ ittra ta’ ftehim**

L-applikant għandu jkun intitolat li jkollu ittra ta’ ftehim maħruġa mill-Awtorità Kompetenti li jkun fiha l-ftehim dwar il-wiri ta’ konformità ta’ prodotti, komponenti u tagħmir individwali taħt din is-Subparti, wara:

(a) li tkun ġiet stabbilita sistema ta’ spezzjoni tal-produzzjoni li tiżgura li kull prodott, parti jew tagħmir ikun konformi mad-dejta tad-disinn applikabbli u li dan ikun f’kundizzjoni ta’ tħaddim mingħajr periklu.

(b) li jkun ġie provdut manwal li jkun fih:

(1) deskrizzjoni tas-sistema ta’ spezzjoni tal-prodott meħtieġa skont il-paragrafu (a);

(2) deskrizzjoni tal-mezzi biex tiġi stabbilita s-sistema tal-ispezzjoni tal-produzzjoni;

(3) deskrizzjoni tat-testijiet tal-punti 21A.127 u 21A.128, u l-ismijiet tal-persuni awtorizzati għall-finijiet tal-punt 21A.130(a).

▼M6

(ċ) li jkun wera li jista’ jipprovdi l-għajnuna f’konformità mal-punti 21A.3 u 21A.129(d).

▼B

**21A.125B Sejbiet**

(a) Meta tinstab evidenza oġġettiva li tkun turi li l-okkupant ta' l-ittra ta' ftehim ikun naqas milli jikkonforma mal-kriterji applikabbli ta' din il-Parti, it-tisjib irid ikun klassifikat kif ġej:

1. Tisjib ta' l-ewwel livell ikun kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti li jista' jwassal biex ikun hemm nuqqas ta' konformità mhux kontrollat ma' l-informazzjoni tad-disinn applikabbli u li jista' jaffettwa wkoll s-sigurtà ta' l-ajruplan.

2. Tisjib tat-tieni livell ikun kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti li m'huwiex klassifikat bħala tal-livell wieħed.

(b) Tisjib tat-tielet livell huwa kwalunkwe oġġett fejn ikun instab, permezz ta' evidenza oġġettiva, li għandu problemi potenzjali li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità taħt il-paragrafu (a).

(ċ) Wara li jkun wasal l-avviż tat-tisjib f'konformità ma' ►M6 punt 21B.125 ◄:

1. F'każ ta' tisjib ta' l-ewwel livell, l-okkupant ta' l-ittra ta' ftehim għandu juri azzjoni korrettiva, li tkun tissodisfa lill-Awtorità Kompetenti, fi żmien ta' mhux aktar minn 21 ġurnata ta' xogħol wara konferma bil-miktub tat-tisjib;

2. F'każ ta' tisjib tat-tieni livell, il-perjodu ta' azzjoni korrettiva li jingħata mill-Awtorità Kompetenti għandu jkun adattat skond in-natura tat-tisjib, imma fi kwalunkwe każ dan m'għandux ikun ta' aktar minn sitt xhur. F'ċerti ċirkostanzi u soġġett għan-natura tat-tisjib, l-Awtorità Kompetenti tista' testendi dan il-perjodu ta' sitt xhur, iżda soġġett għal pjan xieraq ta' azzjoni korrettiva li dwaru irid ikun ftehim ma' l-Awtorità Kompetenti.

3. Tisjib tat-tielet livell ma jkunx jeħtieġ azzjoni immedjata mill-okkupant ta' l-ittra ta' ftehim.

(d) Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel jew tat-tieni livell, l-ittra ta' ftehim tista' tiġi soġġetta għal limitazzjoni, sospensjoni jew revokazzjoni parzjali jew sħiħa taħt 21B.145. L-okkupant ta' l-ittra tal-ftehim għandu jipprovdi fi żmien biżżejjed konferma li jkun irċieva l-avviż tal-limitazzjoni, sospensjoni jew revokazzjoni ta' l-ittra tal-ftehim.

**21A.125C Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) L-ittra ta' ftehim għandha tinħareġ għal perjodu limitat li ma jkunx jaqbeż aktar minn sena. Din tibqa' valida sakemm:

1. L-okkupant ta' l-ittra tal-ftehim ma jkunx naqas milli juri konformità mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti; jew

2. Ma jkunx hemm evidenza li l-manifattur ma jistax iżomm aktar kontroll sodisfaċenti tal-manifattura tal-prodott, partijiet, jew tagħmir taħt il-ftehim; jew

3. Il-manifattur ma jistax jilħaq aktar il-kriterji ta' 21A.122; jew

4. L-ittra tal-ftehim ma tkunx ġiet ċeduta, revokata taħt 21B.145, jew inkella tkun skadiet.

(b) Meta tkun ġiet ċeduta, revokata jew tkun skadiet, l-ittra tal-ftehim għandha tintbagħat lura lill-Awtorità Kompetenti.

**21A.126 Sistema tal-ispezzjoni tal-produzzjoni**

(a) Is-sistema ta' l-ispezzjoni tal-produzzjoni taħt ►M6 21A.125A(a) ◄ għandha tipprovdi mezz biex ikun stabbilit li:

1. Il-materjali li jkunu qed jaslu, kif ukoll il-partijiet mixtrija jew sub-kontrattati, użati fil-prodott lest, ikunu kif speċifikat fl-informazzjoni applikabbli tad-disinn.

2. Il-materjali li jkunu qed jaslu, kif ukoll il-partijiet mixtrija jew sub-kontrattati, jiġu identifikati kif suppost.

▼B

3. Il-proċessi, t-teknika tal-manifattura u l-metodi ta' twaħħil li jaffettwaw il-kwalità u s-sigurtà tal-prodott lest ikunu esegwiti f'konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet aċċettati mill-Awtorità Kompetenti.

4. It-tibdil fid-disinn, inkluż il-bdil ta' materjali, jkunu ġew approvati taħt is-Sub-parti D jew E u kontrollati qabel ma jiġu inkorporati fil-prodott lest.

(b) Is-sistema ta' l-ispezzjoni tal-produzzjoni meħtieġa ►M6 21A.125A(a) ◄, għandha tkun ukoll tali li tiżgura li:

1. Partijiet li jkunu għadhom fil-proċess jiġu spezzjonati għall-konformità ma' l-informazzjoni tad-disinn applikabbli f'diversi punti tal-produzzjoni, fejn ikunu jistgħu jittieħdu determinazzjonijiet eżatti.

2. Materjali soġġetti għal ħsara jew deterjorazzjoni ikunu maħżuna u protetti b'mod tajjeb.

3. It-tpinġijiet tad-disinn kurrenti jkunu disponibbli mill-ewwel lill-i*staff* tal-manifattura u l-ispezzjonar, u jintużaw meta jkunu meħtieġa.

4. Materjali u partijiet difettużi jkunu mifruda u identifikati b'manjiera li tipprekludi l-installazzjoni tagħhom fil-prodott lest.

5. Materjali u partijiet li jiġu rifjutati minħabba li jkunu jmorru 'l hinn mill-ispeċifikazzjonijiet jew mill-informazzjoni tad-disinn, iżda li jkunu konsidrati biex jiġu installati fil-prodott lest, ikunu soġġetti għal proċedura approvata ta' reviżjoni ta' l-inġinerija u l-manifattura. Dawk il-materjali u partijiet li jkunu ġew stabbiliti b'din il-proċedura li jistgħu jintużaw fis-servizz għandhom ikunu identifikati b'mod tajjeb u spezzjonati mill-ġdid, jekk ikun meħtieġ xi xogħol jew tiswija fuqhom. Materjali u partijiet li jkunu rifjutati b'din il-proċedura għandhom jiġu markati u mormija biex ikun żgurat li ma jkunux inkorporati fil-prodott finali.

6. Ir-riżultati li jinkisbu taħt din is-sistema ta' spezzjoni tal-produzzjoni jinżammu, jkunu identifikati mal-prodott jew parti kompluta, fejn ikun prattiku, u li dawn jinżammu mill-manifattur biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa ħalli jkun żgurat l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodott.

**21A.127 Testijiet: inġenji tal-ajru**

(a) Kull manifattur ta' ajruplan manifatturat taħt din is-Sub-parti għandu jistabbilixxi proċedura approvata ta' test ta' produzzjoni fuq l-art u fl-ajru kif ukoll formoli ta' ċċekkjar, u f'konformità ma' dawk il-formoli, jittestja kull ajruplan manifatturat, bħala mezz biex ikunu stabbiliti l-aspetti relevanti tal-konformità ma' ►M6 21A.125A(a) ◄.

(b) Kull proċedura ta' test ta' produzzjoni għandha tkun tinkuldi minn ta' l-anqas dan li ġej:

1. Verifika dwar il-kwalitajiet ta' immaniġġjar;

2. Verifika dwar l-eżekuzzjoni tat-titjira (bl-użu ta' tagħmir ta' l-ajru normali);

3. Verifika dwar it-tħaddim proprju tat-tagħmir kollu u s-sistemi kollha ta' l-ajruplan;

4. Verifika li t-tagħmir kollu jkun immarkat tajjeb, u li l-avviżi kollha u l-manwali tat-titjira jkunu stallati wara t-test tat-titjira;

5. Verifika tal-karatteristiċi tat-tħaddim ta' l-ajruplan fuq l-art;

6. Verifika dwar kwalunkwe oġġetti oħra li huma speċjali għall-ajruplan li qed ikun jiġi testjat.

▼B

**21A.128 Testijiet: magni u skrejjen**

Kull manifattur ta' magni jew skrejjen manifatturati taħt din is-Sub-parti għandu jpoġġi kull magna, jew skrun varjabbli bis-snien ta' l-ingranaġġ, taħt test aċċettabbli tat-tħaddim kif hemm speċifikat fid-dokumentazzjoni ta' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip. Dan biex jiġi stabbilit jekk ikunx qed jaħdem kif suppost fl-iskala kollha ta' tħaddim li għalih ikollu ċ-ċertifikat tat-tip, u bħala mezz biex ikunu stabbiliti l-aspetti relevanti ta' konformità ma' ►M6 21A.125A(a) ◄.

**21A.129 Obbligi tal-manifattur**

Kull manifattur ta' prodott, parti jew tagħmir li jkun qed jiġi manifatturat taħt din is-Sub-parti għandu:

(a) Jagħmel kull prodott, parti jew tagħmir disponibbli għall-ispezzjoni mill-Awtorità Kompetenti.

(b) Iżomm fil-post tal-manifattura l-informazzjoni teknika u t-tpinġijiet meħtieġa biex ikun stabbilit jekk il-prodott ikunx tabilħaqq konformi ma' l-informazzjoni tad-disinn applikabbli.

(ċ) Iżomm sistema ta' spezzjonar tal-produzzjoni li tiżgura li kull prodott ikun konformi ma' l-informazzjoni tad-disinn applikabbli u li dan ikun f'kondizzjoni ta' tħaddim mingħajr periklu.

(d) Jipprovdi l-għajnuna lill-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat ristrett tat-tip jew ta' l-approvazzjoni ta' disinn kull meta dan ikollu x'jaqsam ma' kwalunkwe azzjonijiet ta' ssoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodotti, partijiet jew tagħmir li jkun ġie manifatturat.

(e) Jistabbilixxi u jżomm sistema interna ta' rappurtaġġ ta' okkorrenzi fl-interess tas-sigurtà, biex tkun tista' tippermetti l-ġbir u l-assessjar ta' rapporti ta' okkorrenzi ħalli jkunu identifikati xejriet kuntrarji jew biex ikunu indirizzati d-defiċjenzi, u biex tkun tista' toħrog okkorrenzi rapportabbli. Din is-sistema għandha tinkludi evalwazzjoni ta' l-informazzjoni relevanti dwar l-okkorrenzi u d-dessiminazzjoni ta' l-informazzjoni relattata.

(f) 1. Jirrapporta lil min għandu ċertifikat tat-tip, ċertifikat ristrett tat-tip jew approvazzjoni ta' disinn, il-każijiet kollha fejn il-prodotti, l-partijiet jew tagħmir ikun ġie rilaxxat mill-manifattur u wara jkun instab li għandu devjazzjonijiet mill-informazzjoni applikabbli tad-disinn, u jagħmel investigazzjoni ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip, taċ-ċertifikat ristrett tat-tip jew ta' l-approvazzjoni tad-disinn biex jiġu identifikati dawk id-devjazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal xi kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà.

2. Jirrapporta lill-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru dawk id-devjazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal xi kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà, identifikati f'konformità mas-sub-paragrafu (1). Dawn ir-rapporti għandhom isiru f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija taħt 21A.3(b)(2) jew ikunu aċċettati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru.

3. Fejn il-manifattur jagħmilha ta' fornitur għal organizzazzjoni tal-produzzjoni oħra, dan għandu jirrapporta wkoll lil dik l-organizzazzjoni l-oħra l-każijiet kollha fejn ikunu ġew rilaxxati prodotti, partijiet jew tagħmir lil dik l-organizzazzjoni u wara jkunu nstabu li għandhom xi devjazzjonijiet mill-informazzjoni applikabbli tad-disinn.

**21A.130 Dikjarazzjoni tal-konformità**

(a) Kull manifattur ta' prodott, parti jew tagħmir manifatturat taħt din is-Sub-parti għandu jkollu Dikjarazzjoni tal-Konformità, il-Formola 52 ta' AESA, għal ajruplan komplut, jew il-Formola 1 ta' l-AESA għal prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor (ara l-Appendiċi). Din id-dikjarazzjoni trid tkun iffirmata minn persuna awtorizzata li jkollha pożizzjoni responsabbli fl-organizzazzjoni tal-manifattura.

(b) Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tinkludi:

1. Għal kull prodott, parti jew tagħmir dikjarazzjoni li l-prodott, il-parti jew it-tagħmir ikun konformi ma' l-informazzjoni tad-disinn approvat, u li dan ikun f'kondizzjoni ta' tħaddim mingħajr l-ebda periklu;

▼B

2. Għal kull ajruplan, dikjarazzjoni li l-ajruplan ikun għadda mit-testijiet ta' l-art u ta' l-ajru f'konformità ma' 21A.127(a); u

3. Għal kull magna, jew skrun varjabbli bis-snien ta' l-ingranaġġ, dikjarazzjoni li l-magna jew l-iskrun ikunu ġew soġġetti mill-manifattur għal test finali ta' tħaddim, f'konformità ma' 21A.128, u, aktar minn hekk f'każ ta' magni, dikjarazzjoni skond l-informazzjoni provduta mill-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna, li kull magna kompluta hija f'konformità mal-kriterji applikabbli ta' l-emissjoni li jkunu effettivi fid-data tal-manifattura tal-magna.

(ċ) Kull manifattur ta' tali prodott, parti jew tagħmir għandu:

1. Meta jsir it-trasferiment inizjali minnu bħala sid ta' tali prodott, parti jew tagħmir, jew

2. Meta japplika għall-ħruġ oriġinali ta' ċertifikat ta' adegwità ta' ajruplan; jew

3. Meta japplika għall-ħruġ oriġinali ta' dokument tar-rilaxx ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għal xi magna, skrun, xi parti jew tagħmir,

jippreżenta d-dikjarazzjoni ta' konformità kurrenti, biex tkun validata mill-Awtorità Kompetenti.

(d) l-Awtorità kompetenti għandha tikkonferma b'kontro-firma d-Dikjarazzjoni tal-Konformità jekk wara spezzjoni din ssib li l-prodott, parti jew tagħmir ikun konformi tabilħaqq ma' l-informazzjoni applikabbli tad-disinn u li dan ikun ukoll f'kondizzjoni ta' tħaddim mingħajr periklu.

SUBPARTI Ġ - L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

**21A.131 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi:

(a) Il-proċedura għall-ħruġ ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għal organizzazzjoni tal-produzzjoni li turi konformità tal-prodotti, partijiet u tagħmir ma' l-informazzjoni applikabbli tad-disinn.

(b) Ir-regoli li jikkontrollaw id-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikant għal, jew l-okkupant ta', dawn l-approvazzjonijiet.

**21A.133 Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali ('organizzazzjoni') tista' tkun eliġibbli bħala applikant għal approvazzjoni taħt din is-Sub-parti.

L-applikant għandu:

(a) jiġġustifika li, għal għan definit ta' xogħol, l-approvazzjoni taħt din is-Sub-parti tkun waħda adattata biex ikun hemm turija ta' konformità ma' disinn speċifiku; u

(b) ikollu jew ikun applika għal approvazzjoni ta' dak id-disinn speċifiku; jew

(ċ) ikun aċċerta, permezz ta' arranġament xieraq ma' l-applikant għal, jew ma' l-okkupant ta', l-approvazzjoni ta' dak id-disinn speċifiku, ko-ordinazzjoni sodisfaċenti bejn il-produzzjoni u d-disinn.

**21A.134 Applikazzjoni**

Kull applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha ssir lill-Awtorità Kompetenti f'forma u manjiera stabbiliti minn dik l-awtorità, u għandha tinkludi qafas ta' l-informazzjoni meħtieġa f'21A.143 u t-termini ta' approvazzjoni meħtieġa biex jinħarġu taħt 21A.151.

▼B

**21A.135 Ħruġ tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni**

Organizzazzjoni tkun intitolata li jkollha approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni maħruġ mill-Awtorità Kompetenti meta din tkun uriet konformità mal-kriterji applikabbli taħt din is-Sub-parti.

**21A.139 Sistema tal-Kwalità**

(a) L-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha turi li hija stabbiliet u lesta żżomm sistema tal-kwalità. Is-sistema tal-kwalità għandha tkun dokumentata. Din għandha tkun tali li twassal lill-organizzazzjoni biex tiżgura li kull prodott, parti jew tagħmir manifatturat mill-organizzazzjoni jew mill-imsieħba tagħha, jew fornut minn jew sub-kontrattati lil terzi partijiet, ikunu jikkonformaw ma' l-informazzjoni applikabbli tad-disinn u li dawn ikunu wkoll f'kondizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu, u għalhekk tkun tista' teżerċita l-privileġġi stabbiliti f'21A.163.

(b) Is-sistema tal-kwalità għandu jkollha:

1. Kif applikabbli fl-iskop ta' l-approvazzjoni, proċeduri ta' kontroll għal:

(i) Il-ħruġ, l-approvazzjoni jew it-tibdil ta' dokument.

(ii) Awditjar u kontroll tal-kontijiet tal-bejjiegħ u s-sub-kuntrattur.

(iii) Verifika li l-prodotti, l-partijiet u t-tagħmir li jkun qed jasal, inlużi dawk l-oġġetti, ġodda jew użati, li jiġu fornuti minn xerrejja ta' prodotti, ikunu kif speċifikat fl-informazzjoni applikabbli tad-disinn.

(iv) L-identifikazzjoni u l-kwalità ta' għarfien.

(v) Proċessi ta' manifattura.

(vi) Stħarriġ u testjar, inklużi testijiet ta' l-ajru tal-produzzjoni.

(vii) Kalibrazzjoni ta' għodda, *jigs*, u tagħmir tat-test.

(viii) Kontroll fuq oġġetti li ma jikkonformawx.

(ix) Ko-ordinazzjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni ma' l-applikant għal, jew ma' l-okkupant ta', l-approvazzjoni tad-disinn.

(x) It-tkomplija u ż-żamma tar-rekords.

(xi) Il-kompetenza u l-kwalifiki ta' l-i*staff*.

(xii) Il-ħruġ ta' dokumenti ta' rilaxx ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni.

(xiii) Immaniġġjar, ħażna u pakkjar.

(xiv) Awditjar intern tal-kwalità u azzjonijiet korrettivi li jittieħdu bħala riżultat.

(xv) Xogħol fit-termini ta' approvazzjoni li jkun sar fi kwalunkwe post għajr il-faċilitajiet approvati.

(xvi) Xogħol li jkun sar wara t-tkomplija tal-produzzjoni iżda qabel il-kunsinna, biex l-ajruplan jinżamm f'kondizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.

▼M4

(xvii) Il-ħruġ ta’ permess għat-titjir u approvazzjoni tal-kundizzjonijiet għat-titjir assoċjati.

▼B

Il-proċeduri ta' kontroll iridu jinkludu dispożizzjonijiet speċifiċi għal kwalunkwe parti kritika.

2. Funzjoni indipendenti ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità biex tissorvelja l-konformità ma', u l-adegwità ta', l-proċeduri dokumentati tas-sistema tal-kwalità. Din is-sorveljanza għandha tinkludi sistema ta' *feedback* lill-persuna jew lil grupp ta' persuni msemmija f'21A.145(ċ)(2) u fl-aħħar lill-*manager*, kif hemm imsemmi f'21A.145 (ċ)(1) biex dan jiżgura, kif meħtieġ, azzjoni korrettiva.

▼B

**21A.143 Espożizzjoni**

(a) L-organizzazzjoni għandha tissottometti lill-Awtorità Kompetenti espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni billi tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

1. Dikjarazzjoni firmata mill-*manager* responsabbli li fiha jikkonferma li l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni u kwalunkwe manwali assoċjati li jiddefinixxu l-konformità ta' l-organizzazzjoni approvata ma' din is-Sub-parti se jinżammu dejjem b'mod konformi.

2. It-titolu(i) u l-ismijiet tal-*manager(s)* aċċettati mill-Awtorità Kompetenti f'konformità ma' 21A.145(ċ)(2).

3. Id-dmirijiet u r-responsabilitajiet tal-*manager*(s) kif meħtieġ f'21A.145(ċ)(2), inklużi l-materji li fuqhom dawn jistgħu jitrattaw direttament ma' l-Awtorità Kompetenti f'isem l-organizzazzjoni.

4. *Chart* organizzattiva li turi rabtiet assoċjati ta' responsabilità tad-diretturi kif meħtieġ f'21A.145(ċ)(1) u (2).

5. Lista li tiċċertifika l-i*staff* kif hemm imsemmi f'21A.145(d).

6. Deskrizzjoni ġenerali tar-riżorsi umani.

7. Deskrizzjoni ġenerali tal-faċilitajiet li hemm f'kull indirizz speċifikat fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

8. Deskrizzjoni ġenerali ta' l-għan tax-xogħol ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni relevanti għat-termini ta' approvazzjoni.

9. Il-proċedura għan-notifika ta' tibil organizattiv lill-Awtorità Kompetenti.

10. Il-proċedura ta' emenda għall-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

11. Deskrizzjoni tas-sistema tal-kwalità u l-proċeduri kif meħtieġa f'21A.1 39(b)(1).

12. Lista ta' dawk it-terzi partijiet imsemmija f'21A.139(a).

(b) L-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha tiġi emendata kif meħtieġ biex tibqa' deskrizzjoni aġġornata ta' l-istess organizzazzjoni. Kopji ta' kwalunkwe emendi għandhom jiġu provduti lill-Awtorità Kompetenti.

**21A.145 Rekwiżiti għall-approvazzjoni**

L-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha turi, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni sottomessa f'konformità ma' 21A.143 li:

(a) dwar il-kriterji ġenerali ta' l-approvazzjoni, l-faċilitajiet, l-kondizzjonijiet tax-xogħol, it-tagħmir u l-għodda, il-proċessi u l-materjali assoċjati, in-numru u l-kompetenza ta' l-i*staff*, u l-organizzazzjoni ġenerali huma meħtieġa biex jitwettqu l-obbligi taħt 21A.165.

(b) dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-adegwità ta' l-avjazzjoni, l-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel* u l-ħruġ ta' *exhaust*:

1. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun irċeviet din l-informazzjoni mill-Aġenzija, u mill-okkupant ta', jew l-applikant għal, ċertifikat tat-tip, ċertifikat ristrett tat-tip jew inkella approvazzjoni tad-disinn, biex din tistabbilixxi konformità ma' l-informazzjoni appikabbli tad-disinn.

2. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun stabbiliet proċedura biex ikun żgurat li l-informazzjoni dwar l-adegwità ta' l-avjazzjoni, il-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel* kif ukoll l-emissjonijiet ta' *exhaust* tiġi inkorportata b'mod korrett fl-informazzjoni tal-produzzjoni tagħha.

3. Tali informazzjoni għandha tinżamm aġġornata u tkun disponibbli għall-i*staff* kollu li jkollu bżonn jara din l-informazzjoni ħalli jaqdi d-dmirijiet tiegħu.

▼B

(ċ) fejn għandha x'taqsam l-amministrazzjoni u l-i*staff*:

1. Għandu jkun innominat *manager* mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni li jkun responsabbli lejn l-Awtorità Kompetenti. Ir-responsabilità tiegħu jew tagħha fi ħdan l-organizzazzjoni għandha tkun tikkonsisti f'li jiżgura li l-produzzjoni kollha tkun tilħaq livelli meħtieġa u li l-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun kontinwament f'konformità ma' l-informazzjoni u l-proċeduri identifikati fl-espożizzjoni msemmija f'21A.143.

2. Persuna jew grupp ta' persuni jkunu ġew nominati mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni biex jiżguraw li l-organizzazzjoni tkun f'konformità mal-kriterji ta' din il-Parti, u jkunu identifikati, flimkien mal-limitu ta' l-awtorità tagħhom. Din(dawn) il-persuna(i) għandhom jaħdmu taħt l-awtorità diretta tal-*manaġer* responsabbli li hemm imsemmi fis-sub-paragrafu (1). Il-persuni nominati jridu juru l-għarfien, l-isfond u l-esperjenza xierqa biex jesegwixxu r-responsabilitajiet tagħhom.

3. L-i*staff* fil-livelli kollha irid ikun ingħata l-awtorità xierqa biex ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet allokati lilu, u jkun hemm ko-ordinazzjoni sħiħa u effettiva fl-organizzazzjoni tal-produzzjoni, speċjalment fejn jidħlu materji ta' informazzjoni dwar l-adegwità ta' l-avjazzjoni, l-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel* u l-ħruġ ta' *exhaust*.

(d) dwar l-i*staff* li jiċċertifika, awtorizzat mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni biex jiffirma d-dokumenti maħruġa taħt 21A.163 taħt l-għan u t-termini ta' approvazzjoni:

1. L-għarfien, l-isfond (inklużi funzjonijiet oħra fl-organizzazzjoni), u l-esperjenza ta' l-i*staff* li jiċċertifika jkunu adattati biex dan iwettaq ir-responsabbiltajiet allokati lilu.

2. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha żżomm rekord ta' l-i*staff* kollu li jiċċertifika u dan għandu jinkludi dettalji tal-għan ta' l-awtorizzazzjoni tagħhom.

3. L-i*staff* li jiċċertifika għandu jiġi provdut bl-evidenza ta' l-iskop ta' l-awtorizzazzjoni tiegħu.

**21A.147 Tibdil fl-organizzazzjoni approvata ta' produzzjoni**

(a) Wara l-ħruġ ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni, kull tibdil f'organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata li jista' jolqot b'mod sinifikanti t-turija tal-konformità jew l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-karatteristiċi tal-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel*u l-ħruġ ta' *exhaust* tal-prodott, parti jew tagħmir, partikularment tibdil fis-sistema tal-kwalità, għandu jiġi approvat mill-Awtorità Kompetenti. Applikazzjoni għall-approvazzjoni bil-miktub għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità Kompetenti, u l-organizzazzjoni għandha turi lill-Awtorità Kompetenti qabel ma jkun implementat it-tibdil, li hija se tkompli tikkonforma ma' din is-Sotto-parti.

(b) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet li taħthom organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata taħt din is-Sub-parti tkun tista' taħdem matul dan it-tibdil, sakemm l-Awtorità Kompetenti ma tikkonkludix li l-approvazzjoni għandha tiġi sospiża.

**21A.148 Tibdil fil-lokalità**

It-tibdil fil-post tal-faċilitajiet tal-manifattura ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata għandu jitqies bħala wieħed importanti, u għalhekk dan għandu jkun konformi ma' 21A.147.

**21A.149 Trasferibbiltà**

Ħlief jekk ikun hemm xi tibdil ta' sidien, li huwa meqjus bħala importanti għall-għanijiet ta' 21A.147, l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni ma jistax jiġi trasferit.

**21A.151 Termini tal-approvazzjoni**

It-termini ta' l-approvazzjoni għandhom jidentifikaw l-għan tax-xogħol, il-prodotti jew il-kategoriji tal-partijiet u t-tagħmir, jew it-tnejn, li għalihom l-okkupant ta' l-approvazzjoni huwa intitolat jeżerċita l-privileġġi taħt 21A.163.

Dawk it-termini jinħarġu bħala parti mill-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

▼B

**21A.153 Tibdil fit-termini tal-approvazzjoni**

Kull tibdil li jsir fit-termini ta' l-approvazzjoni għandu jiġi approvat mill-Awtorità Kompetenti. Applikazzjoni biex ikun hemm tibdil fit-termini ta' l-approvazzjoni għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti. L-applikant għandu jikkonforma mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti.

**21A.157 Investigazzjonijiet**

Organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tippermetti lill-Awtorità Kompetenti tagħmel kwalunkwe stħarriġ, inkluż stħarriġ fuq l-imsieħba u s-sub-kuntratturi, li jkun meħtieġ biex din tistabbilixxi jekk hemmx konformità u ssoktar ta' konformità mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti.

**21A.158 Sejbiet**

(a) Meta tinsab evidenza oġġettiva li turi li min għandu l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni m'huwiex konformi mal-kriterji applikabbli ta' din il-Parti, it-tisjib għandu jkun klassifikat kif ġej:

1. Tisjib ta' l-ewwel livell huwa kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti li jista' jwassal għal nuqqas ta' konformità mhux kontrollat ma' l-informazzjoni applikabbli tad-disinn u li jista' jaffettwa s-sigurtà ta' l-ajruplan.

2. Tisjib tat-tieni livell huwa kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti li m'huwiex klassifikat bħala ta' l-ewwel wieħed.

(b) Tisjib tat-tielet livell huwa kwalunkwe oġġett fejn ikun ġie identifikat, b'evidenza oġġettiva, li għandu problemi potenzjali li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità taħt il-paragrafu (a).

(ċ) Wara li tkun waslet in-notifika tat-tisjib skond 21B.225,

1. Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel livell, min għandu l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għandu jieħu azzjoni korrettiva għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità Kompetenti f'perjodu ta' mhux aktar minn 21 ġurnata ta' xogħol wara konferma bil-miktub tat-tisjib,

2. Fil-każ ta' tisjib tat-tieni livell, il-perjodu ta' azzjoni korrettiva li jingħata mill-Awtorità Kompetenti għandu jkun adattat skond in-natura tat-tisjib, iżda fi kwalunkwe każ fil-bidu dan m'għandux ikun aktar minn sitt xhur. F'ċerti ċirkostanzi u soġġett għan-natura tat-tisjib, l-Awtorità Kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' sitt xhur, soġġett għal pjan sodisfaċenti ta' azzjoni korrettiva li dwaru jrid ikun hemm ftehim ma' l-Awtorità Kompetenti.

3. Tisjib tat-tielet livell ma jkunx jeħtieġ azzjoni immedjata mill-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

(d) Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel jew tat-tieni livell, l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni tista' tiġi soġġetta għal limitazzjoni, sospensjoni jew revokazzjoni parzjali jew sħiħa taħt 21B.245. L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandu jagħti fi żmien biżżejjed konferma ta' l-irċevuta ta' l-avviż tal-limitazzjoni, sospensjoni jew revokazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

**21A.159 Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) L-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni jinħareġ għal perjodu illimitat. Dan jibqa' validu sakemm:

1. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni tonqos milli turi konformià mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti; jew

2. L-Awtorità Kompetenti ma titħalliex mill-okkupant ta' l-approvazzjoni, jew mill-imsieħba jew sub-kuntratturi tiegħu, biex tagħmel l-investigazzjonijiet meħtieġa f'konformità ma' 21A.157; jew

3. Ikun hemm evidenza li l-organizzazzjoni tal-produzzjoni ma tistax iżżomm kontroll tajjeb tal-manifattura tal-prodotti, partijiet jew tagħmir li hemm taħt l-approvazzjoni; jew

▼B

4. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni m'għadhiex tilħaq il-kriterji ta' 21A.133; jew

5. Iċ-ċertifikat ikun ġie ċedut jew revokat taħt 21B.245.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-Awtorità Kompetenti.

**21A.163 Privileġġi**

F'konformità mat-termini ta' l-approvazzjoni maħruġa taħt 21A.135, l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni jista':

(a) Jesegwixxi attivitajiet ta' produzzjoni taħt din il-Parti.

(b) Fil-każ ta' ajruplan komplut u wara preżentazzjoni ta' Dikjarazzjoni tal-Konformità (AESA Formola 52) taħt 21A.174, jikseb ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għall-ajruplan u ċertifikat tal-ħoss mingħajr aktar wiri.

(ċ) Fil-każ ta' prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor, joħroġ ċertifikati tar-rilaxx awtorizzat (AESA Formola 1) ►M1 ►C1 ———— ◄ ◄ mingħajr aktar wiri.

(d) Iżomm ajruplan ġdid li huwa jkun ipproduċa u joħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz (AESA Formola 53) b'rabta ma' dik iż-żamma.

▼M4

(e) Skond il-proċeduri tal-produzzjoni maqbula ma’ l-awtorità kompetenti tiegħu għall-produzzjoni, għal ajruplan li jkun ipproduċa u meta l-organizzazzjoni tal-produzzjoni nnifisha tkun qed tikkontrolla skond il-POA tagħha l-konfigurazzjoni ta’ l-ajruplan u tkun qed tattesta l-konformità mal-kundizzjonijiet tad-disinn approvati għat-titjira, biex jinħariġlu permess għat-titjir skond 21A.711(c) inkluża l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira skond 21A.710(b).

▼B

**21A.165 Obbligi tad-detentur taċ-ċertifikat**

L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għandu:

(a) Jiżgura li l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni provduta f'konformità ma' 21A.143 u d-dokumenti li jirreferu għaliha, jintużaw bħala dokumenti bażiċi tax-xogħol fi ħdan l-organizzazzjoni.

(b) Iżomm l-organizzazzjoni tal-produzzjoni f'konformità ma' l-informazzjoni u l-proċeduri approvati għall-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

(ċ) 1. Jara li kull ajruplan komplut ikun konformi mad-disinn tat-tip u li jkun f''kondizzjoni li jaħdem mingħajr periklu qabel ma jkunu sottomessi d-Dikjarazzjonijiet tal-Konformità lill-Awtorità Kompetenti, jew

▼M6

2. Jara li prodotti, komponenti jew tagħmir ieħor ikun komplut u jkun konformi mad-dejta tad-disinn approvata u li dawn ikunu f’kundizzjoni li jaħdmu mingħajr l-ebda periklu qabel il-ħruġ tal-Formola 1 tal-EASA biex tkun ċertifikata l-konformità mad-dejta tad-disinn approvata u l-kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu, u barra minhekk, fil-każ tal-magni, jara skont id-dejta pprovduta mid-detentur taċ-ċertifikat tat-tip tal-magna li kull magna kompluta tkun f’konformità mar-rekwiżiti ta’ emissjonijiet applikabbli kif definit f’21A.18(b), liema rekwiżiti jkunu effettivi fid-data tal-manifattura tal-magna, biex jiċċertifika l-konformità tal-emissjonijiet, jew

▼B

3. Jara li prodotti, partijiet jew tagħmir ieħor ikun konformi ma' l-informazzjoni applikabbli qabel il-ħruġ tal-Formola 1 ta' l-AESA bħala ċertifikat tal-konformità;

▼B

(d) Jirreġistra d-dettalji kollha tax-xogħol li jkun sar.

(e) Jistabbilixxi u jżomm sistema interna ta' rappurtar ta' okkorrenzi fl-interess tas-sigurtà, biex ikun jista' jsir il-ġbir u l-eżaminar tar-rapporti ta' okkorrenzi biex ikunu identifikati xejriet kuntrarji jew indirizzati d-defiċjenzi, u biex jiġu estrattati wkoll okkorrenzi rappurtabbli. Din is-sistema għandha tinkludi evalwazzjoni ta' l-informazzjoni relevanti marbuta ma' l-okkorrenzi u d-disseminazzjoni ta' l-informazzjoni relatata.

(f) 1. Jirrapporta lill-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew ta' l-approvazzjoni tad-disinn, il-każijiet kollha fejn prodotti, partijiet jew tagħmir ikunu ġew rilaxxati mill-organizzazzjoni tal-produzzjoni u wara jkun instab li hemm xi devjazzjonijiet mill-informazzjoni tad-disinn applikabbli, u jinvestiga ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew l-approvazzjoni tad-disinn biex ikunu identifikati dawk id-devjazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà.

2. Jirrapporta lill-Aġenzija u lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru d-devjazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kondizzjoni ta' nuqqas ta' sigurtà li jkunu ġew identifikati skond is-sub-paragrafu (1). Dawn ir-rapporti għandhom isiru f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija taħt 21A.3(b)(2), jew inkella jiġu aċċettati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru.

3. Fejn l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni ikun qed jagħmilha ta' fornitur għal organizzazzjoni tal-produzzjoni oħra, jirrapporta wkoll lil dik l-organizzazzjoni l-oħra l-każijiet kollha fejn ta' l-ewwel tkun irrilaxxat prodotti, partijiet jew tagħmir lill-organizzazzjoni l-oħra, u wara jkun instab li dawn għandhom devjazzjonijiet possibbli mill-informazzjoni tad-disinn applikabbli.

(g) Jipprovdi għajnuna lill-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew ta' l-approvazzjoni tad-disinn meta dawn ikunu qed jagħmlu kwalunkwe azzjonijiet marbuta ma' l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, liema azzjonijiet ikollhom x'jaqsmu mal-prodotti, partijiet jew tagħmir li jkun ġie manifatturat.

(h) Jistabbilixxi sistema ta' arkivjar li tkun tinkorpora fiha l-kriterji imposti fuq l-imsieħba, l-forrnituri u s-sub-kuntratturi tiegħu. Din is-sistema għandha tiżgura l-konservazzjoni ta' l-informazzjoni użata biex tkun ġustifikata l-konformità tal-prodotti, tal-partijiet jew tat-tagħmir. Din l-informazzjoni għandha tinżamm għad-dispożizzjoni ta' l-Awtorità Kompetenti u għandha tinżamm biex tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex ikun żgurat l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodotti, tal-partijiet jew tat-tagħmir.

(i) Fejn, taħt it-termini ta' l-approvazzjoni, l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni joħroġ ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz, dan għandu jara li kull ajruplan komplut ikun ġie soġġett għall-manutenzjoni meħtieġa u li dan ikun tabilħaqq f'kondizzjoni li jaħdem mingħajr periklu, qabel ma joħroġ iċ-ċertifikat.

▼M4

(j) Fejn ikun applikabbli, skond il-privileġġ ta’ 21A.163(e), jiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom ikun jista’ jinħareġ permess għat-titjir.

▼M6

(k) Fejn ikun applikabbli, skont il-privileġġ tal-punt 21A.163(e), jistabbilixxi l-konformità mal-punt 21A.711(c) u (e) qabel joħroġ permess għat-titjir lil inġenji tal-ajru.

▼M4

SUBPARTI H - ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI

▼B

**21A.171 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni.

**21A.172 Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali li taħt isimha ajruplan ikun reġistrat jew se jiġi reġistrat fi Stat Membru ('l-Istat Membru li qed jirreġistra'), jew ir-rappreżentant tagħha, hija eliġibbli bħala applikant għal ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għal dak l-ajruplan taħt din is-Sub-parti.

▼B

**21A.173 Klassifikazzjoni**

Iċ-ċertifikati ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandhom ikunu klassifikati kif ġej:

(a) Ċertifikati ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandhom jinħarġu lil ajruplani li jikkonformaw ma' ċertifikat tat-tip li jkun inħareġ f'konformità ma' din il-Parti.

(b) Ċertifikat ristretti ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jinħarġu lil ajruplani:

1. li jikkonformaw ma' ċertifikat ristrett tat-tip li jkun inħareġ f'konformità ma' din il-Parti; jew

2. li jkunu ntwerew lill-Aġenzija li jikkonformaw ma' ►M4 speċifikazzjonijiet speċifiċi ta' l-adegwatezza għall-ajru ◄ li jiżguraw sigurtà adegwata.

▼M4

__________

▼B

**21A.174 Applikazzjoni**

(a) F'konformità ma' 21A.172, applikazzjoni għal ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

(b) Kull applikazzjoni għal ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jew għal ċertifikat ristrett ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandha tinkludi:

1. il-klassi taċ-ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni li għaliha tkun saret l-applikazzjoni;

2. fejn għandu x'jaqsam ajruplan ġdid:

(i) Dikjarazzjoni tal-Konformità:

— maħruġa taħt 21A.163(b), jew

— maħruġa taħt 21A.130 u validata mill-Awtorità Kompetenti,

— jew, għal ajruplan impurtat, dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità li qed tesporta dak l-ajruplan li dan jikkonforma ma' disinn approvat mill-Aġenzija

(ii) Rapport dwar it-toqol u l - bilanċ bi skeda tat-tagħbija.

(iii) Il-manwal tat-titjira, meta dan ikun meħtieġ bil-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli għal dak l-ajruplan partikulari.

3. fejn għandu x'jaqsam ajruplan użat:

(i) li jkun ġej minn xi Stat Membru, ċertifikat tar-reviżjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni maħruġ f'konformità mal-Parti M.

(ii) li jkun ġej minn Stat li mhux membru:

— dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat fejn l-ajruplan huwa, jew kien, reġistrat, li tirrefletti l-istat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni ta' l-ajruplan fuq ir-reġistru tiegħu fiż-żmien tat-trasferiment.

— rapport dwar it-toqol u l-bilanċ bi skeda tat-tagħbija.

— il-manwal tat-titjira meta materjal bħal dan ikun meħtieġ bil-kodiċi ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni applikabbli għal dak l-ajruplan partikulari.

— rekords storiċi biex ikun stabbilit l-*istandard* tal-produzzjoni, tal-modifikazzjoni u tal-manutenzjoni ta' l-ajruplan, inklużi l-limitazzjonijiet kollha assoċjati maċ-ċertifikat ristrett ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni taħt ►M6 21B.327(c) ◄.

— rakkmandazzjoni ta' ħruġ taċ-ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jew ċertifikat ristrett ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni kif ukoll ta' ċertifikat tar-reviżjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni wara li tkun saritlu reviżjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni f'konformità mal-Parti M.

▼B

(ċ) Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, id-dikjarazzjonijiet imsemmija fis-sub-paragrafi (b)(2)(i) u (b)(3)(ii) għandhom jinħarġu sa mhux aktar minn 60 ġurnata qabel il-preżentazzjoni ta' l-ajruplan lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

▼M4

————

▼B

**21A.175 Lingwa**

Il-manwali, l-avviżi, l-listi, l-immarkar tat-tagħmir kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra meħteġa mill-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni, għandhom ikunu preżentati f'waħda mil-lingwi uffiċjali jew aktar tal-Komunità Ewropea, u din għandha tkun aċċettabbli għall-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

**21A.177 Emenda jew modifika**

Ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jista' jiġi emendat jew modifikat biss mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

**21A.179 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid fl-Istati Membri**

(a) Fejn ikunu nbidlu s-sidien ta' l-ajruplan:

1. Jekk dan jibqa' fl-istess reġistru, ċ-ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, jew iċ-ċertifikat ristrett ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni li jkun konformi biss maċ-ċertifikat ristrett tat-tip, għandu jiġi trasferit flimkien ma' l-ajruplan;

2. Jekk l-ajruplan ikun reġistrat fi Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, jew iċ-ċertifikat ristrett ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni li jkun konformi biss maċ-ċertifikat ristrett tat-tip, għandu jinħareġ:

   (i) mal-preżentazzjoni taċ-ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni ta' qabel u taċ-ċertifikat tar-reviżjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni validu maħruġ taħt il-Parti M, u

   (ii) meta jkun hemm konformità ma' 21A.175.

▼M4

(b) Fejn ikun inbidel sid l-ajruplan, u l-ajruplan ikollu ċertifikat ristrett ta' l-adegwatezza għall-ajru li ma jikkonformax ma' ċertifikat ristrett tat-tip, iċ-ċertifikati ta' l-adegwatezza għall-ajru għandhom jiġu ttrasferiti flimkien ma' l-ajruplan bil-kundizzjoni li l-ajruplan jibqa' fl-istess reġistru, jew jinħarġlu biss il-ftehim formali ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistru fejn ikun ġie ttrasferit.

▼B

**21A.180 Ispezzjonijiet**

L-okkupant ta' ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandu jipprovdi aċċess għall-ajruplan li għalih ikun inħareġ dak iċ-ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, hekk kif appena jkun hemm talba mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

**21A.181 Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) Ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jinħareġ għal perjodu limitat. Dan għandu jibqa' validu soġġett għal:

1. konformità mad-disinn applikabbli tat-tip u mal-kriterji ta' l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni; u

2. l-ajruplan jekk jibqax fl-istess reġistru; u

3. ċ-ċertifikat tat-tip jew iċ-ċertifikat ristrett tat-tip, li taħtu dan ikun inħareġ, li ma jkunx ġie invalidat qabel taħt 21A.51.

4. ċ-ċertifikat li ma jkunx ġie ċedut jew revokat taħt 21B.330.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

▼B

**21A.182 Identifikazzjoni tal-inġenji tal-ajru**

Kull applikant li jkun qed japplika għal ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni taħt din is-Sub-parti għandu juri li l-ajruplan tiegħu jkun identifikat f'konformità mas-Sub -parti N.

▼M6

__________

__________

▼M4

__________

▼B

SUBPARTI I - IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTORBJU

**21A.201 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikati tal-ħoss.

**21A.203 Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali li taħt isimha jkun reġistrat ajruplan jew se jkun reġistrat fi Stat Membru (Stat Membru li qed jirreġistra), jew ir-rappreżentant tagħha, hija eliġibbli bħala applikant għal ċertifikat tal-ħoss għal dak l-ajruplan taħt din is-Sub-parti.

**21A.204 Applikazzjoni**

(a) F'konformità ma' 21A.203, applikazzjoni għal ċertifikat tal-ħoss għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

(b) Kull applikazzjoni għandha tinkludi:

1. dwar ajruplan ġdid:

(i) Dikjarazzjoni ta' konformità:

— maħruġa taħt 21A.163(b), jew

— maħruġa taħt 21A.130 u validata mill-Awtorità Kompetenti

— jew, għal ajruplan impurtat, dikjarazzjoni, iffirmata mill-awtorità li qed tesposta li l-ajruplan jikkonforma ma' disinn approvat mill-Aġenzija, u

(ii) L-informazzjoni dwar il-ħoss, stabbilita f'konformità mal-kriterji applikabbli dwar il-ħoss. ►M3 __________ ◄

2. dwar ajruplan użat:

(i) L-informazzjoni dwar il-ħoss, stabbilita f'konformità mal-kriterji applikabbli dwar il-ħoss ►M3 __________ ◄, u

(ii) Rekords storiċi biex ikun stabbilit l-i*standard* tal-produzzjoni, tal-modifikazzjoni u tal-manutenzjoni ta' l-ajruplan.

(ċ) Sakemm mhux miftiehem mod ieħor, id-dikjarazzjonijiet msemmija fis-sub-paragrafi (b)(1) għandhom jinħarġu sa mhux aktar tard minn 60 ġurnata qabel il-preżentazzjoni ta' l-ajruplan lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

▼M6

__________

▼B

**21A.207 Emenda jew modifika**

Ċertifikat tal-ħoss jista' jiġi emendat jew modifikat biss mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

▼B

**21A.209 Trasferibbiltà u ħruġ mill-ġdid fl-Istati Membri**

Meta jkunu nbidlu s-sidien ta' ajruplan:

(a) jekk l-ajruplan jibqa' fuq l-istess reġistru, iċ-ċertifikat tal-ħoss għandu jiġi trasferit flimkien ma' l-ajruplan; jew

(b) jekk l-ajruplan imur fuq ir-reġistru ta' Stat Membru ieħor, iċ-ċertifikat tal-ħoss għandu jinħareġ wara l-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tal-ħoss ta' qabel.

**21A.210 Ispezzjonijiet**

L-okkupant ta' ċertifikat tal-ħoss għandu jipprovdi aċċess għall-ajruplan li għalih ikun inħareġ, fuq talba, ċ-ċertifikat tal-ħoss mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra jew inkella mill-Aġenzija, biex isiru spezzjonijiet fuqu.

**21A.211 Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) Ċertifikat tal-ħoss għandu jinħareġ għal perjodu illimitat. Dan jibqa' validu soġġett għal:

1. konformità mad-disinn applikabbli tat-tip, u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali u ta' l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni; u

2. jekk l-ajruplan jibqax fuq l-istess reġistru; u

3. iċ-ċertifkat tat-tip jew iċ-ċertifikat ristrett tat-tip, li taħtu dan ikun inħareġ, li ma jkunx ġie invalidat qabel taħt 21A.51.

4. iċ-ċertifikat li ma jkunx ġie ċedut jew revokat taħt 21B.430.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra.

SUBPARTI J - L-APPROVAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONI TAD-DISINN

**21A.231 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet tad-disinn kif ukoll regoli li jikkontrollaw d-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikant għal, jew l-okkupant ta', tali approvazzjonijiet.

**21A.233 Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali ("organizzazzjoni") għandha tkun eliġibbli bħala applikant għal approvazzjoni taħt din is-Sub-parti

(a) f'konformità ma' 21A.14, 21A.112B, 21A.432B jew 21A.602B; jew

(b) għall-approvazzjoni ta' tibdil minuri jew ta' disinn ta' tiswija minuri, meta meħtieġa għall-għan li jinkisbu l-privileġġi taħt 21A.263.

**21A.234 Applikazzjoni**

Kull applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija u għandha tinkludi qafas ta' l-informazzjoni meħtieġa f'21A.243, u t-termini ta' approvazzjoni meħtieġa li jinħarġu taħt 21A.251.

**21A.235 Ħruġ tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn**

Organizzazzjoni tkun intitolata li jkollha approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn maħruġ mill-Aġenzija, meta din tkun uriet konformità mal-kriterji applikabbli taħt din is-Sub-parti.

**21A.239 Sistema tal-assigurazzjoni tad-disinn**

(a) Organizzazzjoni tad-disinn għandha turi li din tkun stabbiliet u tista' żżomm sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn għall-kontroll u s-superviżjoni tad-disinn, u tat-tibdil fid-disinn, ta' prodotti, partijiet u tagħmir kopert bl-applikazzjoni. Din is-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn għandha tkun tali li biha l-organizzazzjoni tkun tista':

1. Tiżgura li d-disinn tal-prodotti, partijiet u tagħmir jew it-tibdil fid-disinn ta' dawn, ikun konformi mal-bażi applikabbli taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali; u

▼B

2. Tiżgura li r-responsabilitajiet tagħha jitwettqu kif suppost f'konformità ma':

   (i) Id-dispożizzjonijiet xierqa ta' din il-Parti; u

   (ii) It-termini ta' approvazzjoni taħt 21A.251.

3. Biex tissorvelja b'mod indipendenti l-konformità ma', u l-adegwità ta', l-proċeduri dokumentati tas-sistema. Din is-sorveljanza għandha tinkludi sistema ta' rispons lil persuna jew grupp ta' persuni li jkollhom ir-responsabilità li jiżguraw azzjonijiet korrettivi.

(b) is-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn għandha tinkludi funzjoni indipendenti li tivverifika t-turija ta' konformità, li fuqha l-organizzazzjoni tissottometti d-dikjarazzjonijiet tal-konformità u dokumentazzjoni oħra relatata lill-Aġenzija.

(ċ) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tispeċifika l-manjiera li fiha s-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn twassal biex il-partijiet jew it-tagħmir iddisinjat jew ix-xogħol li jkun sar mill-imsieħba jew mis-sub-kuntratturi jiġu aċċettati skond metodi li jkunu s-suġġett ta' proċeduri miktuba.

**21A.243 Dejta**

(a) Kull organizzazzjoni tad-disinn għandha tipprovdi manwal lill-Aġenzija li jiddeskrivi, direttament jew billi ssir referenza, l-organizzazzjoni, il-proċeduri relevanti, u l-prodotti jew it-tibdil fil-prodotti li se jiġu disinjati.

(b) Fejn kwalunkwe partijiet jew tagħmir jew kwalunkwe tibdil fil-prodotti ikunu ġew iddisinjati minn organizzazzjonijiet imsieħba jew sub-kuntratturi, il-manwal għandu jinkludi dikjarazzjoni fuq kif l-organizzazzjoni tad-disinn tista' tagħti, għall-partijiet u t-tagħmir kollu, l-assigurazzjoni tal-konformità meħtieġa f'21A.239(b), u għandu jkun fih ukoll, direttament jew billi ssir referenza, deskrizzjonijiet u informazzjoni fuq l-attivitajiet tad-disinn u l-organizzazzjoni ta' dawk imsieħba jew sub-kuntratturi, kif ikun meħtieġ, biex jistabbilixxi din id-dikjarazzjoni.

(ċ) Il-manwal għandu jiġi emendat kif meħtieġ biex jibqa' deskrizzjoni aġġornata ta' l-organizzazzjoni, u kopji ta' l-emendi għandhom jiġu pprovduti lill-Aġenzija.

(d) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tforni dikjarazzjoni tal-kwalifiki u l-esperjenza ta' l-i*staff* maniġerjali u ta' persuni oħra responsabbli mit-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-protezzjoni ambjentali fl-organizzazzjoni.

**21A.245 Il-Kriterji għall-approvazzjoni**

L-organizzazzjoni tad-disinn għandha turi, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni sottomessa f'konformità ma' 21A.243 li, barra milli tkun konformi ma' 21A.239:

▼M6

(a) L-istaff fid-dipartimenti tekniċi kollha jkun ta' numru suffiċjenti u tal-esperjenza, u jkun ingħata wkoll l-awtorità xierqa biex ikun jista' jwettaq ir-responsabilitajiet allokati lilu u li dawn, flimkien mal-akkommodazzjoni, il-faċilitajiet u t-tagħmir, ikunu adegwati biżżejjed biex l-istaff ikun jista' jilħaq l-oġġettivi relatati mal-ajrunavigabbiltà u l-protezzjoni ambjentali tal-prodott.

▼B

(b) Ikun hemm ko-ordinament sħiħ u effiċjenti bejn id-diparteamenti u fi ħdan id-diparteamenti fejn jidħlu materji marbuta ma' l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-protezzjoni ambjentali.

**21A.247 Tibdil fis-sistema tal-assigurazzjoni tad-disinn**

Wara l-ħruġ ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn, kull tibdil fis-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn li tkun sinifikanti għat-turija ta' konformità jew għall-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-protezzjoni ambjentali tal-prodott, irid jiġi approvat mill-Aġenzija. Applikazzjoni għall-approvazzjoni għandha tiġi sottomessa bil-miktub lill-Aġenzija u l-organizzazzjoni tad-disinn għandha turi lill-Aġenzija, fuq il-bażi tas-sottomissjoni tat-tibdil propost fil-manwal, u qabel l-implimentazzjoni tat-tibdil, li din lesta żżomm konformità ma' din is-sub-parti anki wara l-implimentazzjoni.

▼B

**21A.249 Trasferibbiltà**

Ħlief għal tibdil fis-sidien, li huwa meqjus bħala wieħed sinifikanti għall-għanijiet ta' 21A.247, l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn mhuwiex wieħed trasferibbli.

**21A.251 Termini tal-approvazzjoni**

It-termini ta' approvazzjoni għandhom jidentifikaw it-tipi tax-xogħol tad-disinn, il-kategoriji tal-prodotti, partijiet u tagħmir li għalih l-organizzazzjoni tad-disinn għandha approvazzjoni bħala tali, u l-funzjonijiet u d-dmirijiet li l-organizzazzjoni hija obbligata twettaq dwar l-adegwità ta' l-avjazzjoni u l-karatteristiċi tal-ħoss, l-ivventjar għall-*fuel* u l-ħruġ ta' *exhaust* tal-prodotti. Għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn li tkopri ċertifikazzjoni tat-tip jew awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għal Unit ta' Qawwa Awżiljarja (APU), it-termini ta' l-approvazzjoni għandhom ikollhom ukoll il-lista tal-prodotti jew APU. Dawk it-termini għandhom jinħarġu bħala parti mill-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn.

**21A.253 Tibdil fit-termini tal-approvazzjoni**

Kull tibdil li jsir fit-termini ta' l-approvazzjoni għandu jiġi approvat mill-Aġenzija. Applikazzjoni għal tibdil fit-termini ta' l-approvazzjoni għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija. L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tkun konformi mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti.

**21A.257 Investigazzjonijiet**

(a) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tagħmel l-arranġamenti kollha li jippermettu lill-Aġenzija biex din tagħmel kwalunkwe investigazzjonijiet, inkluż stħarriġ fuq l-imsieħba u s-sub-kuntratturi, liema stħarriġ huwa meħtieġ biex ikunu stabbiliti l-konformità u l-issoktar tal-konformità mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti.

(b) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tippermetti lill-Aġenzija biex tirrevedi kwalunkwe rapport, tagħmel kwalunkwe stħarriġ, kif ukoll tagħmel jew tixhed għal kwalunkwe titjira u test fuq l-art li jkunu meħtieġa biex tkun verifikata l-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità sottomessi mill-applikant taħt 21A.239(b).

**21A.258 Sejbiet**

(a) Meta jkun hemm evidenza oġġettiva li tkun turi nuqqas ta' konformità ta' l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn mal-kriterji applikabbli ta' din il-Parti, t-tisjib għandu jkun klassifikat kif ġej:

   1. Tisjib ta' l-ewwel livell huwa kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti li jista' jwassal biex ikun hemm nuqqas ta' konformità mhux kontrollata mal-kriterji applikabbli, u li jista' jaffettwa s-sigurtà ta' l-ajruplan.

   2. Tisjib tat-tieni livell huwa kwalunkwe nuqqas ta' konformità ma' din il-Parti li m'huwiex klassifikat bħala ta' l-ewwel livell.

(b) Tisjib tat-tielet livell huwa kwalunkwe oġġett fejn ikun ġie identifikat, permezz ta' evidenza oġġettiva, li għandu problemi potenzjali li jistgħu jwasslu għal nuqqas ta' konformità taħt il-paragrafu (a).

(ċ) Wara l-irċevuta tan-notifika tat-tisjib taħt il-proċeduri amministrattivi applikabbli li jkunu ġew stabbiliti mill-Aġenzija,

   1. Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel livell, l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn għandu jieħu azzjoni korrettiva għad-sodisfazzjon ta' l-Aġenzija f'perjodu ta' mhux aktar minn 21 ġurnata ta' xogħol wara l-konferma bil-miktub tat-tisjib;

   2. Fil-każ ta' tisjib tat-tieni livell, il-perjodu ta' azzjoni korrettiva li jingħata mill-Aġenzija għandu jkun adattat skond in-natura tat-tisjib, iżda fi kwalunkwe każ fil-bidu m'għandux ikun aktar minn sitt xhur. F'ċerti ċirkostanzi, u skond in-natura ta' l-istess tisjib, l-Aġenzija tista' testendi l-perjodu ta' sitt xhur, dan soġġett għal pjan tajjeb ta' azzjoni korrettiva li dwaru għandu jkun hemm ftehim ma' l-Aġenzija.

   3. Tisjib tat-tielet livell ma jkunx jeħtieġ azzjoni immedjata mill-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn.

▼B

(d) Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel u t-tieni livell, l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn tista' tiġi soġġetta għal sospensjoni jew revokazzjoni parzjali jew sħiħa taħt il-proċeduri amministrattivi applikabbli li jkunu ġew stabbiliti mill-Aġenzija. L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn għandu jipprovdi fi żmien tajjeb konferma ta' l-irċevuta ta' l-avviż tas-sospensjoni jew tar-revokazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn.

**21A.259 Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) Approvazzjoni ta' organizzzazzjoni tad-disinn għandu jinħareġ għal perjodu illimitat. Din għandha tibqa' valida sakemm:

1. L-organizzazzjoni tad-disinn tonqos milli tkompli turi konformità mal-kriterji applikabbli ta' din is-Sub-parti; jew

2. L-Aġenzija ma titħalliex mill-okkupant ta' tali approvazzjoni, jew inkella mill-imsieħba jew sub-kuntratturi tiegħu, li twettaq l-istħarriġ f'konformità ma' 21A.257; jew

3. Ikun hemm evidenza li s-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn ma tistax iżżomm kontroll tajjeb u superviżjoni fuq id-disinn tal-prodotti jew fuq it-tibdil li jsir fuqhom taħt l-approvazzjoni; jew

4. iċ-ċertifikat jkun ġie ċedut jew revokat taħt il-proċeduri amministrattivi applikabbli li jkunu ġew stabbiliti mill-Aġenzija.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-Aġenzija.

**21A.263 Privileġġi**

(a) L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn għandu jkun intitolat li jwettaq attivitajiet ta' disinn taħt din il-Parti u fi ħdan l-iskop ta' l-approvazzjoni.

▼M4

(b) Suġġett għal 21A.257(b), l-Aġenzija għandha taċċetta mingħajr verifika ulterjuri d-dokumenti ta' konformità li ġejjin sottomessi mill-applikant bl-iskop li jikseb:

1. l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira meħtieġa għal permess għat-titjir; jew

2. ċertifikat tat-tip jew approvazzjoni ta' bidla maġġuri fid-disinn ta' tip; jew

3. ċertifikat supplimentari tat-tip; jew

▼M6

4. awtorizzazzjoni tal-ETSO skont il-punt 21A.602B(b)(1); jew

▼M4

5. approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri.

▼B

(ċ) L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn għandu jkun intitolat, fi ħdan it-termini ta' l-approvazzjoni u taħt il-proċeduri relevanti tas-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn:

1. li jikklassifika t-tibdil fid-disinn tat-tip u t-tiswijiet bħala "maġġuri" jew "minuri".

2. japprova tibdil minuri fid-disinn tat-tip u tiswijiet minuri.

▼M6

3. joħroġ informazzjoni jew struzzjonijiet li jkun fihom din id-dikjarazzjoni li ġejja: Il-kontenut tekniku ta' dan id-dokument huwa approvat taħt l-awtorità tad-DOA ref. EASA.21J.[XXXX].

4. japprova tibdil dokumentarju fil-manwal tat-titjira tal-inġenji tal-ajru u fis-supplimenti tiegħu, u joħroġ tali tibdil b'din id-dikjarazzjoni: Reviżjoni Nru [YY] tal-Manwal tat-Titjira tal-inġenji tal-Ajru (jew tas-suppliment) ref. [ZZ], approvat taħt l-awtorità tad-DOA ref. EASA.21J.[XXXX].

▼B

5. japprova d-disinn ta' tiswijiet maġġuri ta' prodotti li għalihom ikollu ċertifikat tat-tip jew ċertifikat supplementari tat-tip.

▼M4

6. Għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet li taħthom jista’ jinħareġ permess għat-titjir skond 21A.710(a)(2),

(i) minbarra titjiriet inizjali ta’:

— tip ġdid ta’ ajruplan, jew

— ajruplan immodifikat minn bidla li tkun jew tista’ tiġi kklassifikata bħala bidla maġġuri sinifikanti jew STC sinifikanti, jew

— ajruplan li l-karatteristiċi ta’ titjir u/jew pilotaġġ tiegħu setgħu jkunu ġew mibdula b’mod sinifikanti;

(ii) minbarra permessi għat-titjir li jkunu sa jinħarġu għall-iskop ta’ 21A.701(a)(15).

▼M6

7. tjoħroġ permess għat-titjir skont il-punt 21A.711(b) għal inġenji tal-ajru li jkun iddisinja jew immodifika, jew li għalihom ikun approva, taħt il-punt 21A.263(c)6, il-kundizzjonijiet li taħthom jista’ jinħareġ permess għat-titjir, u meta l-istess organizzazzjoni tad-disinn tkun qed tikkontrolla, bl-Approvazzjoni ta’ Organizzizzjoni tad-Disinn tagħha, il-konfigurazzjoni tal-inġenji tal-ajru u tkun qed tivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet tad-disinn approvati għat-titjir.

▼B

**21A.265 Obbligi tad-detentur taċ-ċertifikat**

L-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn għandu:

(a) Iżomm il-manwal f'konformità mas-sistema ta' l-assigurazzjoni tad-disinn;

(b) Jiżgura li dan il-manwal jintuża bħala dokument bażiku ta' xogħol fi ħdan l-organizzazzjoni;

(ċ) Jistabbilixxi li d-disinn tal-prodotti, jew it-tibdil jew it-tiswijiet li jsir fihom, kif applikabbli, ikun konformi mal-kriterji applikabbli u ma jkollux karatteristiċi ta' nuqqas ta' sigurtà;

(d) Ħlief għal tibdiliet jew tiswijiet minuri approvati taħt il-privileġġ ta' 21A.263, jipprovdi lill-Aġenzija dikjarazzjonijiet u dokumentazzjoni relatata li jikkonfermaw il-konformità mal-paragrafu (ċ);

(e) Jipprovdi lill-Aġenzija informazzjoni jew struzzjonijiet relatati għall-azzjonijiet meħtieġa taħt 21A.3B;

▼M4

(f) Fejn ikun applikabbli, skond il-privileġġ ta’ 21A.263(c)(6), jiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom jista’ jinħareġ permess għat-titjir.

▼M6

(g) Fejn ikun applikabbli, skont il-privileġġ tal-punt 21A.263(c)7, jistabbilixxi l-konformità mal-punt 21A.711(b) u (e) qabel joħroġ permess għat-titjir lil inġenji tal-ajru.

▼B

SUBPARTI K - KOMPONENTI U TAGĦMIR

**21A.301 Ambitu**

Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura marbuta ma' l-approvazzjoni ta' partijiet u tagħmir.

**21A.303 Konformità mar-rekwiżiti applikabbli**

It-turija ta' konformità ta' partijiet u tagħmir li se jiġi installat fi prodott li għandu ċ-ċertifikat tat-tip għandha tkun magħmula:

(a) F'rabta mal-proċeduri taċ-ċertifikazzjoni tat-tip tas-Sub-partijiet B, D jew E għall-prodott li fih dan se jkun installat; jew

▼B

(b) Fejn applikabbli, taħt il-proċeduri ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO tas-Sub-parti L; jew

(ċ) Fil-każ ta' partijiet standard, f'konformità ma' standards rikonoxxuti uffiċjalment.

**21A.305 Approvazzjoni ta' komponenti u tagħmir**

Fil-każijiet kollha fejn l-approvazzjoni ta' parti jew tagħmir hija meħtieġa b'mod espliċitu bil-liġi tal-Komunità jew bil-miżuri ta' l-Aġenzija, il-parti jew it-tagħmir għandu jikkonforma ma' l-ETSO applikabbli jew ma' l-ispeċifikazzjonijiet rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-Aġenzija fil-każ partikulari.

**21A.307 Rilaxx ta' komponenti u tagħmir għall-installazzjoni**

L-ebda parti jew tagħmir (ħlief għal partijiet *standard*), m'għandhom ikunu eliġibbli għall-installazzjoni fi prodott li għandu ċ-ċertifikat tat-tip, sakemm dawn:

▼M6

(a) Akkumpanjat minn ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (Formola 1 tal-EASA) li jiċċertifika li l-oġġett ġie mmanifatturat f'konformità mad-dejta tad-disinn approvata u li huwa f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu; u

▼B

(b) Ma jkunux immarkati f'konformità mas-Sub-parti N.

(SUBPARTI L - MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI M - TISWIJIET

**21A.431 Ambitu**

(a) Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija, u tistabbilixxi wkoll id-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikanti għal, jew l-okkupant ta', dawk l-approvazzjonijiet.

(b) "Tiswija" tfisser it-tneħħija ta' difett u/jew li prodott, parti jew tagħmir jerġa' jilħaq mill-ġdid il-kondizzjoni ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni wara li fil-bidu dan ikun ġie rilaxxat fis-servizz mill-manifattur.

(ċ) It-tneħħija ta' difett billi jinbidlu partijiet jew tagħmir mingħajr il-ħtieġa ta' attività ta' disinn għandha titqies bħala xogħol ta' manutenzjoni, u għalhekk ma jkunx hemm bżonn ta' approvazzjoni taħt din il-Parti.

(d) Tiswija fuq oġġett ta' l-ETSO għandha tiġi trattata bħala tibdil fid-disnn ta' l-ETSO u għandha tkun proċessata f'konformità ma' 21A.611.

▼M6

**21A.432A Eliġibbiltà**

(a) Kwalunkwe persuna naturali jew legali li tkun uriet, jew hija fil-proċess li turi, il-kapaċità tagħha skont il-punt 21A.432B għandha tkun eliġibbli bħala applikant għall-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri taħt il-kundizzjonijiet li hemm stabbiliti f'din is-Subparti.

(b) Kwalunkwe persuna naturali jew legali tista' tapplika għall-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija minuri.

▼B

**21A.432B Wiri tal-kapaċità**

(a) Applikant għall-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri għandu juri l-kapaċità tiegħu billi jkollu l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tad-disinn, maħruġ mill-Aġenzija f'konformità mas-Sub-parti H.

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), bħala proċedura alternattiva biex juri l-kapaċità tiegħu, applikant jista' jagħmel ftehim ma' l-Aġenzija għall-użu ta' proċeduri li jistabbilixxu l-prattiċi tad-disinn speċifiku, ir-riżorsi u s-sekwenza ta' l-attivitajiet meħtieġa li jikkonformaw ma' din is-Sub-parti.

▼B

**21A.433 Disinn tat-tiswija**

(a) L-applikant għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija għandu:

1. Juri konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali inkorporati b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip jew fiċ-ċertifikat supplementari tat-tip, skond kif japplika, jew ma' dawk li jkunu effettivi fid-data ta' l-applikazzjoni (għall-approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija), kif ukoll ma' kwalunkwe emendi għal dawk l-ispeċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni jew kondizzjonijiet speċjali li l-Aġenzija ssib bħala meħtieġa biex ikun stabbilit livell ta' sigurtà simili għal dak stabbilit bil-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip inkorportata b'referenza fiċ-ċertifikat tat-tip jew fiċ-ċertifikat supplementari tat-tip.

2. Jissottometti l-informazzjoni sostanzjanti kollha meħtieġa meta din tintalab mill-Aġenzija.

3. Jiddikjara konformità ma' l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u mal-kriterji tal-protezzjoni ambjentali tas-sub-paragrafu (a)(1).

(b) Fejn l-applikant ma jkunx dak li jkollu ċ-ċertifikat tat-tip jew iċ-ċertifikat supplementari tat-tip, skond kif japplika, l-applikant jista' jikkonforma mal-kriterji tal-paragarfu (a) permezz ta' l-użu tar-riżorsi tiegħu stess jew inkella permezz ta' arranġament ma' l-okkupant ta' ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, skond kif ikun japplika.

**21A.435 Klassifikazzjoni tat-tiswijiet**

(a) Tiswija tista' tkun "maġġuri" jew "minuri". Il-klassifikazzjoni għandha ssir f'konformità be mal-kriterji ta' 21A.91 għal tibdil fid-disinn tat-tip.

(b) Tiswija tiġi klassifikata bħala "maġġuri" jew "minuri" taħt il-paragarfu (a) jew:

1. Mill-Aġenzija, jew

2. Minn organizzazzjoni tad-disinn approvata kif suppost taħt il-proċedura miftehma ma' l-Aġenzija.

**21A.437 Ħruġ tal-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija**

Meta jiġi dikjarat u jintwera bis-sħiħ li d-disinn tat-tiswija jkun jilħaq l-ispeċifikazzjonijiet applikabbli taċ-ċertifikazzjoni u l-kriterji tal-protezzjoni ambjentali ta' 21A.433(a)(1), dan għandu jiġi approvat:

(a) mill-Aġenzija, jew

(b) minn organizzazzjoni approvata kif suppost u li jkollha wkoll iċ-ċertifikat tat-tip jew iċ-ċertifikat supplementari tat-tip, taħt proċedura li dwarha jkun hemm ftehim ma' l-Aġenzija, jew

(ċ) għal tiswijiet minuri biss, minn organizzazzjoni tad-disinn approvata kif suppost taħt proċedura li dwarha jkun hemm ftehim ma' l-Aġenzija.

**21A.439 Produzzjoni ta' komponenti għat-tiswija**

Il-partijiet u t-tagħmir li jintużaw għal biex issir it-tiswija għandhom ikunu manifatturati f'konformità ma' l-informazzjoni tal-produzzjoni bażata fuq l-informazzjoni kollha meħtieġa tad-disinn, kif provdut mill-okkupant ta' l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija:

(a) Taħt is-Sub-parti F, jew

(b) Minn organizzazzjoni approvata kif suppost f'konformità mas-Sub-parti Ġ, jew

(ċ) Minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif suppost.

**21A.441 Twettiq tat-tiswija**

(a) It-tiswir ta' tiswija għandu jsir minn organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata kif suppost, jew minn organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata kif suppost f'konformità mas-Sub-parti Ġ, taħt il-privileġġ 21A.163.

(b) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tgħaddi lill-organizzazzjoni li se twettaq it-tiswija l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa ta' l-installazzjoni.

▼B

**21A.443 Limitazzjonijiet**

Disinn ta' tiswija jista' jkun approvat soġġett għal ċerti limitazzjonijiet. F'każ bħal dan, l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija għandha tkun tinkludi l-istruzzjonijiet u l-limitazzjonijiet kollha meħtieġa. Dawn l-istruzzjonijiet u limitazzjonijiet għandhom jintbagħtu mill-okkupant ta' l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija lill-operatur f'konformità ma' proċedura li dwarha jkun hemm ftehim ma' l-Aġenzija.

**21A.445 Ħsara mhux imsewwija**

(a) Meta prodott, parti jew tagħmir difettuż jitħalla mhux imsewwi, u dan ma jkunx kopert minn informazzjoni approvata qabel, l-evalwazzjoni tad-difett li jista' jaffettwa l-adegwità ta' l-avjazzjoni ta' dan tista' ssir biss:

1. Mill-Aġenzija, jew

2. Minn organizzazzjoni tad-disinn approvata kif suppost taħt proċedura li dwarha jkun hemm ftehim ma' l-Aġenzija. Kwalunkwe limitazzjonijiet meħtieġa għandhom ikunu proċessati f'konformità mal-proċeduri ta' 21A.443.

(b) Fejn l-organizzazzjoni li tkun qed tevalwa d-difett taħt il-paragrafu (a) ma tkunx la l-Aġenzija u lanqas l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, din l-organizzazzjoni għandha tiġġustifika li l-informazzjoni li fuqha hija bażata l-evalwazzjoni tkun waħda adegwata jew mir-riżorsi ta' l-organizzazzjoni stess jew permezz ta' ftehim ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, jew il-manifattur, skond kif japplika.

**21A.447 Iż-Żamma tar-rekords**

Għal kull tiswija, l-informazzjoni kollha tad-disinn li hija relevanti, it-tpinġijiet, ir-rapporti tat-testijiet, l-istruzzjonijiet u l-limitazzjonijiet possibbli kollha li jkunu nħarġu f'konformità ma' 21A.443, il-ġustifkazzjoni għall-klassifikazzjoni, kif ukoll l-evidenza ta' l-approvazzjoni tad-disinn, għandhom:

(a) jinżammu mill-okkupant ta' l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija għad-dispożizzjoni ta' l-Aġenzija, u

(b) jinżammu mill-okkupant ta' l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa ħalli jkun żgurat l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni tal-prodotti, partijiet jew tagħmir li fuqu tkun saret it-tiswija.

**21A.449 Struzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà**

(a) l-okkupant ta' l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija għandu jipprovdi minn ta' l-anqas sett wieħed komplut ta' dak it-tibdil fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, li jkun ġej bħala riżultat tad-disinn tat-tiswija. Dan għandu jinkludi informazzjoni deskrittiva u struzzjonijiet ta' eżekuzzjoni mħejjija f'konformità mal-kriterji applikabbli, għal kull operatur ta' ajruplan li jkun jinkorpora t-tiswija. Il-prodott, il-parti jew it-tagħmir imsewwi jista' jkun rilaxxat għas-servizz qabel ma jkun tlesta t-tibdil f'dawk l-istruzzjonijiet, imma dan għandu jkun għal perjodu ta' servizz limitat biss, u fi ftehim ma' l-Aġenzija. Dak it-tibdil fl-istruzzjonijiet għandu jkun disponibbli, jekk ikun hemm talba, għal kwalunkwe persuna oħra li tkun meħtieġa tikkonforma ma' kwalunkwe mit-termini ta' dak it-tibdil fl-istruzzjonijiet. Id-disponiblità ta' xi, jew ta' taqsima sħiħa ta', tibdil fil-manwal għall-istruzzjonijiet ta' l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni, marbuta ma' l-ispezzjoni jew ma' forom oħra ta' manutenzjoni kbira, tista' tittardja sa wara ma l-prodott ikun daħal fis-servizz, iżda dan għandu jkun disponibbli qabel ma kwalunkwe prodotti jkunu laħqu l-età relevanti jew is-sigħat/ċikli ta' tijiriet.

(b) jekk għal dak it-tibdil fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni jinħarġu aġġornamenti mill-okkupant ta' l-approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija, wara li t-tiswija tkun ġiet l-ewwel approvata, dawn l-aġġornamenti għandhom ikunu provduti lil kull operatur u għandhom ikunu disponibbli, fuq talba, lil kwalunkwe persuna oħra meħtieġa li tikkonforma ma' kwalunkwe mit-termini ta' dak it-tibdil fl-istruzzjonijiet. Programm li juri kif se jitqassmu l-aġġornamenti għat-tibdil fl-istruzzjonijiet għall-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għandu jkun sottomess lill-Aġenzija.

▼B

**21A.451 Obbligi u mmarkar tal-EPA**

(a) Kull okkupant ta' approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija maġġuri għandu:

1. iwettaq l-obbligi:

(i) stabbiliti f'21A.3, 21A.3B, 21A.4, 21A.439, 21A.441, 21A.443, 21A.447 u 21A.449;

(ii) li hemm impliċiti fil-kollaborazzjoni ma' l-okkupant taċ-ċertifikat tat-tip jew taċ-ċertifikat supplementari tat-tip, jew it-tnejn, taħt 21A.433 (b), kif suppost.

2. jispeċifika l-immarkar, inklużi l-ittri AEP ('Approvazzjoni Ewropea tal-Parti'), f'konformità ma' 21A.804(a).

(b) Ħlief għal dawk li jkollhom ċertifikat tat-tip li għalihom ikun japplika 21A.44, l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' disinn ta' tiswija minuri għandu:

1. iwettaq l-obbligi stabbiliti f'21A.4, 21A.447 u 21A.449; u

2. jispeċifika l-immarkar, inklużi l-ittri AEP, f'konformità ma' 21A.804(a).

(SUBPARTI N - MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI O - L-AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ETSO (EUROPEAN TECHNICAL STANDARD ORDER)

**21A.601 Ambitu**

(a) Din is-Sub-parti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta' l-awtorizzazzjonijiet ta' l-Ordni ta' *Standard* Tekniku Ewropew u r-regoli li jikkontrollaw d-drittijiet u l-obbligi ta' l-applikant għal, jew l-okkupant ta', tali awtorizzazzjonijiet.

▼M6

————

▼B

**21A.602A Eliġibbiltà**

Kwalunkwe persuna naturali jew legali li tipproduċi jew tinsab fil-proċess li tipproduċi oġġett ta' l-ETSO, u li tkun uriet, jew tinsab fil-proċess li turi, l-kapaċità tagħha taħt 21A.602B għandha tkun eliġibbli bħala applikant għall-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO.

**21A.602B Wiri tal-kapaċità**

Kwalunkwe applikant għall-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għandu juri l-kapaċità tiegħu kif ġej:

(a) għall-produzzjoni, billi jkollu l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni, maħruġ f'konformità mas-Sub-parti G, jew permezz ta' konformità mal-proċeduri tas-Sub-parti F; u

(b) għad-disinn:

1. għal Unit ta' Qawwa Awżiljarja, billi jkollu l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tad-disinn, maħruġ mill-Aġenzija f'konformità mas-Sub-parti H;

2. għall-oġġetti l-oħra kollha, billi jintużaw il-proċeduri li jistabbilixxu l-prattiċi tad-disinn speċifiku, r-riżorsi u s-sekwenza ta' l-attivitajiet meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din il-Parti.

**21A.603 Applikazzjoni**

(a) Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għandha ssir f'forma u manjiera stabbiliti mill-Aġenzija u għandha tinkludi qafas ta' l-informazzjoni meħtieġa minn 21A.605.

(b) Meta tkun antiċipata sensiela ta' tibdil minuri f'konformità ma' 21A.611, l-applikant għandu jniżżel fl-applikazzjoni tiegħu n-numru bażiku tal-mudell ta' l-oġġett segwit min-numri assoċjati tal-parti b'parentesi miftuħa biex juri li ittri jew numri (jew kumbinazzjoni tagħhom t-tnejn) tas-suffiss li jinbidlu jistgħu jiżdiedu minn żmien għal żmien.

▼B

**21A.604 Awtorizzazzjoni tal-ETSO għal Unità ta' Qawwa Awżiljarja (APU)**

Dwar l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għal Unit ta' Qawwa Awżiljarju:

(a) 21A.15, 21A.16B, 21A.17, 21A.20, 21A.21, 21A.31, 21A.33, 21A.44 għandhom japplikaw b'deroga minn 21A.603, 21A.606(ċ), 21A.610 u 21A.615, ħlief li l-Awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għandha tinħareġ f'konformità ma' 21A.606 minflok iċ-ċertifikat tat-tip;

(b) is-Sub-parti D jew is-Sub-parti E ta' din il-Parti 21 tapplika għall-approvazzjoni ta' tibdil fid-disinn b'deroga minn 21A.611. Meta tintuża s-Sub-parti E, għandha tinħareġ minflok awtorizzazzjoni separata ta' l-ETSO ta' ċertifikat supplementari tat-tip.

**21A.605 Rekwiżiti tad-dejta**

L-applikant għandu jissottometti d-dokumenti li ġejjin, lill-Aġenzija:

(a) Dikjarazzjoni ta' konformità li tiċċertifika li l-applikant ikun laħaq il-kriterji ta' din is-Sub-parti.

(b) Dikjarazzjoni tad-Disinn u l-Eżekuzzjoni (DDE).

(ċ) Kopja waħda ta' l-informazzjoni teknika applikabbli meħtieġa fl-ETSO.

(d) L-espożizzjoni (jew referenza għall-espożizzjoni) imsemmija f'21A.143 għall-għan li tkun miksuba l-approvazzjoni adattata ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni taħt is-Sub-parti Ġ jew il-manwal (jew referenza għall-manwal) imsemmi ►M6 21A.125A(b) ◄ għall-għan ta' manifattura taħt is-Sub-parti F mingħajr l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

(e) Għal APU, il-manwal (jew referenza għall-manwal) imsemmi f'21A.243 għall-għan li tkun miksuba l-approvazzjoni adattata ta' l-organizzazzjoni tad-disinn taħt is-Sub-parti H.

(f) għall-oġġetti l-oħra kollha, il-proċeduri msemmija f'21A.602B(b)(2).

**21A.606 Ħruġ tal-awtorizzazzjoni tal-ETSO**

L-applikant huwa intitolat biex ikollu l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO maħruġa mill-Aġenzija wara:

(a) li jkun wera l-kapaċità tiegħu f'konformità ma' 21A.602B; u

(b) li jkun wera li l-oġġett jikkonforma mal-kondizzjonijiet tekniċi applikabbli ta' l-ETSO, u jissottometti d-dikjarazzjoni korrispondenti ta' konformità.

▼M6

(ċ) Li jkun stqarr espressament li huwa lest jikkonforma mal-punt 21A.609.

▼B

**21A.607 Privileġġi tal-awtorizzazzjoni tal-ETSO**

L-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO ikun intitolat biex jipproduċi u jimmarka l-oġġetti bl-immarkar adattat ta' l-ETSO.

**21A.608 Dikjarazzjoni tad-Disinn u Rendiment (DDP)**

(a) Id-DDE għandu jkun fiha minn ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:

1. Informazzjoni li tikkorrispondi għal 21A.31(a) u (b), li tidentifika l-oġġett u d-disinn u l-livell ta' l-ittestjar tiegħu.

2. L-ikkalkular ta' l-eżekuzzjoni ta' l-oġġett, fejn suppost, jew direttament jew b'referenza għad-dokumenti supplementari l-oħra.

3. Dikjarazzjoni ta' konformità li tiċċertifika li l-oġġett ikun tabilħaqq laħaq l-ETSO li suppost.

4. Referenza għar-rapporti tat-test relevanti.

5. Referenza għall-Manwali proprja tal-Manutenzjoni, l-Ispezzjoni u t-Tiswija.

▼B

6. Il-livelli ta' konformità, fejn livelli varji ta' konformità jkunu permessi bl-ETSO.

7. Lista ta' devjazzjonijiet aċċettati f'konformità ma' 21A.610.

(b) Id-DDE għandha ġġib id-data u l-firma ta' l-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, jew inkella tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

**21A.609 Obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet tal-ETSO**

Min għandu l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO taħt din is-Sub-parti għandu:

(a) Jimmanifattura kull oġġett f'konformità mas-Sub-parti Ġ jew is-Sub-parti F li tiżgura li kull oġġett komplut ikun konformi ma' l-informazzjoni tad-disinn tiegħu u jkun tajjeb għall-installazzjoni;

(b) Jipprepara u jżomm, għal kull mudell ta' kull oġġett li għalih tkun inħarġet l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, fajl kurrenti ta' l-informazzjoni u r-rekords tekniċi kompluti f'konformità ma' 21A.613;

(ċ) Jipprepara, jżomm u jaġġorna l-kopji oriġinali tal-manwali kollha li huma meħtieġa bl-ispeċifikazzjonijiet applikabbli ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni għall-oġġett;

(d) Jagħmel disponibbli lill-utenti ta' l-oġġett u lill-Aġenzija, jekk ikun hemm talba, dawk il-manwali tal-manutenzjoni, l-ispezzjoni u t-tiswija li huma meħtieġa għall-użu u l-manutenzjoni ta' l-oġġett, kif ukoll it-tibdil li jsir f'dawk il-manwali;

(e) Jimmarka kull oġġett f'konformità ma' 21A.807; u

▼M6

(f) Jikkonforma mal-punti 21A.3, 21A.3B u 21A.4.

▼B

(g) Ikompli jilħaq il-kriterji tal-kwalifikazzjoni ta' 21A.602B.

**21A.610 Approvazzjoni għad-devjazzjoni**

(a) Kull manifattur li jagħmel talba għal devjazzjoni minn kwalunkwe eżekuzzjoni *standard* ta' l-ETSO għandu juri li l-livelli li minnhom tkun qed tintalab id-devjazzjoni jkunu kompensati b'fatturi jew karatteristiċi ta' disinn li jkunu jipprovdu livell ekwivalenti ta' sigurtà.

(b) It-talba għall-approvazzjoni tad-devjazzjoni, flimkien ma' l-informazzjoni relatata kollha, għandhom jiġu sottomessi lill-Aġenzija.

**21A.611 Tibdil fid-disinn**

(a) L-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO jista' jagħmel tibdil minuri fid-disinn (kwalunkwe tibdil għajr tibdil maġġuri) mingħajr aktar awtorizzazzjoni mill-Aġenzija. F'dan il-każ, l-oġġett mibdul għandu jżomm in-numru tal-mudell oriġinali (tibdil jew emendi fin-numri tal-partijiet għandhom jintużaw biex ikun identifikat it-tibdil minuri) u l-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni għandu jgħaddi lill-Aġenzija kwalunkwe informazzjoni riveduta li tkun meħtieġa għall-konformità ma' 21A.603(b).

(b) Kwalunkwe tibdil fid-disinn li jsir mill-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO li jkun kbir biżżejjed li jkun jeħtieġ investigazzjoni sostanzjalment kompluta biex tkun stabbilita l-konformità ma' l-ETSO ikun meqjus bħala tibdil maġġuri. Qabel ma jsir dan it-tibdil, l-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni għandu jassenja għall-oġġett deskrizzjoni ġdida tat-tip jew mudell u japplika għall-awtorizzazzjoni ġdida taħt 21A.603.

(ċ) L-ebda tibdil fid-disinn minn persuna naturali jew legali, għajr l-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO, li tkun issottomettiet id-dikjarazzjoni tal-konformità għall-oġġett ma jista' jkun eliġibbli għall-approvazzjoni taħt din is-Sub-parti, sakemm il-persuna li tkun qed tistenna tali approvazzjoni ma tkunx applikat taħt 21A.603 għal awtorizzazzjoni separata ta' l-ETSO.

**21A.613 Iż-Żamma tar-rekords**

B'referenza għall-kriterji taż-żamma tar-rekords adattati għal jew assoċjati mas-sistema tal-kwalità, l-informazzjoni relevanti kollha fuq id-disinn, it-tpinġijiet u r-rapporti tat-testijiet, inklużi r-rekords ta' l-ispezzjoni għall-oġġett ittestjat, għandhom ikunu disponibbli għall-Aġenzija u għandhom jinżammu biex jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa ħalli jkun żgurat l-issoktar ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni ta' l-oġġett u tal-prodott biċ-ċertifikat tat-tip li jkun twaħħal fih.

▼B

**21A.615 Spezzjoni mill-Aġenzija**

Fuq talba ta' l-Aġenzija, kull applikant għal, jew l-okkupant ta' awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għal oġġett, għandu jippermetti lill-Aġenzija biex din:

(a) Tkun tista' tixhed għal kwalunkwe testijiet.

(b) Tispezzjona l-fajls ta' l-informazzjoni teknika fuq dak l-oġġett.

**21A.619 Perjodu u ssoktar tal-validità**

(a) Awtorizzazzjoni ta' l-ETSO għandha tinħareġ għal perjodu illimitat. Din għandha tibqa' valida sakemm:

1. Il-kondizzjonijiet meħtieġa meta tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO ma jkunux qed jiġu aktar osservati; jew

2. L-obbligi ta' l-okkupant ta' l-awtorizzazzjoni kif speċifikati f'21A.609 ma jkunux aktar mħarsa; jew

3. Ikun ġie ippruvat li l-oġġett qed iwassal għal perikli fis-servizz li mhumiex aċċettabbli; jew

4. L-awtorizzazzjoni tkun ġiet ċeduta jew revokata taħt il-proċeduri amministrattivi applikabbli stabbiliti mill-Aġenzija.

(b) Meta jiġi ċedut jew revokat, iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lura lill-Aġenzija.

**21A.621 Trasferibbiltà**

Ħlief għal bdil tal-persuna li jkollha l-awtorizzazzjoni, liema bdil għandu jitqies bħala sinjifikanti, u għalhekk irid ikun hemm konformità ma' 21A.147 u 21A.247 kif japplika, l-awtorizzazzjoni ta' l-ETSO maħruġa taħt din il-Parti mhijiex waħda trasferibbli.

▼M4

SUBPARTI P - PERMESS GĦAT-TITJIR

▼M6

**21A.701 Ambitu**

(a) Permessi għat-titjir għandhom jinħarġu skont din is-Subparti lil inġenji tal-ajru li ma jkunux jissodisfaw, jew li ma jkunux urew li jissodisfaw, ir-rekwiżiti applikabbli tal-ajrunavigabbiltà imma jkunu jistgħu jagħmlu titjira sikura taħt kundizzjonijiet iddefiniti u għall-iskopijiet li ġejjin:

(1) żvilupp;

(2) wiri ta' konformità mar-regolamenti jew speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni;

(3) taħriġ tal-ekwipaġġi ta' organizzazzjonijiet tal-iddisinjar jew organizzazzjonijiet tal-produzzjoni;

(4) ittestjar ta' titjiriet matul il-produzzjoni ta' inġenji tal-ajru ta' produzzjoni ġdida;

(5) titjir tal-inġenji tal-ajru bejn faċilitajiet tal-produzzjoni matul il-produzzjoni;

(6) titjir tal-inġenji tal-ajru għall-aċċettazzjoni mill-klijent;

(7) kunsinjar jew esportar tal-inġenji tal-ajru;

(8) titjir tal-inġenji tal-ajru għall-aċċettazzjoni mill-Awtorità;

(9) stħarriġ tas-suq, inkluż it-taħriġ tal-ekwipaġġ tal-klijenti;

(10) esibizzjoni u wirja tal-ajru (air show);

(11) titjir tal-inġenji tal-ajru lejn post fejn tkun se ssir xi manutenzjoni jew verifika tal-ajrunavigabbiltà, jew lejn post ta' ħażna;

▼M6

(12) titjir tal-inġenji tal-ajru b'piż ogħla mill-piż tat-tluq massimu ċċertifikat għal titjira itwal mid-distanza normali ta' titjir fuq il-baħar, jewfuq żoni ta' art fejn faċilitajiet adegwati ta' nżul jew fjuwil mixtieq ma jkunux disponibbli;

(13) ksur ta' rekords, tlielaq tal-ajru jew xi kompetizzjoni simili;

(14) titjir tal-inġenji tal-ajru li jkun jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-ajrunavigabbiltà qabel ma tkun ġiet stabbilita l-konformità mar-rekwiżiti ambjentali;

(15) għal attività ta' titjir mhux kummerċjali fuq inġenji tal-ajru individwali mhux kumplessi jew tipi li għalihom ma jkunx xieraq il-ħruġ ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà jew ta' ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett.

(b) Din is-Subparti tistabbilixxi l-proċedura għall-ħruġ ta' permessi għat-titjir u għall-approvazzjoni ta' kundizzjonijiet tat-titjir assoċjati, u tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-applikanti għal, u tad-detenturi ta', dawk il-permessi u approvazzjonijiet ta' kundizzjonijiet tat-titjir.

**21A.703 Eliġibbiltà**

(a) Kull persuna naturali jew legali hija eliġibbli bħala applikant għal permess għat-titjir minbarra permess għat-titjir meta jintalab għall-iskop tal-punt 21A.701(a)15 fejn l-applikant għandu jkun is-sid.

(b) Kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika tista' tapplika għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir.

▼M4

**21A.705 Awtorità Kompetenti**

Minkejja 21.1, għall-iskop ta' din is-Subparti, l-"Awtorità Kompetenti" għandha tkun:

(a) l-awtorità maħtura mill-Istat Membru tar-reġistru; jew

(b) għal ajruplan li ma jkunx reġistrat, l-awtorità maħtura mill-Istat Membru li tkun ordnat il-marki ta' identifikazzjoni.

**21A.707 Applikazzjoni għal permess għat-titjir**

(a) F'konformità ma' 21A.703 u meta l-applikant ma jkunx ingħata l-privileġġ li jinħariġlu permess għat-titjir, għandha ssir applikazzjoni għal permess għat-titjir għand l-Awtorità Kompetenti bil-mod u l-manjiera stabbilita minn dik l-awtorità.

(b) Kull waħda mill-applikazzjonijiet għal permess għat-titjir għandha tinkludi:

1. l-iskop(ijiet) tat-titjir(a/ijiet), skond 21A.701;

2. il-modi kif l-ajruplan ma jikkonformax mar-rekwiżiti applikabbli ta' l-adegwatezza għall-ajru;

3. il-kundizzjonijiet tat-titjira approvati skond 21A.710.

(c) Fejn il-kundizzjonijiet tat-titjira ma jkunux ġew approvati dakinhar ta' l-applikazzjoni għall-permess għat-titjir, għandha ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira skond 21A.709.

**21A.708 Kundizzjonijiet tat-titjir**

Il-kundizzjonijiet tat-titjira jinkludu:

(a) il-konfigurazzjoni(jiet) li għalihom ikun qed jintalab il-permess għat-titjir;

(b) kull kundizzjoni jew restrizzjoni meħtieġa għall-operar sigur ta' l-ajruplan, inklużi:

1. il-kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti fuq l-itinerarji jew spazju ta' l-ajru, jew it-tnejn, meħtieġa għat-titjir(a/ijiet);

2. il-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet imposti fuq l-ekwipaġġ tat-titjira biex itajjar l-ajruplan;

▼M4

3. ir-restrizzjonijiet rigward ġarr ta' persuni oħrajn barra l-ekwipaġġ tat-titjira;

4. il-limitazzjonijiet operazzjonali, proċeduri speċifiċi jew kundizzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu ssodisfatti;

5. il-programm tal-prova tat-titjira speċifika (jekk ikun applikabbli);

6. l-arranġamenti speċifiċi kontinwi ta' l-adegwatezza għall-ajru inklużi istruzzjonijiet ta' manutenzjoni u skond liema reġim għandhom jiġu eżegwiti;

(c) il-konvalidazzjoni li l-ajruplan ikun jista' jagħmel titjira sigura taħt il-kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet tas-subparagrafu (b);

(d) il-metodu użat għall-kontroll tal-konfigurazzjoni ta' l-ajruplan, biex jibqa' fil-limiti tal-kundizzjonijiet stabbiliti.

**21A.709 Applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir**

(a) F'konformità ma' 21A.707(c) u meta l-applikant ma jkunx ingħata l-privileġġ li jiġu approvati l-kundizzjonijiet tat-titjira, għandha ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira:

1. għand l-Aġenzija bil-mod u l-manjiera stabbilita mill-Aġenzija, meta l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira tkun relatata mas-sigurtà tad-disinn; jew

2. għand l-Awtorità Kompetenti bil-mod u l-manjiera stabbilita minn dik l-awtorità, meta l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira ma tkunx relatata mas-sigurtà tad-disinn.

(b) Kull waħda mill-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira għandha tinkludi:

1. il-kundizzjonijiet tat-titjira proposta;

2. id-dokumentazzjoni li tissostanzja dawn il-kundizzjonijiet; u

3. dikjarazzjoni li l-ajruplan ikun jista' jagħmel titjira sigura taħt il-kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet tal-paragrafu 21A.708(b).

**21A.710 Approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjir**

(a) meta l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira tkun relatata mas-sigurtà tad-disinn, il-kundizzjonijiet tat-titjira għandhom jiġu approvati minn:

1. l-Aġenzija; jew

2. organizzazzjoni tad-disinn approvata b'mod xieraq, skond il-privileġġ ta' 21A.263(c)(6).

(b) Meta l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira ma tkunx relatata mas-sigurtà tad-disinn, il-kundizzjonijiet tat-titjira għandhom jiġu approvati mill-Awtorità Kompetenti, jew mill-organizzazzjoni li tkun approvata b'mod xieraq li tkun sa toħroġ ukoll il-permess għat-titjir.

▼M6

(ċ) Qabel ma tapprova l-kundizzjonijiet tat-titjir, l-Aġenzija, l-Awtorità Kompetenti jew l-organizzazzjoni approvata għandha tkun sodisfatta li l-inġenji tal-ajru jkunu jistgħu jagħmlu titjira sigura taħt il-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifikati. L-Aġenzija jew l-Awtorità Kompetenti tista' ġġiegħel jew teżiġi lill-applikant jagħmel kull spezzjoni jew prova meħtieġa għal dak l-iskop.

**21A.711 Ħruġ ta' permess għat-titjir**

(a) Permess għat-titjir (Formola 20a tal-EASA, ara l-Appendiċi) jista' jinħareġ mill-awtorità kompetenti taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt 21B.525.

▼M6

(b) Organizzazzjoni tad-disinn approvata b'mod xieraq tista' toħroġ permess għat-titjir (Formola 20b tal-EASA, ara l-Appendiċi) taħt il-privileġġ mogħti skont il-punt 21A.263(c)(7), meta l-kundizzjonijiet tat-titjir imsemmija fil-punt 21A.708 jkunu ġew approvati skont il-punt 21A.710.

(ċ) Organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata b'mod xieraq tista' toħroġ permess għat-titjir (Formola 20b tal-EASA, ara l-Appendiċi) taħt il-privileġġ mogħti skont il-punt 21A.163(e), meta l-kundizzjonijiet tat-titjir imsemmija fil-punt 21A.708 jkunu ġew approvati skont il-punt 21A.710.

(d) Organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-issoktar tal-ajruvagabbiltà approvata b'mod xieraq tista' toħroġ permess għat-titjir (Formola 20b tal-EASA, ara l-Appendiċi) taħt il-privileġġ mogħti skont il-punt M.A.711 tal-Anness I (Parti M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, meta l-kundizzjonijiet tat-titjir imsemmija fil-punt 21A.708 jkunu ġew approvati skont il-punt 21A.710.

(e) Il-permess għat-titjir għandu jispeċifika l-iskop(ijiet) u kwalunkwe kundizzjoni u restrizzjoni li tkun ġiet approvata skont il-punt 21A.710.

(f) Għall-permessi maħruġa skont is-subparagrafu (b), (c) jew (d), għandha tingħata kopja tal-permess għat-titjir u tal-kundizzjonijiet tat-titjir assoċjati lill-awtoritajiet kompetenti mal-ewwel opprtunità iżda mhux aktar minn 3 ijiem.

(g) Fuq evidenza li xi waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati fil-punt 21A.723(a) ma tkunx issodisfatta għal permess għat-titjir li organizzazzjoni tkun ħarġet f'konformità mas-subparagrafu (b), (c) jew (d), dik l-organizzazzjoni għandha tirrevoka dak il-permess għat-titjir u tinforma lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

▼M4

**21A.713 Bidliet**

(a) Kull bidla li tinvalida l-kundizzjonijiet tat-titjira jew il-konvalidazzjoni assoċjata stabbilita għall-permess għat-titjir għandha tiġi approvata skond 21A.710. Meta tkun rilevanti għandha ssir applikazzjoni skond 21A.709.

(b) Bidla li taffettwa l-kontenut tal-permess għat-titjir tkun teħtieġ il-ħruġ ta' permess ġdid għat-titjir skond 21A.711.

**21A.715 Lingwa**

Il-manwali, plakards, listi, u marki ta' strumenti u informazzjoni neċessarja oħra meħtieġa skond l-ispeċifikazzjonijiet għaċ-ċertifikazzjoni applikabbli għandhom jiġu ppreżentata f'lingwa uffiċjali jew aktar tal-Komunità Ewropea aċċettabbli għall-Awtorità Kompetenti.

**21A.719 Trasferibbiltà**

(a) Permess għat-titjir m'huwiex trasferibbli.

(b) Minkejja s-subparagrafu (a) għal raġunijiet ta' permess għat-titjir maħruġ għall-iskop ta' 21A.701(a)(15), fejn ikun inbidel sid l-ajruplan, il-permess għat-titjir għandu jiġi ttrasferit flimkien ma' l-ajruplan bil-kundizzjoni li l-ajruplan jibqa' fl-istess reġistru, jew jinħareġ biss bil-kunsens ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistru fejn ikun ġie ttrasferit.

**21A.721 Spezzjonijiet**

Is-sid, jew l-applikant għal, permess għat-titjir għandu jipprovdi aċċess għall-ajruplan ikkonċernat fuq it-talba ta' l-Awtorità Kompetenti.

▼M4

**21A.723 Perjodu u ssoktar tal-validità**

▼M6

(a) Permess għat-titjir għandu jinħareġ għal massimu ta' 12-il xahar u jibqa' validu bil-kundizzjoni li:

(1) tinżamm il-konformità mal-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet tal-punt 21A.711(e) assoċjati mal-permess għat-titjir;

(2) il-permess ma jiġix ċedut jew revokat;

(3) l-inġenji tal-ajru jibqgħu fuq l-istess reġistru.

▼M4

(b) Minkejja s-subparagrafu (a), permess għat-titjir maħruġ għall-iskop ta' 21A.701(a)(15) jista' jinħareġ għal terminu ta' żmien illimitat.

(c) Mar-rinunzja jew ir-revoka tiegħu, il-permess għat-titjir għandu jiġi rritornat lill-Awtorità Kompetenti.

**21A.725 Tiġdid ta' permess għat-titjir**

It-tiġdid tal-permess għat-titjir għandu jiġi pproċessat bħala bidla f'konformità ma' 21A.713.

**21A.727 Obbligi tad-detentur tal-permess għat-titjir**

Is-sid ta' permess għat-titjir għandu jiżgura li l-kundizzjonijiet u restrizzjonijiet assoċjati mal-permess għat-titjir huma ssodisfatti u miżmuma.

**21A.729 Iż-Żamma ta' rekords**

(a) Id-dokumenti kollha mressqa biex jiġu stabbiliti u ġġustifikati l-kundizzjonijiet tat-titjira għandhom ikunu fil-pussess ta' sid l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira għad-dispożizzjoni ta' l-Aġenzija u l-Awtorità Kompetenti u għandhom jinżammu sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa biex tkun żgurata adegwatezza għall-ajru kontinwa ta' l-ajruplan.

(b) Id-dokumenti kollha assoċjati mal-ħruġ ta' permessi għat-titjir taħt il-privileġġ ta' l-organizzazzjonijiet approvati, inklużi rekords ta' spezzjonijiet, dokumenti li jissostanzjaw l-approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira u l-permess għat-titjir innifsu, għandhom ikunu fil-pussess ta' l-organizzazzjoni relatata approvata għad-dispożizzjoni ta' l-Aġenzija jew l-Awtorità Kompetenti u għandhom jinżammu sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa biex tkun żgurata adegwatezza għall-ajru kontinwa ta' l-ajruplan.

▼B

SUBPARTI Q - L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI, KOMPONENTI U TAGĦMIR

**21A.801 Identifikazzjoni tal-prodotti**

(a) L-identifikazzjoni tal-prodotti għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

1. L-isem tal-manifattur.

2. L-isem ta-prodott.

3. In-numru tas-serje tal-manifattur.

4. Kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Aġenzija ssib meħtieġ.

(b) Kwalunkwe persuna naturali jew legali li tkun teammanifattura ajruplan jew magna taħt is-Sub-parti Ġ jew is-Sub-parti F għandha tidentifika dak l-ajruplan jew magna permezz ta' pjanċa li tiflaħ għan-nar u li fuqha jkun hemm immarkata l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) permezz ta' inċiżjoni jew stampar, jew inkella permezz ta' metodu approvat ieħor ta' mmarkar li jkun jiflaħ għal kontra n-nar. Il-pjanċa ta' l-identifikazzjoni għandha tkun marbuta sew u f'manjiera li din tkun aċċessibbli u tinqara, u ma jkunx possibbli li titħassar jew titneħħa matul is-servizz normali, jew inkella tintilef jew tinqered f'xi inċident.

▼B

(ċ) Kwalunkwe persuna naturali jew legali li teammanifattura skrejjen, xfafar ta' skrejjen, jew inkella buttuni ta' skrejjen taħt is-Sub-parti Ġ jew is-Sub-parti F għandha tidentifikahom permezz ta' pjanċa, stampar, inċiżjoni, jew inkella b'xi metodu ieħor approvat ta' identifikazzjoni li tkun jiflaħ għal kontra n-nar. Din għandha titpoġġa fuq wieħed mill-uċuħ ta' l-oġġett li ma jkunx kritiku u għandu jkun fiha l-informazzjoni speċifikata fil-paragarfu (a). Din l-informazzjoni għandha tkun tali li la titħassar u lanqas titneħħa matul is-servizz normali, u lanqas ma tintilef jew tinqered f'każ ta' xi inċident.

▼M6

(d) Għal blalen tal-arja bl-ekwipaġġ, il-pjanċa ta' identifikazzjoni preskritta fis-subparagrafu (b) għandha tkun marbuta sew mal-għata tagħhom u għandha titpoġġa, jekk ikun prattiku, fejn l-operatur ikun jista' jaqraha meta l-ballun ikun minfuħ bl-arja. Barra minhekk, il-qoffa u l-qafas tiegħu, u kwalunkwe sistema ta' tisħin għandhom ikunu mmarkati, b'mod permanenti u li jinqara, bl-isem tal-manifattur, in-numru tal-parti, jew l-ekwivalenti, u n-numru tas-serje, jew l-ekwivalenti.

▼B

**21A.803 Immaniġġjar tad-dejta tal-identifikazzjoni**

(a) L-ebda persuna ma' tista' tneħħi, tibdel, jew tpoġġi kwalunkwe informazzjoni ta' identifikazzjoni li hemm imsemmija f'21A.801(a) fuq kwalunkwe ajruplan, magna, skrun, xafra ta' skrun, jew buttun ta' skrun, jew f'21A.807(a) fuq APU, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Aġenzija.

(b) L-ebda persuna ma tista' tneħħi jew twaħħal kwalunkwe pjanċa ta' identifikazzjoni li hemm imsemmija fi 21A.801, jew f'21A.807 għal APU, mingħajr l-approvazzjoni ta' l-Aġenzija.

(ċ) B'deroga mill-paragrafi (a) u (b), kwalunkwe persuna naturali jew legali li tagħmel xi xogħol ta' manutenzjoni taħt ir-regoli ta' implimentazzjoni applikabbli li hemm assoċjati tista', f'konformità mal-metodi, it-teknika u l-prattiċi stabbiliti bl-Aġenzija:

1. Tneħħi, tibdel, jew tpoġġi l-informazzjoni ta' identifikazzjoni li hemm imsemmija f'21A.801(a) fuq kwalunkwe ajruplan, magna, skrun, xafra jew buttun ta' skrun, jew f'21A.807(a) fuq APU; jew

2. Tneħħi pjanċa ta' identifikazzjoni li hemm imsemmija f'21A.801, jew 21A.807 għal APU, meta jkun meħtieġ matul ix-xogħol ta' manutenzjoni.

(d) L-ebda persuna ma tista' twaħħal pjanċa ta' identifikazzjoni mneħħija f'konformità mas-sub-paragrafu (ċ)(2) fuq kwalunkwe ajruplan, magna, skrun, xafra jew buttun ta' skrun għajr dak li minn fuqu din tkun tneħħiet.

**21A.804 Identifikazzjoni tal-komponenti u t-tagħmir**

▼M6

(a) Kwalunkwe parti jew tagħmir għandha tkun immarkata, b'mod permanenti u li jinqara, bi:

(1) isem, isem tad-ditta, jew simbolu li jidentifika 'l-manifattur b'mod identifikabbli mid-dejta tad-disinn applikabbli; u

(2) in-numru tal-parti, kif definit fid-dejta tad-disinn applikabbli; u

(3) l-ittri tal-EPA għal komponenti jew tagħmir li jkun ġie prodott f'konformità mad-dejta tad-disinn approvata li ma tkunx tappartjeni għad-detentur taċ-ċertifikat tat-tip tal-prodott relatat, ħlief għall-oġġetti tal-ETSO.

▼B

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), jekk l-Aġenzija taqbel li xi parti jew tagħmir ikun żgħir wisq jew li inkella ma jkunx prattiku li din il-parti jew dan it-tagħmir jiġi markat bl-informazzjoni meħtieġa bil-paragrafu (a), id-dokument tar-rilaxx awtorizzat li jkun qed jakkumpanja lill-parti jew lit-tagħmir jew lill-kontenitur tiegħu għandu jkun jinkludi l-informazzjoni li ma tkunx tista' tiġi markata fuq il-parti.

▼B

**21A.805 Identifikazzjoni tal-komponenti kritiċi**

Barra mill-kriterju ta' 21A.804, kull manifattur ta' parti li tkun se titwaħħal fuq prodott biċ-ċertifikat tat-tip u li tkun ġiet identifikata bħala waħda kritika għandu, b'mod permanenti u li jinqara sew, jimmarka dik il-parti bin-numru tagħha u bin-numru tas-serje.

**21A.807 Identifikazzjoni tal-oġġetti tal-ETSO**

(a) Kull okkupant ta' awtorizzazzjoni ta' l-ETSO taħt is-Sub-parti L għandu, b'mod permanenti u li jinqara, jimmarka kull oġġett bl-informazzjoni li ġejja:

1. L-isem u l-indirizz tal-manifattur;

2. L-isem, it-tip, in-numru tal-parti jew l-isem tal-mudell ta' l-oġġett;

3. In-numru tas-serje jew id-data tal-manifattura ta' l-oġġett jew it-tnejn; u

4. In-numru applikabbli ta' l-ETSO.

(b) B'deroga mill-paragrafu (a), jekk l-Aġenzija taqbel li parti tkun żgħira wisq jew li inkella ma jkunx prattiku li parti tiġi markata bl-informazzjoni meħtieġa bil-paragrafu (a), id-dokument tar-rilaxx awtorizzat li jkun qed jakkumpanja lill-parti jew il-kontenitur tagħha għandu jinkludi l-informazzjoni li ma tkunx tista' tiġi markata fuq dik il-parti.

(ċ) Kull persuna li teammanifattura APU taħt is-Sub-parti Ġ jew is-Sub-Parti F għandu jidentifika dak il-APU permezz ta' pjanċa li tkun tiflaħ għan-nar u li fuqha jkollha markata l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu (a) permezz ta' inċiżjoni jew stampar jew permezz ta' metodu approvat ieħor ta' markar li jkun jiflaħ għan-nar. Il-pjanċa ta' l-informazzjoni għandha tkun miżmuma b'tali mod u manjiera li din tkun aċċessibli u tinqara, u la tkun tista' titħassar jew titneħħa matul is-servizz normali, u lanqas ma tintilef jew tinqered f'każ ta' xi inċident.

**STAQSIMA B**

IL-PROĊEDURI GĦALL-AWTORITAJIET KOMPETENTI

SUBPARTI A - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

**21B.5 Ambitu**

(a) Din it-Taqsima tistabbilixxi l-proċedura għall-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru meta din tkun qed teżerċita d-dmirijiet u r-responsabilitajiet tagħha marbuta mal-ħruġ, iż-żamma, l-emenda, is-sospensjoni u r-revokazzjoni ta' ċertifikati, approvazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet imsemmija f'din il-Parti.

(b) L-Aġenzija għandha tiżviluppa f'konformità ma' l-Artikolu 14 tar-Regolament bażiku l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u materjal ta' gwida biex jgħin lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din it-Taqsima.

▼M4

**21B.20 Obbligi tal-awtorità kompetenti**

Kull waħda mill-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istat Membru hija responsabbli mill-implimentazzjoni tas-Sezzjoni A, bis-Subpartijiet F, G, H, I u P biss għall-applikanti, jew sidien, li l-post prinċipali tan-negozju tagħhom ikun fit-territorju tagħha.

▼B

**21B.25 Rekwiżiti għall-organizzazzjoni tal-awtorità kompetenti**

▼M4

(a) Ġenerali:

L-Istat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti b’responsabbiltajiet allokati għall-implimentazzjoni tas-Sezzjoni A, is-Subpartijiet F, G, H, I u P bi proċeduri dokumentati, struttura ta’ organizzazzjoni u staff.

▼B

(b) Riżorsi:

1. In-numru ta' *staff* għandu jkun wieħed suffiċjenti biex iwettaq id-dmirijiet allokati lilu.

2. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha taħtar *manager*, jew *managers*, li jkunu responsabbli għat-twettiq tad-dmir(ijiet) relatat(i) fi ħdan l-awtorità, inkluż il-komunikazzjoni ma' l-Aġenzija u ma' l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra kif suppost.

(ċ) Kwalifika u taħriġ:

L-i*staff* kollu għandu jkun kwalifikat kif suppost u jkollu għarfien, esperjenza u taħriġ biżżejjed biex dan iwettaq id-dmirijiet tiegħu.

**21B.30 Proċeduri dokumentati**

(a) L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tistabbilixxi proċeduri dokumentati biex din tiddeskrivi l-organizzazzjoni tagħha, l-mezzi u l-metodi biex din twettaq il-kriterji ta' din il-Parti. Il-proċeduri għandhom jinżammu aġġornati u għandhom iservu bħala d-dokumenti bażiċi tal-ħidma f'dik l-awtorità għall-attivitajiet kollha relatati.

(b) Kopja tal-proċeduri u ta' l-emendi tagħhom għandhom ikunu disponibbli lill-Aġenzija.

**21B.35 Tibdil fl-organizzazzjoni u l-proċeduri**

(a) L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tavża lill-Aġenzija dwar kwalunkwe tibdil sinjifikanti fl-organizzazzjoni u l-proċeduri dokumentati tagħha.

(b) L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha taġġorna fi żmien tajjeb il-proċeduri dokumentati tagħha dwar kwalunkwe tibdil fir-regolamenti biex tkun żgurata implimentazzjoni effettiva.

**21B.40 Riżoluzzjoni ta' tilwim**

(a) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tistabbilixxi proċess għar-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet fi ħdan il-proċeduri dokumentati tagħha ta' organizzazzjoni.

(b) Fejn ikun hemm kwistjoni li ma tkunx tista' tissolva bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, tkun ir-responsabbiltà tal-managers kif definit f'21B.25(b)(2) li jirreferu din il-kwistjoni lill-Aġenzija biex tinsab medjazzjoni.

**21B.45 Rappurtar/koordinament**

(a) L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru għandha tiżgura l-koordinament, kif applikabbli, ma' teamijiet oħra relattati taċ-ċertifikazzjoni, l-investigazzjoni, l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni ta' dik l-awtorità, ma' Stati Membri oħra, kif ukoll ma' l-Aġenzija biex ikun żgurat l-iskambju effiċjenti ta' l-informazzjoni relevanti għas-sigurtà tal-prodotti, partijiet jew tagħmir.

(b) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tavża lill-Aġenzija dwar kwalunkwe diffikultà fl-implimentazzjoni ta' din il-Parti.

**21B.55 Iż-Żamma tar-rekords**

L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha żżomm, jew iżżomm aċċess għar-, rekords taċ-ċertifikati, l-approvazzjonijiet, jew l-awtorizzazzjonijiet li din tkun tat f'konformità mar-regoli nazzjonali rispettivi. F'każ li dawn ir-rekords ikunu ġew trasferiti lill-Aġenzija, r-responsabilità ta' dawn tgħaddi wkoll f'idejn l-Aġenzija.

**21B.60 Direttivi tal-ajrunavigabbiltà**

Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi direttiva ta' adegwità ta' l-avjazzjoni minn awtorità kompetenti ta' Stat li mhux membru, dik id-direttiva għandha tiġi trasferita lill-Aġenzija għad-disseminazzjoni tagħha f'konformità ma' l-Artikolu 15 tar-Regolament bażiku.

▼B

SUBPARTI B - IĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U Ċ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

SUBPARTI Ċ - MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI D - TIBDIL FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP U FIĊ-ĊERTIFIKATI TAT-TIP RISTRETTI

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

SUBPARTI E - ĊERTIFIKATI TAT-TIP SUPPLEMENTARI

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

SUBPARTI F - IL-PRODUZZJONI MINGĦAJR L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

**21B.120 Investigazzjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandha taħtar *team* investigattiv għal kull applikant għal, jew okkupant ta', ittra tal- ftehim biex dan iwettaq l-azzjonijiet kollha marbuta ma' din l-ittra tal-ftehim. Dan għandu jkun magħmul minn persuna li tmexxi t-*team* ta' l-investigazzjoni u, jekk ikun meħtieġ, minn persuna oħra jew tnejn. Min imexxi t-*team* għandu jirrapporta lill-*manager* responsabbli għall-attività, kif stabbilit f'21B.25 (b)(2).

(b) L-awtorità kompetenti għandha twettaq investigazzjonijiet biżżejjed dwar l-applikant għal, jew l-okkupant ta', ittra tal-ftehim biex din tkun tista' tiġġustifika r-rakkmandazzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emenda, s-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' l-ittra tal-ftehim.

(ċ) L-awtorità kompetenti għandha tħejji proċeduri għall-investigazzjoni ta' l-applikanti għal, jew l-okkupanti ta', ittra tal-ftehim bħala parti mill-proċeduri dokumentati li jkunu jkopru minn ta' l-anqas dawn l-elementi li ġejjin:

1. evalwazzjoni ta' l-applikazzjonijiet li tkun irċeviet;

2. it-twaqqif tat-*team* investigattiv;

3. it-tħejjija u l-ippjanar ta' l-investigazzjoni;

4. evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni (manwal, proċeduri, eċċ.);

5. awditjar u spezzjonar;

6. Tkixxif fuq l-azzjonijiet korrettivi; u

7. rakkmandazzjoni għall-ħruġ, l-emenda, is-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' l-ittra tal-ftehim.

▼M6

**21B.125 Sejbiet**

(a) Meta, permezz ta’ verifiki jew mezzi oġġettivi oħrajn, l-awtorità kompetenti ssib evidenza oġġettiva li tkun turi li d-detentur ta’ ittra ta’ ftehim ikun naqas milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima A tal-Anness (Parti 21), dan it-tisjib għandu jkun klassifikat f’konformità mal-punt 21A.125B(a).

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu dawn l-azzjonijiet:

(1) għal sejbiet tal-livell 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu azzjoni immedjatament biex jillimitaw, jissospendu jew jirrevokaw l-ittra ta’ ftehim kollha jew parti minnha, skont il-gravità tas-sejbiet, sakemm l-organizzazzjoni jirnexxilha twettaq l-azzjonijiet korrettivi.

▼M6

(2) għal sejbiet tal-livell 2, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti perjodu li fih jistgħu jitwettqu l-azzjonijiet korrettivi, li jkun xieraq għan-natura tas-sejbiet u li ma jkunx itwal minn 3 xhur. F'ċerti ċirkustanzi, fit-tmiem ta' dan il-perjodu u skont in-natura tas-sejbiet, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' 3 xhur, dejjem jekk ikun hemm pjan sodisfaċenti ta' azzjonijiet korrettivi.

(ċ) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tissospendi l-ittra ta' ftehim kollha, jew parti minnha, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda mogħtija mill-awtorità kompetenti.

▼B

**21B.130 Ħruġ tal-ittra ta' ftehim**

(a) Meta tkun sodisfatta li l-manifattur ikun f'konformità mal-kriterji applikabbli tat-Taqsima A, is-Sub-parti F, l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ mingħajr dewmien żejjed ittra tal-ftehim li tkun turi t-turija ta' konformità ta' prodotti, partijiet jew tagħmir individwali (AESA Formola 65, ara l-Appendiċi).

(b) L-ittra tal-ftehim għandu jkun fiha l-għan tal-ftehim, id-data ta'l-għeluq u, fejn applikabbli, l-limitazzjonijiet xierqa marbuta ma' l-awtorizzazzjoni.

(ċ) Il-perjodu ta' l-ittra tal-ftehim m'għandux ikun itwal minn sena.

**21B.135 Żamma tal-ittra ta' ftehim**

L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm l-ittra tal-ftehim sakemm:

(a) Il-manifattur ikun qed jagħmel użu kif suppost mill-Formola 52 ta' l-AESA (ara l-Appendiċi) bħala Dikjarazzjoni tal-Konformità għal ajruplan komplut, u mill-Formola 1 ta' l-AESA (ara l-Appendiċi) għal prodotti għajr ajruplani kompluti, partijiet u tagħmir; u

(b) L-ispezzjonijiet li jkunu saru mill-Awtorità Kompetenti ta' l-Istat Membru qabel ma ssir il-validazzjoni tal-Formola 52 ta' l-AESA (ara l-Appendiċi) jew tal-Formola 1 ta' l-AESA (ara l-Appendiċi), skond 21A.130 (ċ), ma jkunu wrew l-ebda tisjib ta' nuqqas ta' konformità kontra l-kriterji jew il-proċeduri kif jinsabu fil-manwal provdut mill-manifattur, jew inkella kontra l-konformità tal-prodotti, l-partijiet u t-tagħmir rispettivi. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jivverifikaw minn ta' l-anqas li:

1. L-ftehim ikun ikopri l-prodott, il-parti jew it-tagħmir li jkun qed jiġi validat, u li jibqa' wieħed validu;

2. Il-manwal deskritt ►M6 21A.125A(b) ◄ u t-tibdil fl-istat tiegħu msemmi fl-ittra tal-ftehim ikun użat bħala dokument bażiku tax-xogħol mill-manifattur. Il-bqija, l-ispezzjoni m'għandhiex tkompli, u għalhekk iċ-ċertifikati tar-rilaxx m'għandhomx ikunu validati;

3. Il-produzzjoni tkun saret taħt il-kondizzjonijiet preskritti fl-ittra tal-ftehim u b'mod sodisfaċenti;

4. L-ispezzjonijiet u t-testijiet (inklużi testijiet tat-titjira, jekk ikun meħtieġ), skond 21A.130(b)(2) u/jew (b)(3), ikunu saru taħt il-kondizzjoni preskritta fl-ittra tal-ftehim u b'mod sodisfaċenti;

5. L-ispezzjonijiet mill-Awtorità Kompetenti deskritti u indirizzati fl-ittra tal-ftehim ikunu saru u nstabu li huma aċċettabbli;

6. Id-dikjarazzjoni tal-konformità tkun konformi ma' 21A.130, u l-informazzjoni provduta minnha ma tkunx tipprevjeni l-validazzjoni tagħha; u

(ċ) Għadha ma ġiet stabbilita l-ebda data ta' l-għeluq għall-ittra tal-ftehim.

**21B.140 Emenda fl-ittra ta' ftehim**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha tinvestiga, kif suppost, f'konformità ma' 21B.120 kwalunkwe emenda ta' l-ittra tal-ftehim.

▼B

(b) Meta l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta li l-kriterji tat-Taqsima A, is-Subparti F jkunu baqgħu konformi, din għandha temenda l-ittra tal-ftehim kif suppost.

▼M6

__________

**21B.145 Limitazzjoni, sospensjoni u revoka tal-ittra ta' ftehim**

(a) Il-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka tal-ittra ta' ftehim għandha tasal bil-miktub għand id-detentur tal-ittra tal-ftehim. L-awtorità kompetenti għandha tagħti r-raġunijiet għal-limitazzjoni, is-sospensjoni jew ir-revoka lid-detentur tal-ittra ta' ftehim u għandha tinformah dwar id-dritt tiegħu għall-appell.

(b) Meta ittra ta' ftehim tkun ġiet sospiża, din terġa' tinħareġ biss mill-ġdid wara li l-konformità mat-Taqsima A, is-Subparti F tal-Anness (Parti 21) tkun ġiet stabbilita mill-ġdid.

▼B

**21B.150 Iż-Żamma tar-rekords**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' kif jinżammu r-rekords, liema sistema tkun tippermetti r-reġistrazzjoni adegwata tal-proċess tal-ħruġ, taż-żamma, ta' l-emenda, tas-sospensjoni jew tar-revokazzjoni ta' kull ittra ta' ftehim individwali.

(b) Ir-rekords għandu jkun fihom minn ta' l-anqas:

1. Id-dokumenti provduti mill-applikant għal, jew mill-okkupant ta', l-ittra tal-ftehim,

2. id-dokumenti miġbura matul l-investigazzjoni u l-ispezzjoni, li fihom ikun hemm imniżżla l-attivitajiet u r-riżultati finali ta' l-elementi definiti f'21B.120,

3. l-ittra tal-ftehim, inkluż it-tibdil, u

4. il-minuti tal-laqgħat mal-manifattur.

(ċ) Ir-rekords għandhom jiġu arkivjati għal perjodu minimu ta' sitt snin minn wara li tkun ġiet terminata l-ittra tal-ftehim.

(d) L-Awtorità Kompetenti għandha żżomm ukoll ir-rekords tad-Dikjarazzjonijiet tal-Konformità kollha (il-Formola 52 ta' AESA, ara l-Appendiċi) u taċ-Ċertifikati tar-Rilaxx Awtorizzat (il-Formola 1 ta' l-AESA, ara l-Appendiċi) li hi stess tkun validat.

SUBPARTI Ġ - L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI

**21B.220 Investigazzjoni**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha taħtar *team* għall-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għal kull applikant, jew okkupant ta', approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni. Dan għandu jmexxi x-xogħol kollu relevanti marbut ma' din l-approvazzjoni, u għandu jkun jikkonsisti minn kap li jmexxi lit-*team* u, jekk ikun meħtieġ, minn persuna oħra jew tnejn. Min imexxi t-*team* għandu jirrapporta lill-*manager* responsabbli għall-attività kif definit f'21B.25(b)(2).

(b) L-Awtorità Kompetenti għandha tagħmel stħarriġ biżżejjed dwar l-applikant għal, jew l-okkupant ta', approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni biex tiġġustifika r-rakkmandazzjonijiet għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' l-approvazzjoni.

(ċ) L-Awtorità Kompetenti għandha tħejji proċeduri għall-investigazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni bħala parti mill-proċeduri dokumentati, li jkopru minn ta' l-anqas l-elementi li ġejjin:

1. evalwazzjoni ta' l-applikazzjoni li tkun irċeviet;

2. it-twaqqif ta' team għall-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni;

3. it-tħejjija u l-ippjanar ta' l-investigazzjoni;

▼B

4. evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni (l-espożizzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni, proċeduri, eċċ.);

5. l-awditjar;

6. stħarriġ ta' l-azzjonijiet korrettivi;

7. rakkmandazzjoni għall-ħruġ, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni;

8. sorvejlanza suktata.

▼M6

**21B.225 Sejbiet**

(a) Meta, permezz ta' verifiki jew mezzi oġġettivi oħrajn, l-awtorità kompetenti ssib evidenza oġġettiva li tkun turi li d-detentur ta' approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni jkun naqas milli jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima A tal-Anness (Parti 21), dan it-tisjib għandu jkun klassifikat f'konformità mal-punt 21A.158(a).

(b) L-awtorità kompetenti għandha tieħu dawn l-azzjonijiet:

(1) għal sejbiet tal-livell 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu azzjoni immedjatament biex jillimitaw, jissospendu jew jirrevokaw l-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, kollha jew parti minnha, skont il-gravità tas-sejbiet, sakemm l-organizzazzjoni jirnexxilha twettaq l-azzjonijiet korrettivi.

(2) għal sejbiet tal-livell 2, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti perjodu li fih jistgħu jitwettqu l-azzjonijiet korrettivi, li jkun xieraq għan-natura tas-sejbiet u li ma jkunx itwal minn 3 xhur. F'ċerti ċirkustanzi, fit-tmiem ta' dan il-perjodu u skont in-natura tas-sejbiet, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-perjodu ta' 3 xhur, dejjem jekk ikun hemm pjan sodisfaċenti ta' azzjonijiet korrettivi.

(ċ) L-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni biex tissospendi l-approvazzjoni kollha, jew parti minnha, f'każ li ma tiġix rispettata l-iskeda mogħtija mill-awtorità kompetenti.

▼B

**21B.230 Ħruġ taċ-ċertifikat**

(a) Meta tkun sodisfatta li l-organizzazzjoni tal-produzzjoni hija f'konformità mal-kriterji applikabbli tat-Taqsima A, is-Sub-parti Ġ, l-Awtorità Kompetenti għandha toħroġ l-Approvazzjoni ta' l-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni (AESA Formola 55, ara l-Appendiċi) mingħajr l-ebda dewmien żejjed.

(b) In-numru tar-referenza għandu jkun inkluż fil-Formola 55 ta' l-AESA b'manjiera speċifikata mill-Aġenzija.

**21B.235 Issoktar tas-sorveljanza**

▼M6

(a) Biex tkun ġustifikata ż-żamma tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, l-awtorità kompetenti għandha twettaq sorveljanza ssoktata:

(1) biex tivverfika li s-sistema tal-kwalità tad-detentur tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun għadha tikkonforma mat-Taqsima A, is-Subparti Ġ ta' dan l-Anness (Parti 21)

(2) biex tivverifika li l-organizzazzjoni tad-detentur tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun qed topera f'konformità mal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni; u

(3) tbiex tivverifika l-effettività tal-proċeduri tal-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni; u

(4) biex tissorvelja b'kampjuni l-livelli tal-prodott, tal-parti jew tat-tagħmir.

▼B

(b) L-issoktar tas-sorveljanza għandu jsir f'konformità ma' 21B.220.

▼B

(ċ) L-Awtorità Kompetenti għandha tara, permezz ta' l-issoktar ippjanat tas-sorveljanza, li l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun riveduta kompletament għall-konformità ma' din il-Parti matul perjodu ta' 24 xahar. L-issoktar tas-sorveljanza ta' matul dan iż-żmien jista' jkun jikkonsisti minn diversi attivitajiet investigattivi. In-numru ta' awditjar jista' jvarja skond il-komplessità ta' l-organizzazzjoni, n-numru ta' siti, kif ukoll skond kemm tkun kritika l-produzzjoni. B'rabta ma' l-issoktar tas-sorveljanza, bħala minimu l-okkupant ta' approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandu jkun soġġett għal attività waħda darba fis-sena, liema attività għandha titwettaq mill-Awtorità Kompetenti.

**21B.240 Emenda fl-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha tissorvelja kwalunkwe tibdil minuri permezz ta' attivitajiet marbuta ma' l-issoktar tas-sorveljanza.

(b) L-Awtorità Kompetenti għandha tinvestiga kif suppost, f'konformità ma' 21B.220, kwalunkwe tibdil sinjifikanti fl-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni jew l-applikazzjoni mill-okkupant ta' tali approvazzjoni biex issir emenda fl-għan u t-termini ta' l-approvazzjoni.

(ċ) Meta l-Awtorità Kompetenti tkun sodisfatta li l-kriterji tat-Taqsima A, is-Sub-parti Ġ, ikunu qed jissuktaw jiġu osservati, din għandha temenda l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni kif suppost.

**21B.245 Sospensjoni u revoka tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni**

(a) Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel jew tat-tieni livell, l-Awtorità Kompetenti għandha tillimita, tissospendi jew tirrevoka, parzjalment jew b'mod sħiħ, l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni kif ġej:

1. Fil-każ ta' tisjib ta' l-ewwel livell l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha tiġi limitata jew sospiża immedjatament. Jekk l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni jonqos milli jikkonforma ma' 21A.158(ċ)(1), din l-approvazzjoni allura għandha tiġi revokata.

2. Fil-każ ta' tisjib tat-tieni livell, l-Awtorità Kompetenti għandha tiddeċiedi dwar kwalunkwe restrizzjonijiet għall-għan ta' l-approvazzjoni permezz ta' sospensjoni temporanja ta' din l-approvazzjoni, jew inkella ta' partijiet minnha. Iżda jekk l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni jonqos milli jikkonforma ma' 21A.1 58(ċ)(2), din l-approvazzjoni għandha tiġi revokata.

(b) Il-limitazzjoni, s-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha tiġi komunikata bil-miktub lill-okkupant ta' tali approvazzjoni. L-Awtorità Kompetenti għandha tiddikjara x'inhuma r-raġunijiet li wasslu għas-sospensjoni jew ir-revokazzjoni, waqt li tinforma lill-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni dwar id-dritt tiegħu għall-appell.

(ċ) Meta approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni tkun ġiet sospiża, din terġa' tinħareġ mill-ġdid biss wara li tkun ġiet stabbilita mill-ġdid l-konformità mat-Taqsima A, is-Sub-parti Ġ.

**21B.260 Iż-Żamma tar-rekords**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' kif għandhom jinżammu r-rekords, liema sistema tkun tippermetti r-reġistrazzjoni adegwata tal-proċess li jkun wassal għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' kull approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni individwali.

(b) Ir-rekords għandu jkun fihom minn ta' l-anqas:

1. Id-dokumenti provduti mill-applikant għal, jew l-okkupant ta', ċertifikat ta' l-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni,

2. Id-dokumenti miġbura matul l-investigazzjoni, li fihom ikun hemm imsemmija l-attivitajiet u r-riżultati finali kollha ta' l-elementi definiti f'21B.220, inkluż it-tisjib stabbilit f'konformità ma' 21B.225

3. Il-programm ta' l-issoktar tas-sorveljanza, inklużi r-rekords ta' l-investigazzjonijiet li jkunu saru

▼B

4. Iċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni, inkluż it-tibdil

5. Il-minuti tal-laqgħat ma' l-okkupant ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni.

(ċ) Ir-rekords għandhom jiġu arkivjati għal perjodu minimu ta' sitt snin.

▼M4

SUBPARTI H - ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ U ĊERTIFIKATI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETTI

▼B

**21B.320 Investigazzjoni**

(a) L-Awtorità Kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha twettaq attivitajiet investigattivi b'mod suffiċjenti għall-applikant għal, jew l-okkupant ta', ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni biex ikun ġustifikat il-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revokazzjoni taċ-ċertifikat jew il-permess.

(b) L-Awtorità Kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha tħejji proċeduri li jkunu jkopru minn ta' l-anqas l-elementi li ġejjin:

1. evalwazzjoni ta' l-eliġibilità ta' l-applikant;

2. evalwazzjoni ta' l-eliġibilità ta' l-applikazzjoni;

3. klassifikazzjoni taċ-ċertifikati ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni;

4. evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni li din tkun irċeviet ma' l-applikazzjoni;

5. spezzjoni ta' l-ajruplan;

6. it-twaqqif ta' kondizzjonijiet, restrizzjonijiet jew limitazzjonijiet meħtieġa għaċ-ċertifikati ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni.

▼M6

**21B.325 Ħruġ taċ-ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà**

(a) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha toħroġ Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà (Formola 25 tal-EASA, ara l-Appendiċi), jew timmodifikah, mingħajr dewmien żejjed, hekk kif tkun sodisfatta li ġew milħuqa r-rekwiżiti tal-punt 21B.326 u r-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima A tas-Subparti H ta’ dan l-Anness (Parti 21).

(b) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha toħroġ Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà Ristrett (Formola 24 tal-EASA, ara l-Appendiċi), jew timmodifikah, mingħajr dewmien żejjed, hekk kif tkun sodisfatta li ġew milħuqa r-rekwiżiti tal-punt 21B.327 u r-rekwiżiti applikabbli tat-Taqsima A tas-Subparti H ta’ dan l-Anness (Parti 21).

(ċ) għal inġenji tal-ajru ġodda jew użati li jkunu ġejjin minn Stat li mhux membru, minbarra ċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà xieraq imsemmi fil-paragrafu (a) jew (b), l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat inizjali ta’ reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà (Formola 15a tal-EASA, ara l-Appendiċi).

▼M6

**21B.326 Ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà**

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà għal:

(a) inġenji tal-ajru ġodda:

(1) Meta ssir il-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-punt 21A.174(b)(2).

(2) Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun sodisfatta li l-inġenji tal-ajru jkunu konformi mad-disinn approvat u li jkunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu. Dan jista' jinkludi spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

(b) inġenji tal-ajru użati:

(1) meta ssir il-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-punt 21A.174(b)(3) li tkun turi li:

(i) l-inġenji tal-ajru jkunu jikkonformaw ma' disinn tat-tip approvat taħt ċertifkat tat-tip u taħt kwalunkwe ċertifikat tat-tip supplementari, tibdil jew tiswija approvati f'konformità mal-Anness (parti 21); u

(ii) jkun hemm konformità mad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà applikabbli; u

(iii) l-inġenji tal-ajru jkunu ġew spezzjonati f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Anness (Parti M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003;

(2) meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun sodisfatta li l-inġenji tal-ajru jkunu konformi mad-disinn approvat u li jkunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu. Dan jista' jinkludi spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

**21B.327 Ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà ristretti**

(a) L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni għandha toħroġ ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà ristrett għal:

(1) inġenji tal-ajru ġodda:

(i) meta ssir il-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-punt 21A.174(b)(2)

(ii) Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun sodisfatta li l-inġenji tal-ajru jkunu konformi ma' disinn approvat mill-Aġenzija taħt ċertifikat tat-tip ristrett jew ma' speċifikazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà speċifiċi, u li dawn ikunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu. Dan jista' jinkludi spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

(2) inġenji tal-ajru użati:

(i) meta ssir il-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa skont il-punt 21A.174(b)(3) li tkun turi li:

(A) l-inġenji tal-ajru jkunu konformi ma' disinn approvat mill-Aġenzija taħt ċertifikat tat-tip ristrett jew ma' speċifikazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà speċifiċi u taħt kwalunkwe ċertifikat tat-tip supplementari, tibdil jew tiswija approvati f'konformità mal-Anness (parti 21); u

(B) jkun hemm konformità mad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà applikabbli; u

(C) l-inġenji tal-ajru jkunu ġew spezzjonati f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-Anness (Parti M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003;

▼M6

(ii) meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun sodisfatta li l-inġenji tal-ajru jkunu konformi mad-disinn approvat u li dawn ikunu f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu. Dan jista' jinkludi spezzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

(b) Għal inġenji tal-ajru li ma jistgħux jikkonformaw mar-rekwiżiti essenzjali li hemm imsemmija fir-Regolament bażiku u li mhumiex eliġibbli għal ċertifikat tat-tip ristrett, l-Aġenzija għandha tikkonsidra kif meħtieġ id-devjazzjonijiet minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali:

(1) toħroġ u tivverifika l-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tal-ajrunavigabbiltà speċifiċi biex tkun żgurata s-sigurtà adekwata fir-rigward tal-użu maħsub tagħhom, u

(2) tispeċifika l-limitazzjonijiet tal-użu ta' dawn l-inġenji tal-ajru.

(ċ) Il-limitazzjonijiet għall-użu għandhom jiġu assoċjati ma' ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà ristretti, inklużi r-restrizzjonijiet fuq l-ispazju tal-ajru, kif meħtieġ biex jiġu kkunsidrati d-devjazzjonijiet mir-rekwiżiti essenzjali għall-ajrunavigabbiltà stabbiliti fir-Regolament bażiku.

▼M4

**21B.330 Sospensjoni u revoka ta' ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà u ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà ristretti**

(a) Fuq evidenza li xi waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati f'21A.181(a) ma tkunx issodisfatta, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistru għandha tissospendi jew tirrevoka ċ-ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru.

(b) Mal-ħruġ ta' l-avviż ta' sospensjoni u revoka ta' ċertifikat ta' l-adegwatezza għall-ajru jew ċertifikat ristrett ta' l-adegwatezza għall-ajru l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tar-reġistru għandha tistqarr ir-raġunijiet għas-sospensjoni jew revoka u tinforma lil sid iċ-ċertifikat dwar id-dritt tiegħu għal appell.

▼B

**21B.345 Iż-Żamma tar-rekords**

(a) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha tistabbilixxi sistema ta' kif jinżammu r-rekords u li tkun tippermetti r-reġistrazzjoni adegwata tal-proċess li jkun wassal għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revokazzjoni ta' kull ċertifikat ta' l-adegwità ta' l-avjazzjoni individwali.

(b) Ir-rekords għandu jkun fihom minn ta' l-anqas:

1. id-dokumenti provduti mill-applikant,

2. id-dokumenti miġbura matul l-investigazzjoni, li fihom ikun hemm l-attivitajiet u r-riżultati finali ta' l-elementi definiti f'21B.320(b), u

3. kopja taċ-ċertifikat jew tal-permess, inklużi l-emendi.

(ċ) ir-rekords għandhom ikunu arkivjati għal perjodu minimu ta' sitt snin qabel ma jkunu ħallew dak ir-reġistru nazzjonali.

SUBPARTI I - IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-ISTORBJU

**21B.420 Investigazzjoni**

(a) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha twettaq b'mod suffiċjenti numru ta' attivitajiet investigattivi għall-applikant għal, jew l-okkupant ta', ċertifikat tal-ħoss biex din tiġġustifika l-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikat.

(b) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha tħejji proċeduri ta' evalwazzjoni bħala parti mill-proċeduri dokumentati li jkopru minn ta' l-anqas dawn l-elementi li ġejjin:

1. evalwazzjoni ta' l-eliġibilità;

2. evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni li din tkun irċeviet ma' l-applikazzjoni;

3. spezzjoni ta' l-ajruplan.

▼B

**21B.425 Ħruġ ta' ċertifikati tal-istorbju**

L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha, kif applikabbli, toħroġ, jew temenda ċertifikati tal-ħoss (AESA Formola 45, ara l-Appendiċi) mingħajr dewmien żejjed la darba din tkun sodisfatta li l-kriterji applikabbli tat-Taqsima A, is-Sub-parti Ħ jkunu ntlaħqu.

**21B.430 Sospensjoni u revoka taċ-ċertifikat tal-istorbju**

(a) Kif appenna jkun hemm evidenza li wħud mill-kondizzjonijiet speċifikati f'21A.211(a) ma jkunux qed jintlaħqu, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha tissospendi jew tirrevoka iċ-ċertifikat tal-ħoss.

(b) Kif appena toħroġ in-notifika tas-sospensjoni jew tar-revokazzjoni taċ-ċertifikat tal-ħoss, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha tiddikjara r-raġunijiet li jkunu wasslu għas-sospensjoni jew għar-revokazzjoni, waqt li tinforma lill-okkupant taċ-ċertifikat dwar id-dritt tiegħu għall-appell.

**21B.445 Iż-Żamma tar-rekords**

(a) L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jirreġistra għandha tistabbilixxi sistema ta' kif jinżammu r-rekords bi kriterji minimi li jkunu jippermettu r-reġistrazzjoni adegwata tal-proċess li jkun wassal għall-ħruġ, iż-żamma, l-emendar, is-sospensjoni jew ir-revoka taċ-ċertifikati tal-ħoss individwali.

(b) Ir-rekords għandu jkun fihom minn ta' l-anqas:

1. id-dokumenti provduti mill-applikant,

2. id-dokumenti miġbura matul l-investigazzjoni, li fihom jitniżżlu l-attivitajiet u r-riżultati finali kollha ta' l-elementi definiti f'21B.420(b),

3. kopja taċ-ċertifikat, inklużi l-emendi.

(ċ) Ir-rekords għandhom jiġu arkivjati għal perjodu minimu ta' sitt snin minn wara li jħallu dak ir-reġistru nazzjonali.

SUBPARTI J - L-APPROVAZZJONI TA' ORGANIZZAZZJONI TAD-DISINN

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

SUBPARTI K - KOMPONENTI U TAGĦMIR

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

(SUBPARTI L - MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI M - TISWIJIET

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

(SUBPARTI N - MHUX APPLIKABBLI)

SUBPARTI O - L-AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ETSO (EUROPEAN TECHNICAL STANDARD ORDER)

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

▼M4

SUBPARTI P - PERMESS GĦAT-TITJIR

**21B.520 Investigazzjoni**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha twettaq attivitajiet investigattivi suffiċjenti biex tiġġustifika l-ħruġ, jew ir-revoka tal-permess għat-titjir.

(b) L-Awtorità Kompetenti għandha tħejji proċeduri ta' evalwazzjoni li jkunu jkopru għall-anqas l-elementi li ġejjin:

1. evalwazzjoni ta' l-eliġibbiltà ta' l-applikant;

2. evalwazzjoni ta' l-eliġibbiltà ta' l-applikazzjoni;

▼M4

3. evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni rċevuta ma' l-applikazzjoni;

4. spezzjoni ta' l-ajruplan;

5. approvazzjoni tal-kundizzjonijiet tat-titjira f'konformità ma' 21A.710(b).

▼M6

**21B.525 Ħruġ ta' permess għat-titjir**

L-awtorità kompetenti għandha toħroġ permess għat-titjir (Formola 20a tal-EASA, ara l-appendiċi) mingħajr dewmien żejjed:

(1) mal-preżentazzjoni tad-dejta skont il-punt 21A.707; u

(2) meta l-kundizzjonijiet tat-titjir imsemmija fil-punt 21A.708 ikunu ġew approvati skont il-punt 21A.710; u

(3) meta l-awtorità kompetenti, permezz tal-investigazzjonijiet tagħha stess, li jistgħu jinkludu spezzjonijiet, jew permezz ta' proċeduri maqbula mal-applikant, tkun sodisfatta li qabel it-titjir l-inġenji tal-ajru jkunu jikkonformaw mad-disinn iddefinit skont il-punt 21A.708.

▼M4

**21B.530 Revoka ta' permessi għat-titjir**

(a) Fuq evidenza li xi waħda mill-kundizzjonijiet speċifikati fil-21A.723(a) ma tkunx issodisfata għal permess għat-titjir li tkun ħarġet, l-Awtorità Kompetenti għandha tirrevoka dak il-permess għat-titjir.

(b) Mal-ħruġ ta' l-avviż ta' revoka ta' permess għat-titjir l-Awtorità Kompetenti għandha tistqarr ir-raġunijiet għar-revoka u tinforma lil sid il-permess għat-titjir dwar id-dritt għal appell.

**21B.545 Żamma ta' rekords**

(a) L-Awtorità Kompetenti għandha tħaddem sistema ta' żamma ta' rekords li tkun tipprovdi traċċabbiltà adegwata tal-proċess tal-ħruġ u r-revoka ta' kull wieħed mill-permessi individwali għat-titjir.

(b) Ir-rekords għandu jkun fihom ta' l-anqas:

   1. id-dokumenti pprovduti mill-applikant;

   2. id-dokumenti stabbiliti matul l-investigazzjoni, li fihom ikunu mistqarra l-attivitajiet u r-riżultati finali ta' l-elementi ddefiniti f'21B.520(b); u

   3. kopja tal-permess għat-titjir.

(c) Ir-rekords għandhom jinżammu għal minimu ta' sitt snin wara li l-permess ma jibqax validu.

▼B

SUB-PARTI Q - L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI, PARTIJIET U TAGĦMIR

Għandhom ikunu japplikaw proċeduri amministrattivi stabbiliti mill-Aġenzija.

▼B

*Appendici*

Formoli ta' l-AESA

| |
|---|
| Meta l-formoli ta' dan l-Anness jinħarġu f'lingwa għajr l-Ingliż dawn għandhom ikunu jinkludu traduzzjoni bl-Ingliż |

Il-Formoli ta' l-AESA ("Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni") li hemm imsemmija fl-appendiċi għal din il-Parti għandu jkollhom dawn il-karatterisitiċi li ġejjin obbligatorji. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Formoli ta' l-AESA li huma stess joħorġu jkunu rikonoxxibbli sew u għandhom jinżammu responsabbli la darba jkunu stampaw dawk il-Formoli.

►(1) Appendiċi I — Formola 1 tal-EASA Ċertifikat tar-rilaxx Awtorizzat

Appendiċi II — Formola 15a tal-EASA Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà

Appendiċi III — EASA Formola 20a Permess għat-Titjir

Appendiċi IV — EASA Formola 20b Permess għat-Titjir (maħruġ minn organizzazzjonijiet approvati)

Appendiċi V — Formola 24 tal-EASA Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà Ristrett

Appendiċi VI — Formola 25 tal-EASA Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà

Appendiċi VII — EASA Formola 45 Ċertifikat tal-Ħoss

Appendiċi VIII — Formola 52 tal-EASA Dikjarazzjoni tal-konformità tal-Inġenji tal-Ajru

Appendiċi IX — EASA Formola 53 Ċertifikat għar-Rilaxx tas-Servizz

Appendiċi X — Formola 55 tal-EASA Ċertifikat ta' Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni

Appendiċi XI — Formola 65 tal-EASA Ittra ta' Ftehim għall-Produzzjoni mingħajr l-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni ◄

►(1) M4

▼M6

*Appendiċi I:*

**Ċertifikat tar-Rilaxx Awtorizzat – Formola 1 tal-EASA, imsemmi fl-Anness (Parti 21)**

<table>
<tr><td colspan="2">1. Pajjiż/Awtorità Kompetenti responsabbli ghall-Approvazzjoni</td><td colspan="3">2. ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT<br>FORMOLA 1 tal-EASA</td><td>3. Numru ta' Referenza tal-Formola</td></tr>
<tr><td colspan="5">4. Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni:</td><td>5. Ordni ta' Xoghol/Kuntratt/Fattura</td></tr>
<tr><td>6. Oġġett</td><td>7. Deskrizzjoni</td><td>8. Nru tal-Parti</td><td>9. Kwantità</td><td>10. Numru tas-serje</td><td>11. Status/Xoghol</td></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td colspan="6">12. Rimarki</td></tr>
<tr><td colspan="3">13a. Jiċċertifika li l-oġġetti identifikati hawn fuq ġew manifatturi f'konformità ma':<br>☐ Dejta tad-disinn approvata u huma f'kundizzjoni li jahdmu minghajr perikolu<br>☐ dejta tad-disinn mhux approvata indikata fil-kaxxa 12 12</td><td colspan="3">14a. ☐ Parti-145.A.50 Rilaxx ghas-Servizz ☐ Regolament iehor speċifikat fil-kaxxa 12<br>Jiċċertifika li sakemm ma jiġix speċifikat mod iehor fil-kaxxa 12, ix-xoghol speċifikat fil-kaxxa 11 u deskritt fil-kaxxa 12, twettaq skont il-Parti-145 u fir-rigward ta' dak ix-xoghol l-oġġetti jitqiesu bhala lesti ghar-rilaxx ghas-servizz.</td></tr>
<tr><td colspan="2">13b. Firma ta' Persuna Awtorizzata</td><td>13c. Numru tal-Approvazzjoni/Awtorizzazzjoni</td><td colspan="2">14b. Firma ta' Persuna Awtorizzata</td><td>14c. Nru. ta' Ref. taċ-Ċertifikat/tal-Approvazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">13d. Isem</td><td>13e. Data (jj/xx/ssss):</td><td colspan="2">14d. Isem</td><td>14e. Data (jj/xx/ssss):</td></tr>
<tr><td colspan="6">RESPONSABBILTAJIET TAL-UTENT/INSTALLATUR<br>Dan iċ-ċertifikat ma jawtorizzax b'mod awtomatiku l-installazzjoni tal-oġġett(i).<br>Meta l-utent/installatur iwettaq xoghol skont ir-regoli ta' awtorità tal-ajrunavigabbiltà li mhix l-awtorità tal-ajrunavigabbiltà speċifikata fil-kaxxa 1, ikun essenzjali li l-utent/installatur jiżgura li l-awtorità tal-ajrunavigabbiltà tieghu taċċetta oġġetti mill-awtorità tal-ajrunavigabbiltà speċifikata fil-kaxxa 1.<br>Id-dikjarazzjonijiet tal-kaxxi 13a u 14a ma jikkostitwixxux ċertifikazzjoni tal-installazzjoni. Fi kwalunkwe każ, ir-rekords tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru ghandu jkollhom ċertifikat tal-installazzjoni mahruġ mill-utent/installatur skont ir-regolamenti nazzjonali, qabel ma l-inġenji tal-ajru jkunu jistghu jittajru.</td></tr>
</table>

Formola 1 tal-EASA -21Edizzjoni2

▼M6

**Struzzjonijiet għall-użu tal-Formola 1 tal-EASA**

Dawn l-istruzzjonijiet jirrigwardaw biss l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' produzzjoni. Għandu jitqies l-Appendiċi II tal-Anness (Parti M) tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 li jkopri l-użu tal-Formola 1 tal-EASA għal skopijiet ta' manutenzjoni.

1. SKOP U UŻU

1.1. Skop ewlieni taċ-Ċertifikat hu li jiddikjara l-ajrunavigabbiltà ta' prodotti, komponenti u tagħmir tal-avjazzjoni ġodda (minn hawn 'il quddiem imsejħa "oġġett(i)")

1.2. Għandha tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn iċ-Ċertifikat u l-oġġett(i). L-entità li toħroġ iċ-Ċertifikat għandha żżomm kopja f'forma li tippermetti l-verifika tad-dejta oriġinali.

1.3. Iċ-Ċertifikat huwa aċċettabbli għal bosta awtoritajiet tal-ajrunavigabbiltà, iżda jista' jkun dipendenti fuq ftehimiet bilaterali u/jew fuq il-politika tal-awtorità tal-ajrunavigabbiltà. Għalhekk, id-"dejta tad-disinn approvata" msemmija f'dan iċ-Ċertifikat tfisser li hija approvata mill-awtorità tal-ajrunavigabbiltà tal-pajjiż li jkun qed jimporta.

1.4. Iċ-Ċertifikat mhuwiex dokument ta' kunsinna jew ta' trasport.

1.5. L-inġenji tal-ajru ma għandhomx jiġu rilaxxati permezz taċ-Ċertifikat.

1.6. Iċ-Ċertifikat ma jikkostitwixxix approvazzjoni għall-installazzjoni tal-oġġett fuq inġenji tal-ajru, magna jew skrun partikolari, iżda jgħin biex l-utent aħħari jkun jista' jiddeċiedi x'inhu l-istatus tal-approvazzjoni tal-ajrunavigabbiltà tiegħu.

1.7. Mhux permess li fuq l-istess Ċertifikat ikun hemm taħlita ta' oġġetti ddikjarati bħala tajbin għall-produzzjoni u ta' oħrajn iddikjarati bħala tajbin għall-manutenzjoni.

1.8. Mhux permess li fuq l-istess Ċertifikat ikun hemm taħlita ta' oġġetti ċċertifikati f'konformità ma' "dejta approvata" u ta' oħrajn b'"dejta mhux approvata".

2. FORMAT ĠENERALI

2.1. Iċ-Ċertifikat għandu jkun konformi mal-format mehmuż, inkluż in-numri tal-kaxxi u l-pożizzjoni ta' kull kaxxa. Madankollu, id-daqs ta' kull kaxxa jista' jiġi aġġustat skont il-ħtieġa tal-applikazzjoni individwali, iżda mhux tant li ċ-Ċertifikat ma jibqax jintgħaraf.

2.2. Iċ-Ċertifikat għandu jkun f'format mimdud ("landscape"), iżda d-daqs globali jista' jiġi mkabbar jew imċekken b'mod sinifikanti, basta ċ-Ċertifikat jibqa' jintgħaraf u leġibbli. F'każ ta' dubju, staqsi lill-awtorità kompetenti.

2.3. Id-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-Utent/Installatur tista' titqiegħed fuq kwalunkwe naħa tal-formola.

2.4. L-istampar għandu jkun ċar u leġibbli biex ikun jista' jinqara faċilment.

2.5. Iċ-Ċertifikat jista' jkun jew stampat minn qabel jew magħmul permezz ta' kompjuter, iżda fi kwalunkwe każ, l-istampar tal-linji u tal-karattri għandu jkun ċar u leġibbli u konformi mal-format iddefinit.

2.6. Iċ-Ċertifikat għandu jkun bl-Ingliż, u meta xieraq, b'lingwa oħra jew aktar.

2.7. Id-dettalji li għandhom jitniżżlu fuq iċ-Ċertifikat jistgħu jiġu stampati permezz ta' magna/kompjuter jew miktubin bl-idejn, b'ittri majjuskoli u li jippermettu li jinqraw faċilment.

2.8. Għal aktar ċarezza, it-taqsir ta' kliem għandu jintuża mill-anqas possibbli.

▼M6

2.9. L-entità li toħroġ iċ-Ċertifikat tista' tuża l-vojt li jifdal fuq in-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat biex tniżżel kwalunkwe informazzjoni addizzjonali, li mandankollu ma tista tinkludi l-ebda dikjarazzjoni ta' ċertifikazzjoni. Kwalunkwe użu li jsir min-naħa ta' wara taċ-Ċertifikat għandha ssir referenza għalih fil-kaxxa xierqa fuq in-naħa ta' quddiem taċ-Ċertifikat.

3. KOPJI

3.1. Ma hemm l-ebda limitu għan-numru ta' kopji taċ-Ċertifikat li jistgħu jintbagħtu lill-klijent jew li jistgħu jinżammu mill-entità li toħorġu.

4. ŻBALL/ŻBALJI FIĊ-ĊERTIFIKAT

4.1. F'każ li utent aħħari jsib xi żball/żbalji fuq Ċertifikat, għandu jidentifikah/om bil-miktub lill-entità li tkun ħarġitu. Jekk tkun tista' tivverifika u tikkoreġi l-iżball/żbalji, l-entità li tkun ħarġet iċ-Ċertifikat tista' toħroġ Ċertifikat ġdid.

4.2. Iċ-Ċertifikat il-ġdid għandu jkollu numru ta' referenza tal-formola u data ġodda u jiġi ffirmat mill-ġdid.

4.3. It-talba għal Ċertifikat ġdid tista' tiġi aċċettata mingħajr ma terġa' ssir verifika tal-kundizzjoni tal-oġġett(i). Iċ-Ċertifikat il-ġdid mhuwiex dikjar-azzjoni tal-kundizzjoni attwali tal-oġġett u fil-kaxxa 12 tiegħu għandha ssir referenza għaċ-Ċertifikat preċedenti, permezz ta' din id-dikjarazzjoni; "dan iċ-Ċertifikat jikkoreġi l-iżball/żbalji fil-kaxxa/kaxxi [indika l-kaxxa/kaxxi kkoreġuti] taċ-Ċertifikat [indika n-numru ta' referenza tal-formola oriġinali] tad-data [indika d-data tal-ħruġ oriġinali] u ma jkoprix il-konformità/il-kundizzjoni/ir-rilaxx tal-oġġett għas-servizz". Iż-żewġ Ċertifikati għandhom jinżammu għal tul il-perjodu minimu li għandu jinżamm l-ewwel ċertifikat.

5. Il-MILI TAĊ-ĊERTIFIKAT MILL-ENTITÀ LI TOĦORGU

*Kaxxa 1: Awtorità Kompetenti/pajjiż responsabbli għall-Approvazzjoni*

Indika l-isem u l-pajjiż tal-awtorità kompetenti li dan iċ-Ċertifikat inħareġ taħt il-ġurisdizzjoni tagħha. Jekk l-Awtorità Kompetenti hija l-Aġenzija, indika "EASA" biss.

*Kaxxa 2: Intestatura tal-Formola 1 tal-EASA*

"ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX AWTORIZZAT FORMOLA 1 tal-EASA"

*Kaxxa 3: Numru ta' Referenza tal-Formola*

Indika n-numru uniku stabbilit mis-sistema/proċedura ta' numerazzjoni tal-organizzazzjoni msemmija fil-kaxxa 4; dan in-numru jista' jinkludi karattri alfanumeriċi.

*Kaxxa 4: Isem u Indirizz tal-Organizzazzjoni*

Indika l-isem sħiħ u l-indirizz tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni (agħmel referenza għall-Formola 55 tal-EASA, Paġna A) li qed tirrilaxxa l-oġġett(i) kopert(i) minn dan iċ-Ċertifikat. F'din il-kaxxa jistgħu jintużaw logos, eċċ., tal-organizzazzjoni, sakemm id-daqs tagħhom joqgħod fil-kaxxa.

*Kaxxa 5: Ordni ta' Xogħol/Kuntratt/Fattura*

Sabiex tiffaċilita t-traċċabbiltà tal-oġġett(i) mill-klijent, indika n-numru tal-ordni ta' xogħol, in-numru tal-kuntratt, in-numru tal-fattura jew numru ta' referenza simili.

*Kaxxa 6: Oġġett*

Meta jkun hemm aktar minn linja waħda ta' oġġetti, indika n-numru ta' kull oġġett. Din il-kaxxa tippermetti li t-tqabbil mar-Rimarki tal-kaxxa 12 isir faċilment.

▼M6

*Kaxxa 7: Deskrizzjoni*

Indika l-isem jew id-deskrizzjoni tal-oġġett. Għandha tingħata preferenza għat-terminu li jintuża fl-istruzzjonijiet għall-issoktar tal-ajrunavigabbiltà jew id-dejta dwar il-manutenzjoni (eż., Katalogu Illustrat tal-Komponenti, Manwal tal-Manutenzjoni tal-Inġenji tal-Ajru, Bullettin tas-Servicing, Manwal tal-Manutenzjoni tal-Komponenti).

*Kaxxa 8: In-Numru tal-Parti*

Indika n-numru tal-parti kif jidher fuq l-oġġett jew it-tikketta/l-imballaġġ tiegħu. Fil-każ ta' magna jew skrun, tista' tindika d-deżinjazzjoni tat-tip.

*Kaxxa 9: Kwantità*

Indika l-kwantità ta' oġġetti.

*Kaxxa 10: In-Numru tas-Serje*

F'każ li r-regolamenti jesiġu li l-oġġett għandu jiġi identifikat permezz ta' numru tas-serje, indikah hawnhekk. Jista' jiġi indikat ukoll kwalunkwe numru tas-serje ieħor li mhux meħtieġ b'regolament. Jekk fuq l-oġġett ma jkun hemm ebda numru tas-serje, indika "N/A".

*Kaxxa 11: Status/Xogħol*

Indika "PROTOTIP" jew "ĠDID".

Indika "PROTOTIP" għal:

(i) Il-produzzjoni ta' oġġett ġdid f'konformità ma' dejta tad-disinn mhux approvata.

(ii) Ċertifikazzjoni mill-ġdid maħruġa mill-organizzazzjoni indikata fil-kaxxa 4 taċ-Ċertifikat preċedenti wara li jkun sar xogħol ta' modifika jew ta' tiswija fuq l-oġġett u qabel ma jintuża (eż., wara li jiddaħħal tibdil fid-disinn, tiswija ta' difetti, spezzjoni jew test, jew tiġdid tal-ħajja utli tal-oġġett). Fil-kaxxa 12 għandhom jiġu indikati d-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali flimkien max-xogħol ta' modifika jew ta' tiswija.

Indika "ĠDID" għal:

(i) Il-produzzjoni ta' oġġett ġdid f'konformità ma' dejta tad-disinn approvata.

(ii) Ċertifikazzjoni mill-ġdid maħruġa mill-organizzazzjoni indikata fil-kaxxa 4 taċ-Ċertifikat preċedenti wara li jkun sar xogħol ta' modifika jew ta' tiswija fuq l-oġġett u qabel ma jintuża (eż., wara li jiddaħħal tibdil fid-disinn, tiswija ta' difetti, spezzjoni jew test, jew tiġdid tal-ħajja utli tal-oġġett). Fil-kaxxa 12 għandhom jiġu indikati d-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali flimkien max-xogħol ta' modifika jew ta' tiswija.

(iii) Ċertifikazzjoni mill-ġdid maħruġa mill-manifattur tal-prodott jew mill-organizzazzjoni indikata fil-kaxxa 4 taċ-Ċertifikat preċedenti ta' oġġetti minn "prototip" (konformità ma' dejta mhux approvata biss) għal "ġdid" (konformità ma' dejta approvata u f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu), wara l-approvazzjoni tad-dejta tad-disinn applikabbli, sakemm id-dejta tad-disinn ma tkunx inbidlet. Fil-kaxxa 12 għandha tiddaħħal din id-dikjarazzjoni:

ĊERTIFIKAZZJONI MILL-ĠDID TA' OĠĠETTI MINN "PROTOTIP" GĦAL "ĠDID": DAN ID-DOKUMENT JIĊĊERTIFIKA L-APPROVAZZJONI TAD-DEJTA TAD-DISINN [DAĦĦAL IN-NUMRU TC/STC, IL-LIVELL TA' REVIŻJONI], BID-DATA TA' [JEKK MEĦTIEĠA BIEX ISIR MAGĦRUF FIEX WASLET IR-REVIŻJONI, DAĦĦAL ID-DATA], LI DAN L-OĠĠETT (DAWN L-OĠĠETTI) ĠIE (ĠEW) IMMANIFATTURAT(I) GĦALIHA.

▼M6

Il-kaxxa "dejta tad-disinn approvata u huma f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu" għandha tiġi mmarkata fil-kaxxa 13a.

(iv) Il-kontroll b'reqqa ta' oġġett ġdid li jkun diġà ġie rilaxxat, qabel ma jibda jintuża, skont standard jew speċifikazzjoni speċifikata mill-klijent (id-dettalji ta' dan l-istandard jew din l-ispeċifikazzjoni għandhom jitniżżlu fil-kaxxa 12 flimkien mad-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali) jew biex tiġi stabbilita l-ajrunavigabbiltà tiegħu (fil-kaxxa 12 għandha tiddaħħal spjegazzjoni għalfejn ingħata r-rilaxx flimkien mad-dettalji taċ-ċertifikat tar-rilaxx oriġinali).

*Kaxxa 12: Rimarki*

Iddeskrivi, jew direttament inkella permezz ta' referenza għal dokumenti rilevanti, ix-xogħol indikat fil-Kaxxa 11 li huwa neċessarju biex l-utent jew l-installatur jiddetermina l-ajrunavigabbiltà tal-oġġett(i) fir-rigward tax-xogħol li qed jiġi ċċertifikat. Jekk ikun meħtieġ, tista' tintuża paġna oħra li ssir referenza għaliha fil-Formola 1 tal-EASA. Kull dikjarazzjoni għandha tidentifika b'mod ċar għal liema oġġett(i) tal-Kaxxa 6 tkun qed tirreferi. Jekk ma jkunx hemm dikjarazzjoni, indika "Xejn"

Fil-kaxxa 12 indika r-raġunijiet għar-rilaxx tad-dejta tad-disinn mhux approvata (eż., pendenti minn ċertifikat tat-tip, għall-ittestjar biss, pendenti minn dejta approvata).

Jekk l-istampar tad-dejta jsir minn forma elettronika tal-Formola 1 tal-EASA, f'din il-kaxxa għandha tiġi indikata kwalunkwe dejta li ma tistax tiddaħħal f'kaxxi oħra.

*Kaxxa 13a*

Immarka waħda biss minn dawn iż-żewġ kaxxi:

(1) Immarka l-kaxxa "dejta tad-disinn approvata u huma f'kundizzjoni li jaħdmu mingħajr periklu" jekk l-oġġett(i) jkun(u) ġie(ġew) manifatturat (i) bl-użu ta' dejta tad-disinn approvata u jinstab li hu(huma) f'kundizzjoni li jaħdem(jaħdmu) mingħajr periklu.

(2) Immarka l-kaxxa "dejta tad-disinn mhux approvata indikata fil-kaxxa 12" jekk l-oġġett(i) jkun(u) ġie(ġew) manifatturat(i) bl-użu ta' dejta tad-disinn mhux approvata applikabbli. Fil-kaxxa 12 indika d-dejta (eż., pendenti minn ċertifikat tat-tip, għall-ittestjar biss, pendenti minn dejta approvata).

Mhux permess li fuq l-istess Ċertifikat ikun hemm taħlita ta' oġġetti rilaxxati abbażi ta' dejta tad-disinn approvata u ta' oħrajn rilaxxati abbażi ta' dejta tad-disinn mhux approvata.

*Kaxxa 13b: Firma ta' Persuna Awtorizzata*

F'dan il-vojt għandha tiffirma l-persuna awtorizzata. F'din il-kaxxa jistgħu jiffirmaw biss dawk il-persuni li jkunu awtorizzati speċifikament permezz tar-regoli u l-politiki tal-awtoritajiet kompetenti. Biex il-firma tintgħaraf aħjar, jista' jitniżżel ukoll numru uniku li jidentifika lill-persuna awtorizzata.

*Kaxxa 13c: Numru tal-Approvazzjoni/Awtorizzazzjoni*

Indika n-numru/r-referenza tal-approvazzjoni/awtorizzazzjoni, Dan in-numru, jew referenza, jinħareġ mill-awtorità kompetenti.

*Kaxxa 13d: Isem*

Indika, b'mod leġibbli, l-isem tal-persuna li tiffirma fil-kaxxa 13b.

*Kaxxa 13e: Data*

Indika d-data li fiha tiġi ffirmata l-kaxxa 13b. Din id-data għandha jkollha format ta' jj = jum f'żewġ ċifri, xxx = l-ewwel 3 ittri tax-xahar, ssss = is-sena f'erba' ċifri.

▼**M6**

*Kaxxi 14a-14e*

Rekwiżiti Ġenerali għall-kaxxi 14a-14e:

Dawn il-kaxxi ma jintużawx għar-rilaxx tal-produzzjoni. Skura l-kaxxi jew l-ittri, jew immarkahom b'xi mod ieħor, biex jiġi evitat li jintużaw b'mod mhux intenzjonat jew mhux awtorizzat.

*Responsabbiltajiet tal-Utent/Installatur*

Daħħal d-dikjarazzjoni ta' hawn taħt fiċ-Ċertifikat biex tinnotifika lill-utenti aħħarin li mhumiex eżentati mir-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tal-installazzjoni u l-użu ta' kwalunkwe oġġett li jkollu l-formola miegħu:

"DAN IĊ-ĊERTIFIKAT MA JAWTORIZZAX B'MOD AWTOMATIKU T-TWETTIQ TAL-INSTALLAZZJONI.

META L-UTENT/INSTALLATUR IWETTAQ XOGĦOL SKONT IR-REGOLI TA' AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ LI MHIX L-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ SPEĊIFIKATA FIL-KAXXA 1, IKUN ESSENZJALI LI L-UTENT/INSTALLATUR JIŻGURA LI L-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ TIEGĦU TAĊĊETTA OĠĠETTI MILL-AWTORITÀ TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ SPEĊIFIKATA FIL-KAXXA 1. ID-DIKJARAZZJONIJIET TAL-KAXXI 13A U 14A MA JIKKOSTITWIXXUX ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLAZZJONI. FI KWALUNKWE KAŻ, IR-REKORDS TAL-MANUTENZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU GĦANDU JKOLLHOM ĊERTIFIKAT TAL-INSTALLAZZJONI MAĦRUĠ MILL-UTENT/INSTALLATUR SKONT IR-REGOLAMENTI NAZZJONALI, QABEL MA L-INĠENJI TAL-AJRU JKUNU JISTGĦU JITTAJRU."

▼M6

*Appendiċi II*

**Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà – Formola 15a tal-EASA**

[STAT MEMBRU]

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (*)

**ĊERTIFIKAT TA' REVIZJONI TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ**

Referenza ARC: ......................

Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-[AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU] b'dan tiċċertifika li l-inġenju tal-ajru li ġej:

Manifattur tal-inġenju tal-ajru: ..................................................

Isem il-manifattur: ..................................................

Reġistrazzjoni tal-inġenju tal-ajru: ..................................................

Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru: ..................................................

fil-mument ta' reviżjoni ġie meqjus bħala tajjeb biex jintuża fl-ajru.

Data tal-ħruġ: .......................... Data tal-iskandenza: ..........................

Iffirmat: .......................... Numru tal-awtorizzazzjoni: ..........................

L-ewwel estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tar-reviżjoni ġie meqjus bħala tajjeb biex jintuża fl-ajru.

Data tal-ħruġ: .......................... Data tal-iskandenza: ..........................

Iffirmat: .......................... Numru tal-awtorizzazzjoni: ..........................

Isem il-kumpanija: .......................... Referenza tal-approvazzjoni: ..........................

It-tieni estensjoni: L-inġenju tal-ajru baqa' f'ambjent ikkontrollat skont il-punt M.A.901 tal-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 għas-sena li għaddiet. Fil-mument tar-reviżjoni ġie meqjus bħala tajjeb biex jintuża fl-ajru.

Data tal-ħruġ: .......................... Data tal-iskandenza: ..........................

Iffirmat: .......................... Numru tal-awtorizzazzjoni: ..........................

Isem il-kumpanija: .......................... Referenza tal-approvazzjoni: ..........................

Formola 15a tal-EASA, Edizzjoni 3

(*) Ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE.

▼M4

| Competent authority logo | **PERMIT TO FLY** |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (*) | |
| This permit to fly is issued pursuant to Regulation (EC) No 1592/2002, Article 5(3)(a) and certifies that the aircraft is capable of safe flight for the purpose and within the conditions listed below and is valid in all Member States<br><br>This permit is also valid for flight to and within non-Member States provided separate approval is obtained from the competent authorities of such States: | 1. Nationality and registration marks: |
| 2. Aircraft manufacturer/type: | 3. Serial No: |
| 4. The permit covers: *[purpose in accordance with 21A.701(a)]* | |
| 5. Holder: *[in case of a permit to fly issued for the purpose of 21A.701(a)(15) this should state: 'the registered owner']* | |
| 6. Conditions/remarks: | |
| 7. Validity period: | |
| 8. Place and date of issue: | 9. Signature of the competent authority representative: |

EASA Form 20a.

(*) For use by State of Registry.

▼M4

| | |
|---|---|
| Member State of the Competent Authority having issued the organisation approval under which the permit to fly is issued; or<br><br>'EASA' when approval issued by EASA | **PERMIT TO FLY** |

| | |
|---|---|
| Name and Address of the organisation issuing the permit to fly | (*) |
| This permit to fly is issued pursuant to Regulation (EC) No 1592/2002, Article 5(3)(a) and certifies that the aircraft is capable of safe flight for the purpose and within the conditions listed below and is valid in all Member States.<br><br>This permit is also valid for flight to and within non-Member States provided separate approval is obtained from the competent authorities of such States. | 1. Nationality and registration marks: |
| 2. Aircraft manufacturer/type: | 3. Serial No: |
| 4. The permit covers: *[purpose in accordance with 21A.701(a)]* | |
| 5. Holder: *[Organisation issuing the permit to fly]* | |
| 6. Conditions/remarks: | |
| 7. Validity period: | |
| 8. Place and date of issue: | 9. Authorised signature:<br><br>Name:<br><br>Approval Reference No: |

EASA Form 20b

(*) For use by Organisation Approval holder.

▼M6

►C2 *Appendiċi V* ◄

**Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà Ristrett – Formola 24 tal-EASA**

LOGO tal-awtorità kompetenti

**ĊERTIFIKAT TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ RISTRETT**

| | | |
|---|---|---|
| (*) | [Stat Membru tar-reġistrazzjoni]<br>[L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU] | (*) |
| 1. Nazzjonalità u marki tar-reġistrazzjoni | 2. Manifattur u isem il-manifattur tal-inġenju tal-ajru | 3. Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru |
| 4. Kategoriji | | |
| 5. Dan iċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà qed jinħareġ skont (**) [il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata 7 ta' Diċembru 1944] u r-Regolament (KE) Nru 216/2008, Artikolu 5(4)(b) fir-rigward tal-inġenju tal-ajru msemmi hawn fuq li huwa meqjus bħala tajjeb biex jintuża fl-ajru meta jinżamm u jitħaddem skont ma hawn iddikjarat u l-limitazzjonijiet operattivi rilevanti.<br>Flimkien ma' dan, japplikaw ukoll dawn ir-restrizzjonijiet:<br>(*)<br>(**) [L-inġenju tal-ajru jista' jintuża għal navigazzjoni internazzjonali minkejja r-restrizzjonijiet imsemmija hawn fuq].<br>Data tal-ħruġ: Firma: | | |
| 6. Dan iċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà Ristrett huwa validu sakemm ma jiġix revokat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.<br>Ma' dan iċ-Ċertifikat għandu jiġi mehmuż Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà attwali. | | |

Formola 24 tal-EASA, Edizzjoni 2.

**Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm abbord tul ;it-titjiriet kollha**

(*) Għall-użu mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.
(**) Ħassar kif applikabbli

▼M6

►C2 *Appendiċi VI* ◄

**Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà – Formola 25 tal-EASA**

LOGO tal-awtorità kompetenti

**ĊERTIFIKAT TAL-AJRUNAVIGABBILTÀ**

| | | |
|---|---|---|
| (*) | [Stat Membru tar-reġistrazzjoni]<br>[L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU] | (*) |
| 1. Nazzjonalità u marki tar-reġistrazzjoni | 2. Manifattur u isem il-manifattur tal-inġenju tal-ajru | 3. Numru tas-serje tal-inġenju tal-ajru |
| 4. Kategoriji | | |
| 5. Dan iċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà qed jinħareġ skont il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali datata 7 ta' Diċembru 1944 u r-Regolament (KE) Nru 216/2008, Artikolu 5(2)(c) fir-rigward tal-inġenju tal-ajru msemmi hawn fuq li huwa meqjus bħala tajjeb biex jintuża fl-ajru meta jinżamm u jitħaddem skont ma hawn iddikjarat u l-limitazzjonijiet operattivi rilevanti.<br>Limitazzjonijiet/Rimarka:<br>(*)<br>Data tal-ħruġ: Firma: | | |
| 6. Dan iċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà huwa validu sakemm ma jiġix revokat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.<br>Ma' dan iċ-Ċertifikat għandu jiġi mehmuż Ċertifikat ta' Reviżjoni tal-Ajrunavigabbiltà attwali. | | |

Formola 25 tal-EASA, Edizzjoni 2

**Dan iċ-ċertifikat għandu jinżamm abbord tul it-titjiriet kollha**

(*) Għall-użu mill-Istat tar-Reġistrazzjoni.

▼M3

<table>
<tr><td colspan="2">Għall-użu mill-Istat tar-reġistrament</td><td colspan="2">1. L-Istat tar-reġistrazzjoni</td><td colspan="2">3. In-numru tad-dokument:</td></tr>
<tr><td colspan="6">2. CERTIFIKAT TAL-ĦOSS</td></tr>
<tr><td colspan="2">4. Nazzjonalità u marki tar-reġistrazzjoni:<br>......................................................</td><td colspan="2">5. Il-Manifattur u Desinjazzjoni tal-Manifattur ta' l-Inġenju ta' l-Ajru:<br>......................................................</td><td colspan="2">6. In-Numru tas-Serje ta' l-Inġenju ta' l-Ajru:<br>......................................................</td></tr>
<tr><td colspan="3">7. Magna:<br>..................................................................................</td><td colspan="3">8. Skrun: (*)<br>..................................................................................</td></tr>
<tr><td colspan="2">9. Il-Massa Massima għat-Tlugħ (kg)<br>......................................................</td><td colspan="2">10. Massa Massima għall-Inżul (kg) (*)<br>......................................................</td><td colspan="2">11. Ċertifikazzjoni Standard tal-Ħoss:<br>......................................................</td></tr>
<tr><td colspan="6">12. Modifiki addizzjonali inkorporati għall-għan ta' konformità ma' l-istandards ta' ċertifikazzjoni tal-ħoss:<br>..............................................................................................................................................</td></tr>
<tr><td>13. Il-Livelltal-Ħoss Laterali/Bil-magni miftuħin kollha (*)<br>..............................</td><td>14. Il-Livell tal-Ħoss meta jkunsejillandja l-ajruplan (*)<br>..............................</td><td>15. Il-Livell tal-Ħoss meta l-ajruplan itir fuq l-ajruport (*)<br>..............................</td><td>16. Il-Livell tal-Ħoss meta l-ajruplan ikun għaddej mill-għoli (*)<br>..............................</td><td colspan="2">17. Il-Livelltal-Ħoss mat-Tlugħ (*)<br>..............................</td></tr>
<tr><td colspan="6">Rimarki</td></tr>
<tr><td colspan="6">18. Dan iċ-Ċertifikat tal-Ħoss huwa maħruġ skond l-Anness 16, Volume I għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ddatata s-7 ta' Diċembru, 1944 u r-Regolament (KE) Nru 1592/2002, Artikolu 6 fir-rigward ta' l-inġenju ta' l-ajru msemmi hawn fuq, li huwa meqjus li jikkonforma ma' l-istandard ral-ħoss indikat meta miżmum u mħaddem skond ir-rekwiżiti rilevanti u l-limiti ta' tħaddim.<br>19. Data .................................................................. 20. Firma ..............................................................</td></tr>
</table>

EASA Formola 45.

(*) Dawn il-Kaxxi jistgħu jitħallew barra skond iċ-ċertifikat standard tal-ħom.

▼M6

►C2 *Appendiċi VIII* ◄

**Dikjarazzjoni tal-konformità tal-Inġenji tal-Ajru – Formola 52 tal-EASA**

<table>
<tr><td colspan="3">DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ TAL-INĠENJI TAL-AJRU</td></tr>
<tr><td>1. Stat tal-manifattura</td><td>2. [STAT MEMBRU] (*) Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**)</td><td>3. Nru. ta' Ref. tad-Dikjarazzjoni:</td></tr>
<tr><td colspan="3">4. Organizzazzjoni</td></tr>
<tr><td colspan="2">5. Tip ta' inġenju tal-ajru</td><td>6. Referenzi taċ-ċertifikat tat-tip</td></tr>
<tr><td colspan="2">7. Reġistrazzjoni jew Marka tal-Inġenju tal-Ajru</td><td>8. Nru ta' Identifikazzjoni tal-manifattur</td></tr>
<tr><td colspan="3">9. Dettalji tal-Magna/Skrun (***)</td></tr>
<tr><td colspan="3">10. Modifiki u/jew Bullettini tas-Servicing (***)</td></tr>
<tr><td colspan="3">11. Direttivi tal-Ajrunavigabbiltà</td></tr>
<tr><td colspan="3">12. Konċessjonijiet</td></tr>
<tr><td colspan="3">13. Eżenzjonijiet, Rinunzji jew Derogi (***)</td></tr>
<tr><td colspan="3">14. Rimarki</td></tr>
<tr><td colspan="3">15. Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà</td></tr>
<tr><td colspan="3">16. Rekwiżiti Addizzjonali</td></tr>
<tr><td colspan="3">17. Dikjarazzjoni tal-Konformità<br><br>B'dan qed jiġi ċċertifikat li dan l-inġenju tal-ajru jikkonforma bis-sħiħ mad-disinn taċ-ċertifikat tat-tip u mal-elementi indikati fil-kaxxi 9, 10, 11, 12 u 13 ta' hawn fuq.<br><br>L-inġenju tal-ajru jinsab f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.<br><br>L-inġenju tal-ajru ġie ttestjat waqt titjira u ta riżultati sodisfaċenti.</td></tr>
<tr><td>18. Iffirmat</td><td>19. Isem</td><td>20. Data (j/x/s)</td></tr>
<tr><td colspan="3">21. Referenza tal-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni</td></tr>
</table>

Formola 52 tal-EASA, Edizzjoni 2

(*) jew EASA, meta l-awtorità kompetenti tkun l-EASA
(**) Ħassar meta ma jkunx Stat Membru tal-UE jew EASA
(***) Ħassar kif applikabbli

▼M6

**Struzzjonijiet għall-mili tad-Dikjarazzjoni tal-Konformità tal-Inġenji tal-Ajru Formola 52 tal-EASA**

1. SKOP U AMBITU

1.1. L-użu tad-Dikjarazzjoni tal-Konformità maħruġa mill-manifattur li jipproduċi skont il-Parti 21, Taqsima A, Subparti F huwa deskritt fil-punt 21A.130, kif huma deskritti wkoll il-mezzi korrispondenti u aċċettabbli ta' konformità.

1.2. L-iskop tad-Dikjarazzjoni tal-Konformità tal-inġenji tal-ajru (Formola 52 tal-EASA) maħruġa skont il-Parti 21, Taqsima A, Subparti G huwa li jippermetti d-detentur ta' approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni xierqa jeżerċita l-privileġġ li jikseb ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà għal inġenju tal-ajru individwali mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

2. ĠENERALI

2.1. Id-Dikjarazzjoni tal-Konformità għandha tkun konformi mal-format mehmuż, inkluż in-numri tal-kaxxi u l-pożizzjoni ta' kull kaxxa. Madankollu, id-daqs ta' kull kaxxa jista' jiġi aġġustat skont il-ħtieġa tal-applikazzjoni individwali, iżda mhux tant li d-Dikjarazzjoni tal-Konformità ma tibqax tintgħaraf. F'każ ta' dubju, staqsi lill-awtorità kompetenti.

2.2. Id-Dikjarazzjoni tal-Konformità tista' tkun jew stampata minn qabel jew magħmula permezz ta' kompjuter, iżda fi kwalunkwe każ, l-istampar tal-linji u tal-karattri għandu jkun ċar u leġibbli. Il-kliem tad-Dikjarazzjoni tal-Konformità stampata minn qabel jista' jsir bħal ma jidher fil-mudell mehmuż, iżda ma tista' ssir ebda dikjarazzjoni oħra ta' ċertifikazzjoni.

2.3. Il-mili tal-formola jista' jsir jew billi jiġi stampat permezz ta' magna/-kompjuter jew miktub bl-idejn, b'ittri majjuskoli u li jippermettu li jinqraw faċilment. Bħala lingwa jista' jintuża l-Ingliż, u meta jkun il-każ, tista' tintuża l-lingwa (jew aktar minn lingwa waħda) uffiċjali tal-Istat Membru li joħroġ il-formola.

2.4. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata għandha żżomm kopja tad-Dikjarazzjoni u tad-dokumenti annessi kollha.

3. Il-MILI TAD-DIKJARAZZJONI TAL-KONFORMITÀ MILL-ENTITÀ LI TOĦROGHA

3.1. Sabiex id-dokument ikun dikjarazzjoni valida, għandhom jimtlew il-Kaxxi kollha.

3.2. Ma tista' tinħareġ ebda Dikjarazzjoni tal-Konformità lill-awtorità kompetententi tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni qabel ma jiġu approvati d-disinn tal-inġenju tal-ajru u l-prodotti installati fuqu.

3.3. L-informazzjoni meħtieġa fil-Kaxex 9, 10, 11, 12, 13 u 14 tista' tiġi indikata permezz ta' referenza għal dokumenti speċifiċi oħra arkivjati min-naħa tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni, sakemm l-awtorità kompetenti ma tiftehimx mod ieħor.

3.4. Id-Dikjarazzjoni tal-Konformità mhix imfassla biex tinkludi dawk l-elementi ta' tagħmir li jistgħu jkunu meħtieġa jiġu installati għaż-żamma ta' konformità mar-regoli operattivi applikabbli. Madankollu, xi wħud mill-elementi individwali jistgħu jitniżżlu fil-Kaxxa 10 jew fid-disinn tat-tip approvat. Għaldaqstant, l-operaturi għandhom jiġu mfakkra li huma responsabbli li jiżguraw iż-żamma ta' konformità mar-regoli operattivi applikabbli għall-operazzjonijiet li jwettqu.

*Kaxxa 1*

Indika isem l-Istat tal-manifattura.

▼M6

*Kaxxa 2*

L-awtorità kompetenti li d-Dikjarazzjoni tal-Konformità tinħareġ bl-awtorità tagħha.

*Kaxxa 3*

F'din il-Kaxxa, għandu jiġi stampat minn qabel numru tas-serje uniku, għal skopijiet ta' kontroll u traċċabbiltà tad-Dikjarazzjoni. Dan, għajr meta d-dokument ikun magħmul permezz ta' kompjuter u ma jkunx neċessarju li n-numru jiġi stampat minn qabel peress li l-kompjuter ikun programmat biex jipproduċi u jistampa numru uniku.

*Kaxxa 4*

L-isem sħiħ u l-indirizz tal-organizzazzjoni li toħroġ id-dikjarazzjoni. Din il-Kaxxa tista' tiġi stampata minn qabel. F'din il-kaxxa jistgħu jintużaw logos, eċċ., sakemm id-daqs tagħhom joqgħod fil-kaxxa.

*Kaxxa 5*

It-tip tal-inġenju tal-ajru kif definit fiċ-ċertifikat tat-tip u l-iskeda informattiva assoċjata.

*Kaxxa 6*

In-numri ta' referenza taċ-ċertifikat tat-tip u l-edizzjoni korrispondenti għall-inġenju tal-ajru suġġett taċ-ċertifikat.

*Kaxxa 7*

Jekk l-inġenju tal-ajru jkun reġistrat, din il-marka tkun dik tar-reġistrazzjoni. Jekk l-inġenju tal-ajru ma jkunx reġistrat, din il-marka għandha tkun dik li ġiet aċċettata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru u, jekk applikabbli, mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz.

*Kaxxa 8*

In-numru ta' identifikazzjoni assenjat mill-manifattur għal skopijiet ta' kontroll u traċċabbiltà u għall-appoġġ tal-prodott. Xi drabi, dan in-numru jissejjaħ Numru tas-Serje tal-Manifattur jew Numru tal-Kostruttur.

*Kaxxa 9*

It-tip(i) tal-magna u tal-iskrun, speċifikati b'mod sħiħ, kif definit fiċ-ċertifikat tat-tip rilevanti u l-iskeda informattiva assoċjata. Għandhom jiġu indikati wkoll in-Nru. ta' identifikazzjoni tal-manifattur u l-indirizz tiegħu.

*Kaxxa 10*

Modifiki fid-disinn approvati għad-Disinn tal-Inġenju tal-Ajru.

*Kaxxa 11*

Lista tad-direttivi tal-ajrunavigabbiltà (jew ekwivalenti) kollha li huma applikabbli u dikjarazzjoni tal-konformità, flimkien ma' deskrizzjoni tal-metodu applikat biex tiġi żgurata l-konformità tal-inġenju tal-ajru individwali suġġett taċ-ċertifikat, inklużi l-prodotti u l-komponenti, apparat u tagħmir installati. Għandu jiġi indikat ukoll kwalunkwe limitu ta' żmien li fih trid tintlaħaq il-konformità.

*Kaxxa 12*

Devjazzjonijiet mhux intenzjonati mid-disinn tat-tip approvat, li xi drabi jissejħu konċessjonijiet, diverġenzi jew non-konformità.

*Kaxxa 13*

F'din il-kaxxa jistgħu jitniżżlu biss l-eżenzjonijiet, ir-rinunzji jew id-derogi li jkun intlaħaq ftehim dwarhom.

▼M6

*Kaxxa 14*

Rimarki. Kwalunkwe dikjarazzjoni, informazzjoni, dejta partikolari jew limitazzjoni li tista' taffettwa l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru. Jekk ma jkunx hemm informazzjoni jew dejta ta' dan it-tip, indika; “XEJN”.

*Kaxxa 15*

Indika jew “Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà”, jew “Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà Ristrett”, jew iċ-Ċertifikat tal-Ajrunavigabbiltà rikjest.

*Kaxxa 16*

F'din il-Kaxxa għandhom jiġu indikati r-rekwiżiti addizzjonali, bħal dawk innotifikati mill-pajjiż li jkun qed jimporta.

*Kaxxa 17*

Biex id-Dikjarazzjoni tal-Konformità tkun valida, il-Kaxxi ta' din il-formola għandhom jimtlew kollha bl-informazzjoni kollha meħtieġa. Id-detentur tal-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni għandu jarkivja kopja tar-rapport tat-titjira bi prova flimkien ma' kwalunkwe difetti reġistrati u dettalji ta' tiswijiet. Ir-rapport għandu jiġi ddikjarat bħala sodisfaċenti u ffirmat mill-persunal li jiċċertifika xieraq u minn membru tal-ekwipaġġ, eż., il-pilota tat-test jew l-inġinier tat-titjir bi prova. It-titjir bi prova mwettaq huwa dak definit fis-sistema ta' kontroll tal-kwalità, kif stabbilit bil-punt 21A.139, b'mod partikolari l-punt 21A.139(b)(1)(vi), biex jiġi żgurat li l-inġenju tal-ajru jikkonforma mad-dejta tad-disinn applikabbli u li jinsab f'kundizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.

Id-detentur tal-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni għandu jarkivja lista tal-oġġetti pprovduti (jew li jitqiegħdu disponibbli) biex tinżamm il-konformità mal-aspetti ta' din id-dikjarazzjoni relatati mat-tħaddim mingħajr periklu tal-inġenju tal-ajru.

*Kaxxa 18*

Id-Dikjarazzjoni tal-Konformità tista' tiġi ffirmata mill-persuna awtorizzata mid-detentur tal-approvazzjoni tal-produzzjoni skont il-punt 21A.145(d). Għall-firma, ma jistax jintuża timbru.

*Kaxxa 19*

L-isem tal-persuna li jiffirma ċ-ċertifikat għandu jiġi ttajpjat jew stampat b'mod leġibbli.

*Kaxxa 20*

Indika d-data ta' meta ġiet iffirmata d-Dikjarazzjoni tal-Konformità.

*Kaxxa 21*

Indika r-referenza tal-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti.

▼B

**ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ**

[ISEM TA' L-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI APPROVATA]

**Referenza ta' l-approvazzjoni ta' l-organizzazzjoni tal-produzzjoni:**

**Ċertifikat tar-rilaxx għas-servizz f'konformità ma' 21A.163(d).**

Ajruplan: . . . . . . . . . . . . . . Tip: . . . . . . . . . . . . . Nru tal-Kostruttur/Reġistrazzjoni: . . . . . . . . . . . . . .

saret il-manutenzjoni fuqu kif speċifikat fl-Ordni tax-Xogħol: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Deskrizzjoni fil-qosor ta' xogħol li sar:

**Tiċċertifika**li x-xogħol speċifikat sar f'konformità ma' 21A.163(d) u b'dan ix-xogħol li sar l-ajruplan issa huwa meqjus bħala tajjeb biex jiġi rilaxxat għas-servizz, u għalhekk huwa f'kondizzjoni li jaħdem mingħajr periklu.

L-I*staff* li qed Jiċċertifika (isem):

(firma):

Post:

Data: . . - . . - . . . . . (ġurnata, xahar, sena).

AESA Formola 53

▼B

**ĊERTIFIKAT TAR-RILAXX GĦAS-SERVIZZ – AESA FORMOLA 53**

STRUZZJONIJIET TAT-TKOMPLIJA

Il-Blokk DESKRIZZJONI FIL-QOSOR TAX-XOGĦOL LI SAR li jidher fil-FORMOLA 53 ta' l-AESA għandu jinkludi referenza għall-informazzjoni approvata li tkun intużat biex isir ix-xogħol.

Il-Blokk POST li jidher fil-FORMOLA 53 ta' l-AESA jirreferi għall-post fejn tkun saret il-manutenzjoni, u mhux il-post tal-faċilitajiet ta' l-organizzazzjoni (jekk differenti).

▼M6

►C2 *Appendiċi X* ◄

**Ċertifikati ta' Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni li jissemmew fis-Subparti G tal-Anness (Parti 21) — Formola 55 tal-EASA**

Paġna 1 minn …

[STAT MEMBRU] (*)

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

**ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI**

Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].21G.XXXX

Skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li attwalment jinsabu fis-seħħ, u suġġett għall-kundizzjoni speċifikata hawn taħt, [L-AWTORITÀ KOMPETENTI TAL-ISTAT MEMBRU] b'dan tiċċertifika:

[L-ISEM U L-INDIRIZZ TAL-KUMPANIJA]

bħala organizzazzjoni tal-produzzjoni f'konformità mal-Anness (Parti 21), Taqsima A, Subparti G tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, approvata biex timmanifattura prodotti, komponenti u apparat elenkati fl-iskeda ta' approvazzjoni mehmuża u biex toħroġ ċertifikati relatati billi tuża r-referenzi msemmija hawn fuq.

KUNDIZZJONIJIET:

1. Din l-approvazzjoni hija limitata għal dak speċifikat fit-termini tal-approvazzjoni mehmużin, u
2. teħtieġ iż-żamma tal-konformità mal-proċeduri speċifikati fl-espożizzjoni tal-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata, u
3. hija valida sakemm l-organizzazzjoni tal-produzzjoni approvata tibqa' f'konformità mal-Anness (Parti 21) tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.
4. Suġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet hawn indikati, din l-approvazzjoni għandha tibqa' valida għal żmien mhux limitat sakemm l-approvazzjoni ma tkunx preċedentement ġiet ċeduta, sostitwita, sospiża jew revokata.

Data tal-ħruġ oriġinali: ……………………………………………

Data ta' din ir-reviżjoni: ……………………………………………

Nru tar-reviżjoni: ……………………………………………

Iffirmat: ……………………………………………

Għall-awtorità kompetenti: [IDENTIFIKAZZJONI TAL-AWTORITÀ KOMPETENTI (*)]

Formola 55a tal-EASA, Edizzjoni 2

(*) jew EASA, meta l-awtorità kompetenti tkun l-EASA.

(**) Ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE.

▼M6

| [STAT MEMBRU] (*)<br>Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**) | **Temini tal-Approvazzjoni** | TA: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].21G.XXXX |
|---|---|---|

| |
|---|
| Dan id-dokument huwa parti mill-Approvazzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni Numru [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].21G.XXXX maħruġa lil:<br>Isem il-kumpanija: |
| Taqsima 1. **AMBITU TAX-XOGĦOL:** |

| PRODUZZJONI TA' | PRODOTTI/KATEGORIJI |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

| |
|---|
| Id-dettalji u l-limitazzjonijiet jinsabu fl-Espożizzjoni tal-Produzzjoni tal-Organizzazzjoni, Taqsima xxx |
| Taqsima 2. **LOKALITÀ:** |
| Taqsima 3. **PRIVILEĠĠI:** |
| |
| organizzazzjoni tal-Produzzjoni għandha d-dritt li teżerċita, fit-Termini tal-Approvazzjoni u f'konformità mal-proċeduri tal-Espożizzjoni tagħha bħala Organizzazzjoni tal-Produzzjoni, il-privileġġi esposti fil-punt 21A.163. Suġġett għal dan li ġej: |
| *[inkludi biss il-kliem applikabbli]* |
| Qabel l-approvazzjoni tad-disinn tal-prodott, il-Formola 1 tal-EASA tista' tinħareġ biss għal skopijiet ta' konformità. |
| Id-Dikjarazzjoni tal-Konformità ma tistax tinħareġ għal inġenju tal-ajru mhux approvat. |
| Il-manutenzjoni tista' titwettaq, f'konformità mat-Taqsima xxx tal-Espożizzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni, sakemm tkun meħtieġa l-konformità mar-regolamenti tal-manutenzjoni. |
| Il-permessi għat-titjir jistgħu jinħarġu f'konformità mat-Taqsima yyy tal-Espożizzjoni tal-Organizzazzjoni tal-Produzzjoni. |

| | |
|---|---|
| Data tal-ħruġ oriġinali: | Iffirmat: |
| Data ta' din ir-reviżjoni: | |
| Nru tar-reviżjoni: | Għal [IDENTIFIKAZZJONI TAL-AWTORITÀ KOMPETENTI (*)] |

Formola 55b tal-EASA, Edizzjoni 2

(*) jew EASA, meta l-awtorità kompetenti tkun l-EASA.
(**) Ħassar meta l-Istat ma jkunx Stat Membru tal-UE.

▼M6

►C2 *Appendiċi XI* ◄

**Ittra ta' Ftehim – Formola 65 tal-EASA - imsemmija fis-Subparti F tal-Anness (Parti 21)**

[STAT MEMBRU] (*)

Stat Membru tal-Unjoni Ewropea (**)

**ITTRA TA' FTEHIM GĦALL-PRODUZZJONI MINGĦAJR L-APPROVAZZJONI TAL-ORGANIZZAZZJONI TAL-PRODUZZJONI**

[L-ISEM TAL-APPLIKANT]
[L-ISEM TAD-DITTA (jekk differenti)]
[L-INDIRIZZ SĦIĦ TAL-APPLIKANT]
Data (Jum, Xahar, Sena)
Referenza: [KODIĊI TAL-ISTAT MEMBRU (*)].21F.XXXX

Sinjuri,

Is-sistema ta' spezzjoni tal-produzzjoni tiegħek ġiet evalwata u nstab li hija konformi mat-Taqsima A, Subparti F tal-Anness (Parti 21) tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

Għalhekk, suġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, naċċettaw li il-wiri tal-konformità tal-prodotti, komponenti u apparat imsemmija hawn taħt tista' ssir skont it-Taqsima A, Sibparti F tal-Anness (Parti 21) tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

| | **Nru. ta' unitajiet** | **P/N** | **S/N** |
|---|---|---|---|
| INĠENJI TAL-AJRU | | | |
| KOMPONENTI | | | |

Il-kundizzjonijiet li ġejjin japplikaw għal dan il-ftehim:

(1) Huwa validu sakemm [Isem il-Kumpanija] tibqa' konformi mat-Taqsima A, Subparti F tal-Anness (Parti 21) tar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

(2) Jeħtieġ iż-żamma tal-konformità mal-proċeduri speċifikati fil-Manwal ta' [Isem il-Kumpanija] Ref./Data tal-ħruġ

(3) Jintemm fi ............................................

(4) Id-Dikjarazzjoni tal-Konformità maħruġa minn [Isem il-Kumpanija] skont id-dispożizzjonijiet tal-punt 21A.130 tar-regolament imsemmi hawn fuq għandha tiġi vvalidata mill-awtorità li toħroġ din l-ittra ta' ftehim skont il-proċedura ................................ tal-Manwal imsemmi hawn fuq.

(5) [Isem il-Kumpanija] għandha tinnotifika lill-awtorità li toħroġ din l-ittra ta' ftehim immedjatament bi kwalunkwe tibdil li jseħħ fis-sistema ta' spezzjoni tal-produzzjoni u li jista' jaffettwa l-ispezzjoni, il-konformità, jew l-ajrunavigabbiltà tal-prodotti u l-komponenti elenkati f'din l-ittra.

Għall-awtorità kompetenti: [IDENTIFIKAZZJONI TAL-AWTORITÀ KOMPETENTI (*)]

Data u Firma

Formola 65 tal-EASA, Edizzjoni 2

(*) jew EASA, meta l-awtorità kompetenti tkun l-EASA.